Ħarġa nru. 30 – Settembru 2009

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar

## Kampjonat BOV Premier

Msida SJ u Hamrun Spartans lura fl-ogħla diviżjoni minflok Vittoriosa Stars u Marsaxlokk, p4



## Intervista

Sergio Afric u t-tim nazzjonali Malti tal-Waterpolo, p30



## Regatta Jum il-Vitorja

L-Isla tirbaħ ir-regatta tat-8 ta' Settembru, p40



## Seagull Chaudron fl-ewwel post fil-Klassi Supersport

» p42

# Aaron Ciantar Champion tal-P1

KMS • SNOOKER • BOXING • WATERPOLO • ASM • ŻWIEMEL • FORMULA 1 • REGATTA • GOZO SPORTS • KUMITAT OLIMPIKU MALTI • REGATTA

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta

IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK


The time to excel is now!
EXCEL
CISK
EXCEL
LOW CARBOHYDRATE LAGER BEER
CISK
EXCEL
LOW CARBOHYDRATE LAGER BEER
Cut the carbs. Keep the taste.
www.ciskexcel.com



## Settembru

Ix-xahar ta' Settembru, 2009, se jkun wieħed li jibqa' mfakkar fl-istorja tal-isport Malti. F'diversi dixxiplini Malta ddistingwiet ruħha fost nazzjonijiet kbar u ta' fama fl-isport mondjali. Fid-dixxiplina tal-Powerboats, għat-tieni sena konsekuttiva, Aaron Ciantar sar Champion tad-dinja fil-Klassi Supersport. Unur ieħor li jagħti sodisfazzjon kbir lil pajjiżna. Unur mistħoqq għal Aaron u għall-familja Ciantar.

Fil-Waterpolo kellna riżultat ieħor pożittiv, anzi ferm aktar, għaliex fil-Kampjonati Ewropej li se nilagħbu fihom, it-tim Malti kien għadu qatt ma wasal qabel. Fil-fatt l-iskwadra mmexxija minn Sergio Afric irnexxielha tikkwalifika għall-Kampjonati Ewropej li se jsiru fil-Kroazja u li minnhom mistennija jikkwalifikaw sitt timijiet biex jingħaqdu mal-aqwa sitt nazzjonijiet Ewropej. Illum Malta tinsab fost l-aqwa għoxrin tim fl-Ewropa.

Iżda dan ix-xahar mhux se jibqa' mfakkar biss għal dawn is-suċċessi. Fil-kamp tal-futbol lokali ukoll seħħew affarijiet li qatt qabel ma kienu seħħu. Illum u lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar, kollox jidher li ġej lura f'postu, iżda tant seħħew kontroversji matul dawn l-aħħar xhur, li xejn m'hu eskluż. Bħalissa l-importanti li l-Premier jerġa' jibda! Dwar sitwazzjonijiet oħra fadal staġun sħiħ biex niddiskutu u nieħdu azzjoni.

SPORTIV, ħarġa oħra mimlija sports, ħarġa oħra għall-familja kollha.

**Björn Vassallo - Editur**




Jekk tixtieq tixtri Back Issues ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tnizżel id-dettalji neċċessarji.


NO PARKING PROBLEMS!

▸PARK & SAVE CARD

A park and save card offers you substantial discount. The card is loaded with €50 offering a 20% discount during weekdays. When the €50 are exhausted just top up again.

▸CONTRACT CARD

A convenient and cheaper method of payment for customers that regularly use the Portomaso Car Park. You could be saving up to 20% on your parking by purchasing a Contract Card for more than One year.

▸WEEKEND PRE PAY DISCOUNT

This is a quick and more convenient way to pay for parking within the Portomaso Car Park. Avoiding having to queue upon your return to your vehicle, benefit from 8% Discount on standard tariff rate.

*Terms and conditions apply

PORTOMASO CAR PARK

Portomaso Car Park • Level -2
T: 2310 3503 • E: portomasocarpark@tumas.com


TUMAS


mazda
The New Mazda 3 is here
ZOOM-ZOOM
7/7
7% Interest for up to 7 years
on Hire Purchase Payments
mazda
GASAN
GROUP OF COMPANIES
PART EXCHANGE? NO PROBLEM!
Gasan Automotive Centre, Mriehel Bypass, Mriehel BKR3000 Tel: 27788200 Fax: 27442007 email: automotive@gasan.com
Gozo Garage, 5 Sir Luigi Camilleri Str, Victoria Gozo Tel: 21551866 / 21553734 Fax: 21556866 email: gozogarage@vjborg.com
Website: www.gasan.com








SPORTIV

Ħarġa nru 30
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar
**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikaturi
Norman Darmanin Demajo
Paul Falzon

Editur
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@yahoo.com

Riklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

Cover - Powerboats P1

UNION PRINT CO. LTD
**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**

# Werrej

4 **Analiżi**
Jirritorna l-Kampjonat

6 **Malta v Svezja**
Nitilfu b'auto-goal sfortunat

10 **Riżultati FIFA**
L-akbar sfida bejn l-iSvezja u l-Portugal

14 **Kampjonat BOV Premier**
Msida SJ u Ħamrun Spartans minflok
Vittoriosa Stars u Marsaxlokk

17 **Kompetizzjoni Knock-Out**
Tibda l-kompetizzjoni għall-klabbs tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni

20 **YFA**
Staġun ieħor...

22 **KMS**
Aktar ħidma mill-Kunsill Malti għall-iSport

30 **Intervista**
Sergio Afric
u t-tim nazzjonali Malti tal-Waterpolo

34 **Storja tal-Futbol Malti**
Tkompli l-istorja...

38 **KOM**
Issir it-Tielet edizzjoni tal-Mediterranean Friendship Games

40 **Regatta**
L-Isla tirbaħ ir-Regatta ta' Jum il-Vitorja

42 **Powerboats**
Aaron Ciantar
Champion tad-dinja

44 **Waterpolo**
Malta tikkwalifika
għall-Kampjonati Ewropej

46 **Snooker**
Tony Drago jidħol
lura fil-World Tour

48 **Gozo Sports**
Inawgurat il-ground
fis-Sannat

52 **Żwiemel**
Esperjenza sabiħa f'Sqallija

56 **Formula 1**
Rubens Barichello jersaq viċin Jenson Button fil-klassifika ġenerali

60 **Storja tar-Regatta**
Tkompli mill-ħarġa ta' qabel...

64 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Jirritorna l-

Wara nuqqas ta' kważi xahar, il-Kampjonat BOV Premier jirritorna b'żewġ timijiet ġodda, Msida St. Joseph u Hamrun Spartans, iż żewġ timijiet li kienu spiċċaw fid-disa' u l-għaxar post tal-klassifika matul l-istaġun li għadda. Għalissa se jkunu huma li se jimlew il-postijiet vakanti li ħallew Vittoriosa Stars u Marsaxlokk rispettivament, b'din it-telenovela tkun definittivament mitmuma hekk kif jiġu fi tmiemhom l-appelli u jinqatgħu l-kawżi quddiem it-tribunal indipendenti.

Insomma wara kważi sena minn mindu faqqa l-ewwel każ u wara li għal xhur twal smajna minn kollox u ddiskutejna fuq kollox, issa jidher li l-affarijiet ġew lura f'posthom u fil-fatt nistgħu ngħidu li dak li tkompla l-bieraħ, il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, se jkun kampjonat regolarissimu.

Ma rridx niġi miftiehem ħażin - regolari mhux għaliex twarrbu Vittoriosa Stars u Marsaxlokk, iżda għaliex wara dan iż-żmien kollu ta' stennija, il-Bord li jinvestiga Atti ta' Korruzzjoni fil-Futbol, ħareġ b'sentenzi li kulħadd, jaqbel jew ma jaqbilx irid joqgħod għalihom.

Anke l-MFA kellha toqgħod għal dak li mpona l-bord, tant, li dak li ġara matul l-aħħar ġimgħat, sar proprju biex kollox jiġi f'postu hekk kif stabbilit mill-bord u mis-sentenzi li ħareġ. Personalment naħseb li kienet l-aħjar deċiżjoni li setgħet tittieħed, dik li jitwaqqaf kollox sakemm kulħadd ikollu stampa aktar ċara ta' x'kien se jseħħ, b'hekk stajna nħallu lill-bord u lil dawk kompetenti jaħdmu fil-kalma u fl-istess waqt ma nkomplux inkabbru l-ferita.

Illum ngħid li d-danni ġew limitati. Ħadt gost fil-laqgħa tal-Kunsill tal-MFA nara lill-membri tal-klabbs jiddiskutu u jressqu l punti tagħhom. Kollox ġie deċiż fi ftit sigħat u ma kienx hemm tqanqil jew storbju, kif ħasbu li se jkun hemm xi nies, li bdew jistennew bil-ħerqa l-eżitu minn dik il-laqgħa tal-31 ta' Awwissu li għadda. Anzi l-klabbs dehru sodi fl-argumenti tagħhom, dehru jafu xi jridu, dehru deċiżi li ma joħorġux minn dik il-kamra b'idejhom vojta u finalment kienu ppremjati u spiċċa rebaħ il-futbol Malti. Biex wara dik il-laqgħa l-affarijiet komplew jiżvolġu u llum għandna bażi biex tiggwidana.




Dawk l-atti li seħħew, fl-2009, għandhom jitfakkru bħala storiċi għall-futbol Malti. Konna nafu li dan il-mitt Kampjonat kien se jibqa' mfakkar għall anniversarju li jġib miegħu u għall-kompetizzjoni li se torganizza l-MFA biex tfakkar dawn il-100 sena ta' futbol organizzati mill-Assoċjazzjoni f'pajjiżna, iżda li kien se jibqa' mfakkar ukoll għall-



minn Björn Vassallo

# kampjonat



fatti li esperjenzajna matul is-sajf u l-bidu ta' dan il-kampjonat, ftit kienu jaħsbuha.

Il-ġrajjiet ta' dan il-kampjonat se jkomplu jiktbu parti oħra mill-istorja tal-futbol Malti, parti li m'għandhiex preċedent, iżda li għandha sservi bħala tagħlima għall-futur tal-futbol f'pajjiżna. Dak li ġara u li wassal biex il-kampjonat ikun sospiż u pospost, m'għandux jerġa' jiġri aktar u dan għall-ġid komuni tal-klabbs membri, tal-Assoċjazzjoni u tal-logħba. Irridu nagħmlu ċert li minn din il-ġrajja kollha nkunu ħadna lezzjoni u fejn għandna mhux konformi jew fejn għadna m'aħniex koperti, għandna naġġornawh għall-ġranet tal-lum u dan biex ħadd ma jibqa lura jew ikun iddiskriminat. B'sens ta' maturità u kif ġara matul ix-xhur li għaddew, għandna neħdu dawk il-passi kollha neċessarji biex inkomplu nistabillixu u nibnu fuq li diġà għandna.

Iżda issa li se jirritorna l-kampjonat l-attenzjoni tagħna lkoll iddur fuq il-logħob, fuq it-timijiet u l-antagoniżmu li jġib miegħu dan l-avveniment. Jekk nagħtu ħarsa għal dak li rajna jseħħ f'Awwissu, mingħajr tlaqliq ngħidu li għalkemm l-istaġun li għadda ħalliena kważi kollha ssummati għal kif Valletta kkrollaw quddiem Hibernians u Sliema Wanderers, dan l-istaġun il-Beltin jidhru li se jivvendikaw mill-passat u jekk jistgħu ma jħallux trofew wieħed għall-avversarji. It-tim qawwi li kellhom, kompla jieħu l-forma b'akkwisti kbar għal dan il-pajjiż u, bla dubju, jibdew bħala l-favoriti netti li jirbħu l-100 Kampjonat fl-istorja tal-futbol Malti. Bħalhom Sliema Wanderers ukoll għamlu akkwisti mportanti, iżda s'issa dawn għadhom mhux jikkonvinċu, jew fl-ewwel logħbiet ma tawx dik l-impressjoni.

Fuq Hibernians ftit nistgħu ngħidu għalissa, jekk mhux li jridu jerġgħu jibdew mill-bidu, kull ma lagħbu kienet logħba waħda, logħba li ġiet nulla u li jridu jirkuprawha fil-ġimgħat li ġejjin. Fosthom it-timijiet kollha, huma dawn it-tlieta li jidhru li se jisfidaw għall-unuri, bl-oħrajn jiġġieldu għat-tliet postijiet l-oħra li jserrħulek rasek miż-żona l-ħamra, filwaqt li l-aħħar erbgħa, jridu jew ma jridux, se jkollhom jiġġieldu biex isalvaw posthom mal-kbar.

Kif ġraw l-affarijiet u b'xi timijiet ikollhom jilgħabu b'dak li għandhom sakemm f'Jannar jinfetaħ is-suq tat-trasferimenti, il-vantaġġ tal-avversarji jista' jkun determinanti f'dan l-istadju u għalkemm din taf tkun il-kawża għal xi kundanna lejn it-tmiem, xorta waħda nemmen li l-Kampjonat għandu jintlagħab b'għaxar timijiet minflok bi tmienja kif kien issuġerit.

Watch LIVE
Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt


L-awtur tal-ewwel goal u l-aħjar plejer fil-pitch, Heldon Ramos



Jamie Pace fl-azzjoni

# Telfa għal Malta f'wirja diżappuntanti

Bħala parti mill-preparamenti għal-logħba kontra Svezja, valida mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2010, Malta ospitat lit-tim ta' Cape Verde mill-kontinent Afrikan, fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, li iżda, ħarġet telliefa bl-iskor ta' 2-0 f'wirja diżappuntanti.

Il-kowċ Malti, John Buttigieg, kellu jgħaddi mingħajr diversi plejers, fosthom Alex Muscat, Gilbert Agius u l-goalkeeper Mario Muscat, minħabba li kienu mweġġgħin iżda kienet tidher evidenti n-nuqqas ta' ħeġġa u motivazzjoni mill-plejers Maltin, tant, li matul l-ewwel taqsima offrew prestazzjoni patetika li fiha sofrew iż-żewġ goals tal-partita.

Kollettivament il-plejers Maltin kienu biss id-dell tal-partita ta' ħbiberija kontra Georgia li fiha ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0 u li nċidentalment kienet l-ewwel logħba fit-tmexxija ta' Buttigieg.

Din il-partita kellha tkun l-istimolu biex il-plejers Maltin jinżlu b'moral għoli kontra t-tim qawwi tal-Isvezja (ħamest ijiem wara). Iżda kienu neqsin mill-ideat u ħallew lill-avversarji jirbħu l-inizjattiva biex ma kienet l-ebda sorpriża li jiftħu l-iskor fil-15-il minuta meta Brian Said deher iwaqqa' lil Montero Adilson waqt li kien f'pożizzjoni tajba li jaqbeż lill-goalkeeper, Andrew Hogg, biex jixħet il-ballun fix-xibka. Fortunatament għall-Maltin, Said intwera biss il-karta s-safra. Mill-11-il metru Ramos Heldon ma żbaljax.

Jekk l-ewwel goal wasal minn penalty, it-tieni goal kien kapolavur meta minn azzjoni ta' corner, Montero Adilson, qabad lid-difiża Maltija statika għal kollox biex minn pożizzjoni angolata, bir-ras, irnexxielu jsammar il-ballun fis-saqaf tax-xibka bi preċiżjoni kbira. Kien goal inaċċettabbli minn żona "mejta".

Kien biss lejn tmiem l-ewwel taqsima li l-Maltin kienu insidjużi iżda bl-illużjoni tal-goal, ix-xutt ta' Michael Mifsud ħabat man-naħa ta' barra tax-xibka, bil-goalkeeper avversarju, Fredso Tavarez, megħlub għal kollox.

Matul it-tieni taqsima, il-Maltin ħarġu mill-qoxra difensiva u anke qasmu l-logħob ma' Cape Verde iżda rari resqu lejn il-lasti avversarji għajr xi attakk iżolat. Iżda min-naħa l-oħra l-anqas Cape Verde ma resqu lejn Justin Haber li daħal bħala sostitut fil-post ta' Andrew Hogg.


It-tim nazzjonali Malti


It-tim nazzjonali tal-Cape Verde



Brian Said u Claudio Auguiar flimkien mat-terna arbitrali

**Logħba ta' Ħbiberija**

04.09.2009 - 20.30 hrs

**Malta 0**

**Cape Verde 2**

R. Heldon 15 pen, M. Adilson 40

HT 0-2 Stadium Nazzjonali

**Malta** – Andrew Hogg (Justin Haber 46), Manny Muscat (Andrei Agius 84), Brian Said (Jonathan Caruana 68), Ryan Fenech, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Andrew Cohen, Clayton Failla, Andre Schembri (Sean Bajada 46), Kenneth Scicluna, Jamie Pace (Kevin Sammut 75)
Kowċ – John Buttigieg

**Cape Verde** – Fredso Tavares (Ernesto Soares 92), Pedro Cardoso (Victor Moreno 80), Adilson Monteiro, Odysseu Ramos (Borges Valter 68), Fernando Neves, Dario Furtado, Claudio Aguiar (Duarte Rodirloy 71), Elvis Macedo, Adilson Arauso (Amado Walder 32), Ricardo Silva, Heldon Ramos (Pedro Moreira 83)
Kowċ – Jose De Deus

**Referee** – Luca Banti (Italja)
**Assistenti** – Philip Agius, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – B. Said, C. Failla (M), R. Odysseu (CV),Yanchev, F. Raimy (M)

# Irbaħ ma'

TeamSporT

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Minn liema pajjiż Ewropew kien ir-referee li kkontrolla l-logħba bejn Malta u Svezja?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mit-20 ta' Ottubru 2009:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 29 hija:*
**Michael Mifsud**
*u r-rebbieħa huma (1) Rinus Dahles - Marsascala (2) Nicolette Aquilina - Għargħur (3) Norman Vella - San Ġwann*



1



2



3




Andrew Hogg jidher isalva qabel Olaf Mellberg seta' jikkonkludi

# Noħorġu b'idejna vojta permezz ta' goal sfortunat

**B'wirja mpressjonanti, Malta kienu disa' minuti biss 'il bogħod milli jiksbu riżultat prestiġġjuż hekk kif sofrew awto-goal sfortunat biex ta rebħa mqanżħa lill-Isvezja liema logħba kienet valida mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2010, li l-edizzjoni finali se tintlagħab f'Ġunju li ġej, fl-Afrika t'Isfel.**

B'dan ir-riżultat l-Isvediżi baqgħu jittamaw li, f'Ġunju li ġej, ikunu minn fost it-32 finalisti meta fadlilhom żewġ logħbiet – away mad-Danimarka u home mal-Albanija hekk kif jinsabu fit-tieni post ta' Grupp 1, tliet punti taħt il-leaders Danimarka u żewġ punti fuq il-Portugall u l-Ungerija.

Minkejja din t-telfa, wieħed jista' faċilment jiddeskrivi din il-prestazzjoni bħala waħda mill-aqwa għat-tim Malti fl-aħħar xhur, fejn il-plejers Maltin qamu għall-okkażjoni wara l-kritika li rċevew għad-diżappunt tat-telfa ta' 2-0 fil-partita ta' ħbiberija, kontra Cape Verde, ħamest ijiem qabel.

Il-Maltin kienu trasformati għal din il-logħba li matulha dehru tattikament dixxiplinati u għarfu jevitaw ċertu żbalji elementari li tant saħaq dwarhom il-kowċ John Buttigieg fil-ftit ġimgħat li ilu jmexxi lit-tim nazzjonali.

L-aktar tliet plejers li spikkaw kienu Andrew Cohen, Gilbert Agius u l-gowlkiper Andrew Hogg li kienu l-istimolu għal sħabhom li qatt ma taw ruħhom b'mirbuħa minkejja li kienu qed jiffaċċjaw minn fost il-ġganti tal-futbol mondjali.

Iċ-ċapċip imqanżaħ mill-partitarji Svediżi u l-espressjoni fuq wiċċ il-plejers mas-suffara finali kienu evidenti li l-kamp tagħhom ma kienx kuntent li ħareġ mill-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, b'din ir-rebħa minima u fuq kollox li l-gowl wasal minn awto-gowl.

Iżda min-naħa l-oħra konna aħna li ħriġna b'idejna vojta u din ir-rebħa kompliet timbotta lill-avversarji tagħna fit-tentattiv li, f'Ottubru li ġej, jaqtgħu l-biljett tagħhom lejn il-kontinent Afrikan.

L-ewwel taqsima kienet forsi aħjar għat-tim Malti fejn ħloqna l-ewwel


Il-ferħ tal-partitarji Svediżi wara li marru fil-vantaġġ


Partitarji Maltin jappoġġaw lit-tim

okkażjoni, fit-13-il minuta, meta Michael Mifsud minn pożizzjoni angolata kkonkluda dgħajjef wara suġġeriment ta' Jamie Pace. Żewġ minuti wara, azzjoni solita fuq ix-xellug ta' Ibrahimovic, kontinwament ibbuwjat mill-pubbliku Malti, li bil-cross-shot tiegħu kien għoddu ħasad lill-gowlkiper Andrew Hogg, bil-ballun iżda jgħaddi ftit barra.

Fil-25 minuta l-Maltin reġgħu kienu perikolużi. Gilbert Agius għadda pass intelliġenti lejn Mifsud li min-naħa tiegħu ta lura lejn Cohen li minn tarf il-kaxxa venven xutt li ħareġ l-aħjar tal-eks gowlkiper ta' Manchester City, Isaksson.

Fit-tieni taqsima, l-Isvejza, konxji li l-ħin huwa kontra tagħhom, ħarġu aħjar u resqu viċin fit-48 minuta iżda konna fortunati li l-konklużjoni ta' Kallstrom ħabtet mal-lasta l-wieqfa u spiċċat barra. Ir-risposta Maltija waslet eżatt qabel is-siegħa logħob, iżda Alex Muscat ma sfruttax l-opportunità u xxuttja fjakk wara pass tajjeb ta' Cohen.

Fil-61 minuta s-sostitut Svediż Tobias Hysen ixxuttja fuq l-ewwel lasta, bil-ballun jgħaddi barra biex ħames minuti wara reġa' kien Hysen li ra d-daqqa ta' ras tiegħu tmur ftit barra.

L-Isvejza komplew jippressaw u, fis-70 minuta, Johann Elmander ikkonkluda ftit barra biex żewġ minuti wara rrispondew il-Maltin b'kontrattakk tipiku ta' Mifsud li kkonkluda ftit għoli wara li ġera madwar 40 metru.

F'ħin meta bdejna nemmnu li seta' jasal riżultat storiku, fil-81 minuta, waslet id-daqqa mortali. L-azzjoni Svediża bdiet minn throw-in fuq ix-xellug ta' Rasmus Elm, bil-ballun b'xi mod jispiċċa għand Marcus Berg fil-kaxxa u hekk kif Ian Azzopardi pprova jinterċetta l-cross-shot tiegħu, kien sfortunat li l-ballun ħabat ma' koxxtu u spiċċa fix-xibka Maltija.

**Tazza tad-Dinja 2010**

**09.09.2009 - 18.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **0** |
| **Svezja** | **1** |
| I. Azzopardi 81 o.g. | |
| **HT 0-0 Stadium Nazzjonali** | |

**Malta** – Andrew Hogg, Manny Muscat, Ian Azzopardi, Brian Said, Alex Muscat (Roderick Briffa 62), Gilbert Agius, Michael Mifsud, Andrew Cohen, Sean Bajada (Clayton Failla 73), Kenneth Scicluna, Jamie Pace

*Kowċ* – John Buttigieg

**Svezja** – Andreas Isaksson, Mikael Nilsson, Olof Mellberg, Daniel Majstorovic, Behrang Safari, Rasmus Elm, Samuel Holmen (Tobias Hysen 58), Anders Svensson (Marcus Berg 71), Kim Kallstrom, Zlatan Ibrahimovic, Johann Elmander (Sebastian Larsson 83)

*Kowċ* – Lars Lagerback

**Referee** – Adrian McCourt (Irlanda ta' Fuq)

**Assistenti** – John McDowell, Paul Munn (Irlanda ta' Fuq)

**Raba' Uff.** – David Malcolm (Irlanda ta' Fuq)

**Ammoniti** – B. Safari (S); M. Mifsud (M)


Il-bank Malti mmexxi mill-kowċ John Buttigieg


Ian Azzopardi jipprova jwaqqaf lil Johan Elmander


Il-kowċ Svediż, Lars Lagerback


It-tim Malti


It-tim Svediż

# L-akbar sfida bejn l-iSvezja u l-Portugal









## Grupp 1

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Budapest | UNG | 1:2 | SVE |
| 05/09 | Copenhagen | DAN | 1:1 | POR |
| 09/09 | Ta' Qali | MAL | 0:1 | SVE |
| 09/09 | Tirana | ALB | 1:1 | DAN |
| 09/09 | Budapest | UNG | 0:1 | POR |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Danimarka | 8 | 5 | 3 | 0 | 18 |
| Svezja | 8 | 4 | 3 | 1 | 15 |
| Portugal | 8 | 3 | 4 | 1 | 13 |
| Ungerija | 8 | 4 | 1 | 3 | 13 |
| Albanija | 9 | 1 | 4 | 4 | 7 |
| Malta | 9 | 0 | 1 | 8 | 1 |

## Grupp 2

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Chisinau | MOL | 0:0 | LUS |
| 05/09 | Basel | SVI | 2:0 | GRE |
| 05/09 | Ramat Gan | IŻR | 0:1 | LAT |
| 09/09 | Ramat Gan | IŻR | 7:0 | LUS |
| 09/09 | Chisinau | MOL | 1:1 | GRE |
| 09/09 | Riga | LAT | 2:2 | SVI |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Svizzera | 8 | 5 | 2 | 1 | 17 |
| Grecja | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 |
| Latvja | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 |
| Iżrajel | 8 | 3 | 3 | 2 | 12 |
| Lussemburgu | 8 | 1 | 2 | 5 | 5 |
| Moldova | 8 | 0 | 3 | 5 | 3 |

## Grupp 3

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Bratislava | SLO | 2:2 | ĊEK |
| 05/09 | Chorzow | POL | 1:1 | IRL |
| 09/09 | Uherske | ĊEK | 7:0 | SAN |
| 09/09 | Belfast | IRL | 0:2 | SLO |
| 09/09 | Maribor | SLO | 3:0 | POL |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Slovakkja | 8 | 6 | 1 | 1 | 19 |
| Slovenja | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 |
| Irlanda ta' Fuq | 9 | 4 | 2 | 3 | 14 |
| Rep. Ċeka | 8 | 3 | 3 | 2 | 12 |
| Polonja | 8 | 3 | 2 | 3 | 11 |
| San Marino | 9 | 0 | 0 | 9 | 0 |

## Grupp 4

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | San Pietruburgu | RUS | 3:0 | LIE |
| 05/09 | Lankaran | AŻE | 1:2 | FIN |
| 09/09 | Vaduz | LIE | 1:1 | FIN |
| 09/09 | Cardiff | WAL | 1:3 | RUS |
| 09/09 | Hanover | ĠER | 4:0 | AŻE |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ġermanja | 8 | 7 | 1 | 0 | 22 |
| Russja | 8 | 7 | 0 | 1 | 21 |
| Finlandja | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 |
| Wales | 8 | 3 | 0 | 5 | 9 |
| Azerbaijan | 8 | 0 | 2 | 6 | 2 |
| Liechtenstein | 8 | 0 | 1 | 7 | 1 |

## Grupp 5

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Yerevan | ARM | 0:2 | BOŻ |
| 05/09 | Kayseri | TUR | 4:2 | EST |
| 05/09 | La Coruna | SPA | 5:0 | BEL |
| 09/09 | Zenica | BOŻ | 1:1 | TUR |
| 09/09 | Yerevan | ARM | 2:1 | BEL |
| 09/09 | Merida | SPA | 3:0 | EST |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 8 | 8 | 0 | 0 | 24 |
| Bosnija-Herzeg. | 8 | 5 | 1 | 2 | 16 |
| Turkija | 8 | 3 | 3 | 2 | 12 |
| Belġju | 8 | 2 | 1 | 5 | 7 |
| Estonja | 8 | 1 | 2 | 5 | 5 |
| Armenja | 8 | 1 | 1 | 6 | 4 |

## Grupp 6

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Kiev | UKR | 5:0 | AND |
| 05/09 | Zagreb | KRO | 1:0 | BEL |
| 09/09 | Londra | ING | 5:1 | KRO |
| 09/09 | Minsk | BEL | 0:0 | UKR |
| 09/09 | Andorra La Vella | AND | 1:3 | KAZ |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ingilterra | 8 | 8 | 0 | 0 | 24 |
| Kroazja | 9 | 5 | 2 | 2 | 17 |
| Ukrajna | 8 | 4 | 3 | 1 | 15 |
| Belarus | 8 | 3 | 1 | 4 | 10 |
| Kazakhstan | 8 | 2 | 0 | 6 | 6 |
| Andorra | 9 | 0 | 0 | 9 | 0 |

## Grupp 7

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Graz | AWS | 3:1 | FAR |
| 05/09 | Saint-Denis | FRA | 1:1 | RUM |
| 09/09 | Toftir | FAR | 2:1 | LIT |
| 09/09 | Bucharest | RUM | 1:1 | AWS |
| 09/09 | Belgrad | SER | 1:1 | FRA |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Serbja | 8 | 6 | 1 | 1 | 19 |
| Franza | 8 | 4 | 3 | 1 | 15 |
| Awstrija | 8 | 3 | 2 | 3 | 11 |
| Litwanja | 8 | 3 | 0 | 5 | 9 |
| Rumanija | 8 | 2 | 3 | 3 | 9 |
| Gżejjer Faroe | 8 | 1 | 1 | 6 | 4 |

## Grupp 8

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Sofia | BUL | 4:1 | MON |
| 05/09 | Nicosia | ĊIP | 1:2 | IRL |
| 05/09 | Tbilisi | ĠEO | 0:2 | ITL |
| 09/09 | Podgorica | MON | 1:1 | ĊIP |
| 09/09 | Turin | ITL | 2:0 | BUL |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 8 | 6 | 2 | 0 | 20 |
| Rep. Irlanda | 8 | 4 | 4 | 0 | 16 |
| Bulgarija | 8 | 2 | 5 | 1 | 11 |
| Ċipru | 8 | 1 | 3 | 4 | 6 |
| Montenegro | 8 | 0 | 5 | 3 | 5 |
| Ġeorġja | 8 | 0 | 3 | 5 | 3 |

## Grupp 9

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05/09 | Glasgow | SKO | 2:0 | MAĊ |
| 05/09 | Reykjavik | IŻL | 1:1 | NOR |
| 09/09 | Glasgow | SKO | 0:1 | OLA |
| 09/09 | Oslo | NOR | 2:1 | MAĊ |

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Olanda | 8 | 8 | 0 | 0 | 24 |
| Norveġja | 8 | 2 | 4 | 2 | 10 |
| Skozja | 8 | 3 | 1 | 4 | 10 |
| Maċedonja | 8 | 2 | 1 | 5 | 7 |
| Iżlanda | 8 | 1 | 2 | 5 | 5 |



Ritchie Kitoko (numru 2) jidher jiskorja f'lasti vojta

# It-tielet telfa għall-Maltin minn daqstant logħbiet

It-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena sofra telfa oħra fi Grupp 8 ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonati Ewropej, meta safa megħlub mill-Belġju bl-iskor ta' 1-0. Din kienet it-tielet telfa minn daqstant partiti għaż-żgħażagħ Maltin fejn għadhom ukoll qed ifittxu li jsibu x-xibka għall-ewwel darba.

Iżda minkejja din it-telfa il-prestazzjoni tal-plejers Maltin kienet waħda sodisfaċenti meta wieħed iqis li bosta minn dawn ma kellhomx l-esperjenza neċessarja f'dan il-livell internazzjonali.

Wara li sofrew gowl fl-ewwel nofs siegħa logħob, il-Maltin ippruvaw jagħmlu reazzjoni iżda sabu quddiemhom tim determinat u attent speċjalment fid-difiża biex l-isforzi tal-Maltin bdew jisfumaw fix-xejn. Iżda jekk id-difiża Belġjana kienet attenta daqstant ieħor kienet dik Maltija li fit-tieni taqsima nnewtralizzat dak kollu li kien mitfugħ lejha.

Kienet ħasra li f'mument ta' nċertezza l-Belġjani approfittaw permezz ta' Richie Kitoko li għeleb lill-goalkeeper Malti, Henry Bonello, fit-33 minuta, liema skorer jista' jilgħab fil-Kampjonat Taljan meta ġie misluf lil Udinese migħand il-klabb Spanjol ta' Albacete.

Mill-bqija għalkemm l-avversarji gawdew mill-inizjattiva, il-Maltin għalqu l-ispazji neċessarji fejn kien hemm mumenti li l-Belġjani dehru ffrustrati li ma setgħux ikabbru l-iskor. Anke jekk forsi ħarġu minn Ta' Qali bit-tliet punti iżda xejn ma dehru sodisfatti bir-riżultat ta' 1-0. Dan kien kollu mertu tal-kowċ Edwin Camilleri (li niżel għal din il-partita b'tattika ta' konteniment) u l-plejers li obdew id-direttivi tiegħu.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin kellhom ukoll il-mument tagħhom – dan wasal fl-74 minuta, fejn wara nuqqas ta' attenzjoni fid-difiża Belġjana, Ben Camilleri ma għarafx japprofitta, fejn minkejja li waħdu quddiem il-gowlkiper Simon Mignolet għamel l-impossibbli u xeħet għoli.

Fil-ħin miżjud, il-Maltin spiċċaw jilagħbu b'għaxar plejers meta tkeċċa d-difensur ta' Sliema Wanderers, Clifford Gatt Baldacchino, wara li ntwera t-tieni karta safra mir-referi mill-Moldova, Igor Satchi.



John Mintoff jipprova jagħmel rovexxjata lejn il-lasta Belġjana



Warren Chircop jipprova jgħaddi bejn żewġ avversarji

**Kampjonati Ewropej U21**

04.09.2009 - 18.00 hrs
**Malta** 0
**Belġju** 1
R. Kitoko 33
HT 0-1 National Stadium

**Malta** – Henry Bonello, Steve Borg, Ryan Camilleri, Tyrone Farrugia, Clifford Gatt Baldacchino, George Gribbon, John Mintoff (Miguel Ciantar 88), Mark Scerri, Joseph Zerafa, Warren Chicop (Ben Camilleri 58), Terence Vella (Karl Pulo 90)
Kowċ – Edwin Camilleri

**Belġju** – Simon Mignolet, Richie Kitoko, Naim Aarab, Daan Van Gijseghem, Jeremy Huyghebaert, Radja Nainggolan, Joachim Mununga (Stijn Wuytens 85), Vadis Odjidja-Ofoe, Jelle Vossen (Romelu Boningoli 64), Sven Kums (Bia Mujangi 46), Mehdi Gonzalez
Kowċ – Jean Francois De Sart

**Referee** – Igor Satchi (Moldova)
**Assistenti** – Vitali Gorbatov, Serghei Trofan (Moldova)
**Raba' Uff.** – Vaeceslav Banari (Moldova)
**Ammoniti** – G. Gribbon, M. Scerri, T. Farrugia, B. Camilleri, C. Gatt Baldacchino (M); V. Odjidja-Ofoe, S. Wuytens (B)
**Tkeċċa** – C. Gatt Baldaccino 93 (M)


DIADORA
My Island, My Pride
PROUD SPONSORS OF MALTA NATIONAL FOOTBALL TEAM
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
adidas
Billabong
SPEEDO
DIADORA
Sixtus
lotto
Reebok

UEFA WOMEN'S CHAMPIONSHIP®

# Malta issofri telfa kbira



Dorianne Theuma fl-azzjoni

Bħal ma kien mistenni, l-ewwel logħba fil-grupp ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja tas-sena 2011 għat-tim nazzjonali tan-nisa rriżultat f'telfa kbira kontra t-tim nazzjonali Spanjol bl-iskor ta' 13-0.

Il-kowċ Malti, Pierre Brincat, konxju mill-qawwa tat-tim Spanjol, għażel li jibda din il-logħba bi pjan difensiv ta' 4-1-4-1 iżda sa l-Ispanjoli ħarġu aggressivi bl-intenzjoni tkun dik li jiksbu t-tliet punti bi skor kbir.

Matul l-ewwel minuti l-Maltin bdew jilqgħu tajjeb lill-avversarji, iżda fis-sitt minuta l-Ispanjoli fetħu l-iskor permezz ta' SILVIA MESEGEUR.

Dan il-gowl witta t-triq għall-Ispanjoli li jiskurjaw aktar gowls u sa tmiem l-ewwel taqsima kienu qed igawdu vantaġġ ta' tmien gowls.

Fil-fatt, ADRIANA MARTIN żiedet il-vantaġġ għal 3-0 b'żewġ gowls fit-12 u 19-il minuta rispettivament u fis-26 minuta SONIA BERMUDEZ għamlet l-iskor 4-0.

Fl-aħħar 15-il minuta tal-ewwel taqsima t-tim immexxi minn Ignacio Gueredo kompla kabbar l-iskor għal 7-0 b'gowls ta' MARTIN fil-31 minuta, ANA ROMERO minuta wara u BERMUDEZ fis-36 u 38 minuta rispettivament biex l-ewwel taqsima għalqet bl-iskor ta' 8-0.

Għat-tieni taqsima l-Ispanjoli komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ fejn anki sforz l-għejja, il-plejers Maltin aktar bdew isibuha diffiċli jwaqqfu l-furja Spanjola, tant, li bdew jikkommettu numru ta' żbalji elementari difensivi li ssarrfu f'aktar gowls.

MARTIN għamlet l-iskor 9-0 fit-52 minuta filwaqt li minuta wara l-Ispanjoli skurjaw l-għaxar gowl tagħhom permezz ta' VERONICA BOQUETE.

Wara dan il-gowl il-Maltin, b'xi mod, irnexxielhom jikkontrollaw l-attakki Spanjoli minkejja li kien hemm xi okkażjonijiet tajba ta' skor sakemm fit-68 minuta ROMERO għamlet l-iskor 11-0 meta sabet ruħha żmarkata quddiem Sharon Costantino.

Fil-75 minuta l-iskor kompla jikber għal 12-0 permezz ta' BOQUETE li xeħtet ġewwa mill-qrib wara li Costantino kien salvat parzjalment penalti mogħti minn Martin.

Fil-ħin miżjud l-Ispanjoli għamlu l-iskor 13-0 meta ROMERO tefgħet il-ballun ġewwa bir-ras fil-ħin miżjud.


Azzjoni f'nofs il-pitch


Il-Maltin jidhru jiddefendu l-pussess tal-ballun

**Tazza tad-Dinja 2011**

**20.09.2009 - 17.00 hrs**

**Malta 0**

**Spanja 13**
S. Meseguer 6, A. Martin 12, 19, 31, 52, S. Bermudez 26, 36, 38, A. Romero 32, 68, 92 V. Boquete 53, 75

HT 0-8 **Centenary Stadium**

**Malta** Sharon Costantino, Rebecca Chircop, Chantal Fenech (Charlene Zammit 70), Natasha Pace, Maria Azzopardi (Kimberly Parnis 43), Dorianne Theuma, Mandy Debono, Rebecca D'Agostino, Rachael Cuschieri, Ylenia Carabott, Emma Xuereb (Gabriella Zahra 80)
*Coach* – Pierre Brincat
**Spanja** – Ainhoa Tirapu, Melisa Nicolau, Ruth GArcia, Marta Torreson, Sonia Vesea (Ana Maria Escribano, Sandra Vilanova, Sonia Bermudez (Maria Josè Perez, Silvia Meseguer (Raquel Pena 74), Veronica Boguete, Adriana Martin, Ana Romero
*Kowċ* – Ignacio Quereda Lavina
**Referee** – Silvia Tea Spinelli (Italja)
**Assistenti** – Cristina Cini, Romina Santuari (Italja)
**Raba' Uff.** – Silvio Tanti (Malta)
**Ammoniti** – G. Zahra (M), S. Bermudez (S)




Njongo Priso (Valletta) jidher janticipa lil Bernard Paris (Floriana)

Joseph Okonkwo (Dingli) f'azzjoni ma' Emil Yanchev (Marsaxlokk)

# Il-kampjonat ikompli fis-26 ta' Settembru

| Nru. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Hin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 21.08.09 | GEERT DEN OUDEN | VALLETTA | v | Birkirkara | 1.27 min | 1-0 | National Stadium |
| 2 | 21.08.09 | SYLVANO COMVALIUS | BIRKIRKARA | v | Valletta | 1.37 min | 1-1 | National Stadium |
| 3 | 21.08.09 | TERENCE SCERRI | VALLETTA | v | Birkirkara | 1.57 min | 2-1 | National Stadium |
| 4 | 21.08.09 | TERENCE SCERRI | VALLETTA | v | Birkirkara | 1.70 min | 3-1 | National Stadium |
| 5 | 22.08.09 | JOSEPH OKONKWO | DINGLI S. | v | Tarxien R. | 1.12 pen | 1-0 | National Stadium |
| 6 | 22.08.09 | DENNIS ROCHA DOS SANTOS | TARXIEN R. | v | Dingli S. | 1.13 min | 1-1 | National Stadium |
| 7 | 22.08.09 | ANDERSON MENDES RIBEIRO | TARXIEN R. | v | Dingli S. | 1.57 min | 2-1 | National Stadium |
| 8 | 22.08.09 | ANDERSON MENDES RIBEIRO | TARXIEN R. | v | Dingli S. | 1.59 min | 3-1 | National Stadium |
| 9 | 22.08.09 | JAMES SHEAD | TARXIEN R. | v | Dingli S. | 1.86 min | 4-1 | National Stadium |
| 10 | 22.08.09 | RYAN FENECH | SLIEMA W. | v | Vittoriosa S. | 1.45 min | 1-0 | National Stadium |
| 11 | 22.08.09 | IVAN WOODS | SLIEMA W. | v | Vittoriosa S. | 1.50 min | 2-0 | National Stadium |
| 12 | 22.08.09 | MIGUEL CIANTAR | SLIEMA W. | v | Vittoriosa S. | 1.88 min | 3-0 | National Stadium |
| 13 | 23.08.09 | JOSEPH CHETCUTI | QORMI | v | Floriana | 1.56 min | 1-0 | National Stadium |
| 14 | 23.08.09 | OROSCO ANONAM | FLORIANA | v | Qormi | 1.87 min | 1-1 | National Stadium |
| 15 | 23.08.09 | ETIENNE BARBARA | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1.3 min | 1-0 | National Stadium |
| 16 | 23.08.09 | MARTIN DEANOV | MARSAXLOKK | v | Hibernians | 1.14 min | 1-1 | National Stadium |
| 17 | 23.08.09 | ETIENNE BARBARA | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1.35min | 2-1 | National Stadium |
| 18 | 23.08.09 | ETIENNE BARBARA | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1.79 min | 3-1 | National Stadium |




Partitarji Furjaniżi qabel il-logħba kontra Valletta



Partitarju Belti sodisfatt bil-wirja tal-plejers

# Min skorja it-18-il goal

**3 – Etienne Barbara (Hibernians)**

**2 – Anderson Mendes Ribeiro (Tarxien R.); Terence Scerri (Valletta)**

**1 – Sylvano Comvalius (Birkirkara); John Okonkwo (Dingli S.); Orosco Anonam (Floriana), Martin Deanov (Marsaxlokk); Joseph Chetcuti (Qormi); Miguel Ciantar, Ryan Fenech, Ivan Woods (Sliema W.); Denni Rocha Dos Santos, James Shead (Tarxien R.); Geert den Ouden (Valletta)**

NOTA - Il-goals ta' Etienne Barbara (3), Martin Deanov (1), Ryan Fenech (1), Ivan Woods (1) u Miguel Ciantar (1) qed jidhru għall-aħħar darba minħabba li l-logħbiet bejn Hibernians u Marsaxlokk u Sliema Wanderers u Vittoriosa Stars ġew nulli wara li Marsaxlokk u Vittoriosa Stars tniżżlu fl-Ewwel Diviżjoni wara li nstabu ħatja ta' każ ta' korruzzjoni.




George Mallia jidher jifraħ wara li skorja kontra r-Rainbows

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 2 | 2 | 0 | 0 | 9 | 1 | 6 |
| Qormi | 2 | 1 | 1 | 0 | 2 | 1 | 4 |
| Tarxien R. | 2 | 1 | 0 | 1 | 4 | 3 | 3 |
| Birkirkara | 2 | 1 | 0 | 1 | 3 | 3 | 3 |
| Floriana | 2 | 0 | 1 | 1 | 1 | 7 | 1 |
| Msida SJ | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Hamrun S. | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Hibernians | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Sliema W. | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| Dingli S. | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 4 | 0 |

PREMIER

**Logħba Nru 15 – 29.08.2009 - 17.00 hrs NULLA**

**Marsaxlokk 1**

**Dingli Swallows 0**
M. Licari 74

HT 0-0 **National Stadium**

**Marsaxlokk** – Glenn Zammit, Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Brian Said, Martin Deanov, Peter Pullicino, William Camenzuli (Trevor Templeman 70), Roderick Bajada (Malcolm Licari 58), Dylan Kokavessis (Chris Camilleri 75), Emil Yanchev, Florent Raimy
*Kowċ* – Patrick Curmi
**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Renato Conceicao, Shawn Tellus, Roderick Spiteri (Haruna Doda 76), Kurt Formosa, Christian Muscat, Dino Cachia, Kevin Borg (Dylan Zarb 70), Matthew Borg, Andre Rocha Da Silva (Roderick Briffa 60), Joseph Okonkwu
*Kowċ* – Jesmond Zammit
Referee – Andre Arciola
Assistenti – Joe Camilleri, Mariano Debono
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – G. Sciberras, P. Pullicino, E. Yanchev, F. Raimy (M)

PREMIER

**Logħba Nru 06 – 29.08.2009 - 19.00 hrs**

**Valletta 6**
T. Scerri 17, 65, J. Cruyff 41, N. Priso 50 pen, 57, I. Zammit 91

**Floriana 0**

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Bezzina, Roderick Briffa (Steve Borg 69), Luke Dimech, Kenneth Scicluna, Jamie Pace, Gilbert Agius (Ian Zammit 60), Jordi Cruyff, Dyson Falzon (Geert den Ouden 72), Terence Scerri, Priso Doding
*Kowċ* – Ton Caanen
**Floriana** – Bernard Paris, Julian Briffa, Clifton Ciantar, Orosco Anonam, Sunday Eboh (Owen Bugeja 46), Joseph Borg, Christian Cassar (Luke Agius 18), Marlon Briffa, Donovan Simmonds, Sunday Akani Wasiu, Ryan Darmanin (Christian Caruana 39)
*Kowċ* – Roddy Collins
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Konrad Borg, Charles Micallef
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – O. Anonam, J. Borg (F); G. Agius (V)

PREMIER

**Logħba Nru 07 – 30.08.2009 - 17.00 hrs**

**Tarxien Rainbows 0**

**Birkirkara 2**
M. Galea 11, G. Mallia 74

HT 0-1 **National Stadium**

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski, David Camilleri, Everton Antonio Perreira, Mark Tanti, Andrew Decesare, Warren Chircop (James Shead 70), Luke Vella Critien, Denni Rocha Dos Santos, Ryan Mintoff, Kurt Magro (Gianluca Calabretta 46)
*Kowċ* – Noel Coleiro
**Birkirkara** – Jorge Mora, Andrew Scicluna, Thomas Paris, Paul Fenech, Trevor Cilia, Michael Galea (Alan Tabone 55), Ronni Hartvig, Sylvano Comvalius (Angus Buhagiar 70), Shaun Bajada, Joseph Zerafa, George Mallia (Carl Pulo 83)
*Kowċ* – Paul Zammit
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Edward Spiteri, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – S. Sadowski, W. Chircop (TR); S. Bajada (B)

PREMIER

**Logħba Nru 08 – 30.08.2009 - 19.00 hrs**

**Qormi 1**
Mallia 74

**Sliema Wanderers 0**

HT 0-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Keith Fenech, Alfred Effiong (Steve Meilak 89), Joseph Chetcuti (Ryan Deguara 62), Joseph Farrugia, Roderick Sammut, Camillo Da Silva Sanvezzo (Malcolm Buttigieg 85), Jonathan Bondin, Sharlon Pace
*Kowċ* – Jesmond Zerafa
**Sliema W.** – Simon Agius, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Mifsud, Ryan Fenech, Noel Turner (Clifford Gatt Baldacchino 85), Jean Pierre Mifsud Triganza, Miguel Ciantar (John Mintoff 65), Clayton Failla (Matthew Bartolo 77)
*Kowċ* – Stephen Azzopardi
Referee – Marco Borg
Assistenti – Ingmar Spiteri, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – C. Da Silva Sanvezzo, M. Grima (Q); I. Ciantar, A. Muscat (SW)




Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333
www.maltco.com

quick Keno
2nd & 3rd Division Knock-Out

# Tibda l-kompetizzjoni Knock-Out tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni

| Round | Data | Stadium | Logħba | | | Skor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp 4 | 31.08.09 | Centenary Stadium | Luqa St. Andrew's | vs | Zurrieq | 0--1 |
| Grupp 6 | 31.08.09 | Centenary Stadium | Fgura United | vs | Santa Lucia | 0--2 |
| Grupp 4 | 01.09.09 | Centenary Stadium | Mdina Knights | vs | Sirens | 2--1 |
| Grupp 6 | 01.09.09 | Centenary Stadium | Qrendi | vs | Gharghur | 1--3 |
| Grupp 3 | 02.09.09 | Centenary Stadium | Pembroke Athleta | vs | Senglea Athletic | 0--1 |
| Grupp 7 | 02.09.09 | Centenary Stadium | Xghajra Tornadoes | vs | Mellieha | 0--4 |
| Grupp 3 | 03.09.09 | Centenary Stadium | Siggiewi | vs | St. Andrews | 0--2 |
| Grupp 7 | 03.09.09 | Centenary Stadium | Kalkara | vs | Marsa | 2--1 |
| Grupp 5 | 05.09.09 | Centenary Stadium | Kirkop United | vs | Mgarr United | 1--2 |
| Grupp 5 | 05.09.09 | Centenary Stadium | Ghaxaq | vs | Birzebbuga St. Peter's | 1--0 |
| Grupp 2 | 06.09.09 | Centenary Stadium | Lija Athleitc | vs | Mtarfa | 5--0 |
| Grupp 1 | 06.09.09 | Centenary Stadium | Gudja United | vs | Gzira United | 0--0 |
| Grupp 2 | 06.09.09 | Centenary Stadium | Rabat Ajax | vs | Attard | 2--0 |
| Grupp 1 | 06.09.09 | Centenary Stadium | Swieqi United | vs | Zebbug Rangers | 0--10 |
| Grupp 8 | 07.09.09 | Centenary Stadium | Zejtun Corinthians | vs | Naxxar Lions | 0--0 |
| Grupp 4 | 07.09.09 | Centenary Stadium | Sirens | vs | Luqa St. Andrew's | 0--6 |
| Grupp 6 | 08.09.09 | Centenary Stadium | Santa Lucia | vs | Qrendi | 3--1 |
| Grupp 3 | 08.09.09 | Centenary Stadium | St. Andrews | vs | Pembroke Athleta | 2--1 |
| Grupp 6 | 08.09.09 | Centenary Stadium | Gharghur | vs | Fgura United | 4--0 |
| Grupp 7 | 08.09.09 | Centenary Stadium | Marsa | vs | Xghajra Tornadoes | 1--1 |
| Grupp 5 | 10.09.09 | Centenary Stadium | Mgarr United | vs | Ghaxaq | 5--4 |
| Grupp 4 | 10.09.09 | Centenary Stadium | Zurrieq | vs | Mdina Knights | 1--2 |
| Grupp 7 | 11.09.09 | Centenary Stadium | Mellieha | vs | Kalkara | 4--1 |
| Grupp 3 | 11.09.09 | Centenary Stadium | Senglea Athletic | vs | Siggiewi | 6--2 |
| Grupp 1 | 12.09.09 | Centenary Stadium | Gzira United | vs | Swieqi United | 3--3 |
| Grupp 5 | 12.09.09 | Centenary Stadium | Birzebbuga St. Peter's | vs | Kirkop United | 1--0 |
| Grupp 1 | 13.09.09 | Centenary Stadium | Zebbug Rangers | vs | Gudja United | 3--0 |
| Grupp 2 | 13.09.09 | Centenary Stadium | Mtarfa | vs | Rabat Ajax | 1--4 |
| Grupp 8 | 13.09.09 | Centenary Stadium | Sta. Venera Lightnings | vs | Zejtun Corinthians | 2--4 |
| Grupp 2 | 13.09.09 | Centenary Stadium | Attard | vs | Lija Athleitc | 0--2 |
| Grupp 4 | 14.09.09 | Centenary Stadium | Mdina Knights | vs | Luqa St. Andrew's | 1--1 |
| Grupp 6 | 14.09.09 | Centenary Stadium | Santa Lucia | vs | Gharghur | 0-3 |
| Grupp 6 | 15.09.09 | Centenary Stadium | Fgura United | vs | Qrendi | 0--2 |
| Grupp 4 | 15.09.09 | Centenary Stadium | Sirens | vs | Zurrieq | 0--3 |
| Grupp 3 | 16.09.09 | Centenary Stadium | Pembroke Athleta | vs | Siggiewi | 3--1 |
| Grupp 7 | 16.09.09 | Centenary Stadium | Marsa | vs | Mellieha | 1--3 |
| Grupp 7 | 17.09.09 | Centenary Stadium | Kalkara | vs | Xghajra Tornadoes | 4--0 |
| Grupp 5 | 17.09.09 | Centenary Stadium | Kirkop United | vs | Ghaxaq | 1--3 |
| Grupp 2 | 20.09.09 | Centenary Stadium | Mtarfa | vs | Attard | 0--2 |
| Grupp 3 | 20.09.09 | Centenary Stadium | Senglea Athletic | vs | St. Andrews | 1--1 |
| Grupp 1 | 20.09.09 | Centenary Stadium | Gudja United | vs | Swieqi United | 7--0 |
| Grupp 5 | 20.09.09 | Centenary Stadium | Mgarr United | vs | Birzebbuga St. Peter's | 0--1 |
| Grupp 8 | 21.09.09 | Centenary Stadium | Naxxar Lions | vs | Sta. Venera Lightnings | 1--0 |
| Grupp 1 | 21.09.09 | Centenary Stadium | Gzira United | vs | Zebbug Rangers | 0--0 |
| Grupp 2 | 21.09.09 | Centenary Stadium | Lija Athleitc | vs | Rabat Ajax | 2--2 |
| Kwarti-Finali | 26.12.09 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Kwarti-Finali | 26.12.09 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Kwarti-Finali | 27.12.09 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Kwarti-Finali | 27.12.09 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Semi-Finali | 10.02.10 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Semi-Finali | 10.02.10 | Centenary Stadium | | vs | | |
| Finali | 22.05.10 | Centenary Stadium | | vs | | |

# Round Preliminari

**Grupp 1**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | Gudja United |
| 2nd Div | Gżira United |
| 3rd Div | Swieqi United |
| 2nd Div | **Żebbuġ Rangers** |

**Grupp 2**

| | |
|---|---|
| 2nd Div | **Lija Athletic** |
| 3rd Div | Mtarfa |
| 2nd Div | Rabat Ajax |
| 3rd Div | Attard |

**Grupp 3**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | Pembroke Athleta |
| 2nd Div | **Senglea Athletic** |
| 3rd Div | Siġġiewi |
| 2nd Div | St. Andrew's |

**Grupp 4**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | **Mdina Knights** |
| 3rd Div | Sirens |
| 3rd Div | Luqa S.A. |
| 2nd Div | Żurrieq |

**Grupp 5**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | Kirkop United |
| 3rd Div | Mġarr United |
| 3rd Div | **Għaxaq** |
| 2nd Div | B'Bugia St. Peter's |

**Grupp 6**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | Fgura United |
| 3rd Div | Sta. Lucia |
| 3rd Div | Qrendi |
| 2nd Div | **Għargħur** |

**Grupp 7**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | Kalkara |
| 3rd Div | Marsa |
| 3rd Div | Xgħajra Tornadoes |
| 2nd Div | **Mellieħa** |

**Grupp 8**

| | |
|---|---|
| 3rd Div | **Żejtun Corinthians** |
| 3rd Div | Naxxar Lions |
| 2nd Div | Sta. Venera Lightnings |


Rabat Ajax vs Attard


Żebbuġ Rangers vs Swieqi United


melita sports
Barclays Premier League
Italian Serie A
UEFA Champions League
UEFA Europa League
UEFA Super Cup
Spanish Primera Liga
Bundesliga
BOV Premier League
Coca-Cola Championship
Carling Cup
Malta FA International Games
Brazil World Cup Qualifiers
Copa Libertadores
RBS 6 Nations Rugby
NBA
A1GP
PGA TOUR
Red Bull Air Race
Red Bull X-Fighters
World Wrestling Entertainment
Powerboat P1 Championship
ASA Waterpolo Championship
Malta National Regatta
Cisk MRFU 1st Division Rugby
APS MHA 1st Division Handball
Melita 1st Division GFA League
MVA 1st Division Volleyball
Cisk 8 Ball Tour
International Boxing
Mixed Martial Arts Series
AIG
LIVE & EXCLUSIVE

# Let the Games Begin!

## *Ara 'l fuq minn 1000 partita diretta dan l-istaġun fuq* **melita sports!**

*Abbona għal* ***melita*** *sports issa u nagħtuk xahrejn b'xejn!*

***Ċemplilna issa fuq 27 270 270*** *jew żurna f'wieħed mill-ħwienet tagħna:*
Il-Belt • Għawdex • Msida • Naxxar • Paola • l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta

Ħwienet awtorizzati:-

Telephone Box – Cospicua
Stop Shop – San Pawl il-Baħar
Colors Phones – Sliema
Mocean – Rabat, Għawdex

Seven – Qormi u B'Kara
Movies – Ħamrun
Me Mobile – B'Kara
Soundtrack – Rabat

Infotech – Xagħra, Għawdex
u l-ħwienet kollha
tal-Maltapost plc.

melita

*Your world with you*

www.melita.com

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

# Staġun ieħor...

Il-laqgħa Ġenerali Annwali li nżammet nhar l-Erbgħa, 24 ta' Gunju, 2009, fetħet il-ħidma għall-istaġun 2009-2010, iżda bħal ma sar f'dawn l-aħħar snin, ġimgħa qabel il-ftuħ tal-kampjonati, l-Assoċjazzjoni żżomm is-Seminar Annwali li fih jiġu mistiedna l amministraturi u l-head coaches tan-Nurseries. It-temi magħżula dejjem kienu attwali u edukattivi, u l-istess jista' jingħad għas-seminar ta' dan l-istaġun, li nżamm f'lukanda ewlenija, f'San Ġiljan, nhar is-Sibt, 29 ta' Awissu, 2009.

Din is-sena, s-seminar ġie maqsum f'żewġ partijiet, dik amministrattiva u teknika. Il-parti teknika ġiet ospitata fin-Nursery ta' Pembroke Ath., fejn fl-ewwel parti, saret preżentazzjoni nteressanti mill-Head Coach tan-nursery ta' Birkirkara, s-sur Franco Agius, li huwa wkoll il-koordinatur għar-relazzjonijiet ta' Atalanta B.C. f'isem in-Nursery ta' Birkirkara. F'din il-preżentazzjoni kien spjegat il-ħidma li qed issir minn din in-nursery ma' Atalanta B.C. u kif nurseries oħrajn jistgħu jitgħallmu minn din l-esperjenza u jiftħu kuntatti u jaqsmu esperjenzi fuq livell tekniku u amministrattiv.

Fit-tieni parti li kienet maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, Sig. Luca Pagani (Physical Preparation Specialist tat-tims Nazzjonali Maltin) ittratta gwidi dwar it-tema "Outline on the training of the conditional capacity" preżentazzjoni tant tajba li qajmet interess partikolari fost il-kowċis preżenti. Fit-tieni parti, Sig Pagani, għażel li jagħti sessjoni prattika fuq dak li ġie ppreżentat qabel u li kien diskuss mill-kowċis fejn kien hemm tifħir sew għall-ispjegazzjoni tas-sessjoni, kif ukoll għall-preżentazzjoni tas-Sur Pagani.

Il-parti amministrattiva fetħet b'introduzzjoni mill-President tal-YFA, Fr. Hilary Tagliaferro, fejn ta ħarsa lejn il-progress li sar f'dawn l-aħħar snin kemm fit-teknika tal-logħba, kif ukoll fl-infrastruttura, biex b'hekk aktar plejers jistgħu jersqu aktar lejn din il-logħba tant popolari. Huwa tkellem dwar l-importanza tal-amministraturi u qal li matul dawn is-snin kollha dejjem kien jemmen li amministrazzjoni tajba, hija sinsla tajba u li fuqha tista' tinbena nursery serja u ta' livell.



Luca Pagani jmexxi sessjoni tal-kowċis

Is-sur Albert Buttigieg, koordinatur tas-servizzi ta' prevenzzjoni ta' Sedqa, tkellem dwar kif wieħed jissoda karattru. Għalkemm in-nurseries huma aktar marbuta mal-logħba tal-futbol, il-karattru tal-plejer saħansitra minn età hekk zgħira, huwa xi ħaġa fundamentali u ta' responsabiltà tan-nurseries flimkien mal-ġenituri, għaliex ma jkun jiswa xejn plejer mingħajr karattru sod. Ingħataw diversi esperjenzi kif wieħed jista' jgħin u jagħraf xi nuqqasijiet minn qabel, biex dawn jiġu rranġati u titnaqqas ċertu gravità fejn mhux l-ewwel darba li tispiċċa wkoll b'riżultati fatali. Il-parteċipanti kienu mistiedna wkoll f'diskussjoni nteressanti fuq dan is-suġġett. Kienu bosta dawk in-nurseries li wrew ix-xewqa li suġġetti bħal dawn għandhom jitkomplew fin-nurseries, flimkien mal-parteċipazzjoni tal-ġenituri.

Is-sur Rodney Pisani, uffiċjal inkarigat mir-registrations ta' l-M.F.A. ippreżenta sezzjoni dwar id-diversi formoli ta' reġistrazzjoni, jew formoli oħra konnessi ma' plejers fin-nurseries. Dan is-suġġett ferm interessanti u importanti fil-ħajja ta'





First Coin Account

- **INVEST** in the child's future
- **TEACH** the child about the value of money
- **PROTECT** the child when opening this insurance-linked account
- **SHOW** the child how to benefit from the *First Coin Club*

APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank



kuljum ta' kull nursery tefa' dawl għal aktar għarfien aħjar ta' ċertu regolamenti u formoli, li mhux l-ewwel darba wasslu wkoll għal protesti minħabba nuqqasijiet.

Kienu ppreżentati l-Competition Rules għal dan l-istaġun, fejn finalment is-seminar ġie fit-tmiem bi preżentazzjoni – Football Is Fun - mill-viċi president tal-M.F.A. u chairman tal-Youth and Grassroots Committee il-perit Ludovico Micallef, fejn b'eżempji sempliċi imma b'messaġġ ċar u edukattiv, kienu elenkati punti kardinali kemm fit-tmexxija kif ukoll tal-parteċipazzjoni u nvolviment tal-ġenituri u kowċis, temi li jsawru n-nurseries tagħna u fejn baqgħu stampati titli bħal dawn:

- Let the coaches coach, let the Children Play…
- Understand what your Child wants from football…
- Lead by example…
- Football is only part of your child's Life…
- Show support and respect for all…

Waqt dan is-seminar għas-sitt sena konsekuttiva, l-Assoċjazzjoni ppreżentat lin-nurseries CD b'ritratti b'azzjonijiet mid-diversi kampjonati, festivals u attivitajiet matul l-istaġun 2008-2009, kif ukoll dokument fuq CD oħra bl-aħħar statut, regoli u informazzjoni oħra mportanti li jużaw in-nurseries matul l-istaġun.

L-ewwel logħob mill-Kampjonati għal dan l-istġun inżammu nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru, 2009, fejn madwar 850 logħba huma previsti għal dan l-istaġun. Filwaqt li ser jinżammu l-grounds użati l-istaġun preċedenti l-Assoċjazzjoni ser tagħmel użu minn dawn il-grounds ġodda aktar tard matul dan l-istaġun fosthom dak tal-Mellieħa, Marsaxlokk u Pembroke. Minn dan l-istaġun ukoll, b'esperiment, il-logħob U/15 u U/17 tat-tim Għawdxi ser jinżamm fuq bażi ta' Home u Away. Is-sezzjonijiet kollha ser ikunu ffurmati hekk:



Waqt il-preżentazzjoni li saret għall-kowċis



Waqt il-preżentazzjoni li saret għall-uffiċjali tal-klabbs

**APS Bank Kampjonat U/17**

| Sezzjoni A | Sezzjoni B | Sezzjoni Ċ1 | Sezzjoni Ċ2 | Sezzjoni Ċ3 |
|---|---|---|---|---|
| Paola Hibs | St.Patrick | Sta.Venera | Xghajra | Vittoriosa |
| Pieta' | M'Xlokk | Zebbug | Lija/Iklin | Zurrieq |
| Balzan | Pembroke | Fgura | Luqa | Siggiewi |
| Floriana | Gozo | St.George's | Senglea | B'Bugia. |
| Naxxar | Luxol St.Andrews | Marsa | Dingli Sw. | Sirens |
| Melita | Msida | Mqabba | Ghaxaq | Attard |
| B'Kara | Tarxien | | | |
| Rabat | Mgarr | | | |
| Hamrun | Sliema | | | |
| San Gwann | Mosta | | | |
| Valletta | Mellieha | | | |
| Qormi | Kirkop | | | |

**APS Bank Kampjonat U/15**

| Sezzjoni A | Sezzjoni B | Sezzjoni Ċ1 | Sezzjoni Ċ2 | Sezzjoni Ċ3 |
|---|---|---|---|---|
| Sliema | Melita | Mqabba | Luqa | Dingli Sw. |
| Hamrun | Zejtun | Zebbug | Ghaxaq | Balzan |
| Valletta | B'Bugia | Sta.Venera | Mgarr | Sta.Lucia |
| Pietà | Attard | Fgura | Xghajra | Mellieha |
| Marsa | Rabat | M'Xlokk | Senglea | Siggiewi |
| Gozo | Lija/Iklin | Vittoriosa | Zurrieq | St.George's |
| B'Kara | Floriana | Sirens | Msida | Mtarfa |
| Mosta | Qormi | Gzira | Kalkara | Gudja |
| Paola Hibs | San Ġwann | | | |
| St. Patrick | Kirkop | | | |
| St. Andrews | Naxxar | | | |
| | Tarxien | | | |





First Coin Account

- INVEST in the child's future
- TEACH the child about the value of money
- PROTECT the child when opening this insurance-linked account
- SHOW the child how to benefit from the First Coin Club

APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority and is enrolled as an Insurance Sub-Agent for Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

Tel: 2122 6644 www.apsbank.com.mt APS bank



# L-organizzazzjoni tar-regatta tradizzjonali tgħaddi f'idejn il-KMS

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

"Mis-sena d-dieħla r-Regatta Nazzjonali se tibda tkun amministrata mill-Kunsill Malti għall-Isport u mhux aktar mill-Kumitat Festi Nazzjonali". Dan ħabbru s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli waqt li kien qed jindirizza konferenza ta' l-aħbarijiet ftit jiem qabel ma giet organizzata l-edizzjoni ta' din is-sena tar-regatta tradizzjonali ta' Jum il-Vittorja, regatta li din is-sena ġiet mirbuħa mill-Isla filwaqt li l-club tal-Birgu rebaħ dik tar-reserves.

Clyde Puli fisser kif ir-regatta hija avveniment kulturali li għandu rabta mat-tradizzjoni u l-istorja ta' pajjiżna. Għaldaqstant sostna li għandna nkomplu ninsistu biex din it-tradizzjoni ma tintilifx anzi tkompli tkun inkoraġġita. Fl istess okkażjoni, Clyde Puli appella lill-istampa lokali biex tkompli twassal messaġġ pożittiv favur l-isport lokali. Hu spjega li hu permezz tal-istamp li l-poplu jista' jirrikonoxxi l-parteċipazzjoni u s-sgrifiċċji ta' sportivi Maltin. Finalment Clyde Puli awgura lill-parteċipanti kollha li se jieħdu sehem f'din l-edizzjoni u appella biex jirrenja l-elementi ta' sportività.

Fil-konferenza ta' l-aħbarijiet tkellem ukoll iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, is-Sur Bernard Vassallo, li qal li għal din l-edizzjoni żewġ diretturi fi ħdan il-KMS, (Kenneth Vella u Joe Caruana Curran) ġew maħtura sabiex kienu preżenti fil-laqgħat ta' preparazzjoni u b'hekk kellhom għarfien dirett tal-loġistika tal-attività. Dan sar sabiex il-KMS jifhem aktar mill-viċin u b'hekk ikun jista' jibni fuq it-tajjeb li sar fl-edizzjonijiet passati mill-Kumitat tal-Festi Nazzjonali.

L-għan tal-KMS hu li, minbarra li t-tradizzjoni tar-regatta ma tintilifx, l-attività tinfirex aktar kemm mill-lat ta' parteċipazzjoni kif ukoll mil-lat ta' nteress mill-pubbliku. Fil-fatt fil-jiem li ġejjin uffiċjali tal-KMS se jibdew sensiela ta' laqgħat ma' dawk kollha konċernati biex issir analizi ddetaljata tas-sitwazzjoni u jitressqu s-suġġerimenti għal tibdil neċessarju.

Intant il-Kunsill Malti għall-iSport jifraħ lill-uffiċjali u l-qaddiefa tal-klabbs tal-Isla u l-Birgu għas-suċċess li kellhom din is-sena.

# Il-Kunsill Malti għall-iSport jifraħ liċ-champion mondjali Aaron Ciantar

Wara li l-Ħadd, 13 ta' Settembru is-sewwieq Malti tal-Powerboats, Aaron Ciantar, rebaħ il-kampjonat mondjali tal-powerboats P1, Klassi Super Sport, il-kunsill Malti għall-iSport feraħ lil dan is-sewwieq bravu Malti li rnexxielu jnaqqax ismu fuq ir-rebħ tal-kampjonat mondjali għat-tieni sena nfila.

Il-powerboat Seagull Chaudron kienet mibnija minn Aaron u missieru Charles Ciantar u flimkien mat-Taljan Angelo Tedeschi u l-Ukren Viktor Shemchuk, Aaron irnexxielu jtella' biżżejjed punti biex matematikament irnexxielu jirbaħ il-kampjonat ta' din is-sena wara li fil-Gran Prix ta' Sirakuża, fi Sqallija, li kien ukoll l-aħħar wieħed tal-istaġun, kellu pjazzamenti tajbin u fl-aħħar jum ta' kompetizzjoni spiċċa fit-tielet post.

Mal-wasla tiegħu fil-Port il-Kbir, Aaron ġie milqugħ fost l-oħrajn mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, li wkoll segwa mill-viċin il-Gran Prix ta' Sirakuża u anke miċ-chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo. Kemm Puli kif ukoll Vassallo ferħu lil Aaron għal dan is-suċċess u kellhom ukoll kliem ta' tifħir għal Charles u anke għal oħt Aaron, Audrienne, li għalkemm finalment ma ħarżitx rebbieħa bħal ħuha xorta kellha staġun tajjeb fuq il-powerboat Iko Casa.

Min-naħa tiegħu, Aaron Ciantar irringrazzja kemm lis-Segretarju Parlamentari Puli u anke lis-Sur Vassallo u l-KMS li dejjem ħadu nteress speċjali fl-avventura tiegħu fil-Kampjonat P1. Ciantar tenna wkoll li issa l-objettiv tiegħu jibqa' li jkompli jtejjeb il-prestazzjoni tal-powerboat tiegħu in vista tal-istaġun li ġej li mistenni għal darba oħra jkun fost l-aktar kompetittivi.

Ta' min wieħed ifakkar li s-sena li għaddiet, Aaron Ciantar kien gie ppremjat mill-istess Kunsill Malti għall-iSport bl-award ta' eċċellenza fl-isport. Fil-klassifika ġenerali, Seagull Chaudron spiċċat b'977 punt minn Baia Attolini b'957 u SW1 Capital b'733 punt.



kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# KMS Skolasport tkompli tikber fil-popolarità

Il-Kunsill Malti għall-iSport minn dejjem irrikonoxxa l-importanza ta' l-iSport u huwa minn ta' quddiem sabiex jipprovdi, opportunitajiet, faċilitajiet u strutturi sportivi għas-soċjeta Maltija. Għalhekk il-Kunsill Malti għall-iSport kompla jsaħħaħ il-programm KMS Skolasport fejn l-għan ewlieni huwa li tfal ta' bejn erba' u għaxar snin jiġu mgħallma l-bażi ta' l-isport filwaqt li dawk iż-żgħażagħ ta' bejn il-ħdax u s-sittax -il sena jiġu mgħejjuna jidentifikaw it-talent u jipprattikaw l-isport favorit tagħhom. Il-klassijiet huma mqassma skond l-età u l-programm skolastiku joffri taħlita ta' tagħlim f'ħiliet bażiċi bħal ġiri, qbiż, ko-ordinazzjoni, aġilità, użu ta' apparat u ġinnastika edukattiva. KMS Skolasport toffri wkoll għażla ta' aktar minn għoxrin dixxiplina sportiva għal dawk it-tfal li għandhom bejn ħdax u sittax-il sena.

Hemm ħafna tajjeb x'jingħad dwar KMS Skolasport. L-ammont ta' applikanti, li s-sena l-oħra tela' għal aktar minn 1,700, qiegħed jiżdied kull sena, fattur li jirrifletti s-suċċess li qiegħda tikseb din l-istituzzjoni. F' dan ir-rigward, il-Kunsill Malti għall-iSport jimpjega għadd ta' għalliema u studenti li tħarrġu fl-Edukazzjoni Fiżika filwaqt li jikkoordina bis-sħiħ mal-Assoċjazzjonijiet Sportivi

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Nazzjonali, li jipprovdu kowċis sabiex jgħallmu t-tfal fid-dixxiplina li jkunu għażlu kif ukoll jintroduċu skemi ġodda ta' tagħlim u jorganizzaw attivitajiet għal dak l-isport partikolari.

Żdiedet ukoll l-attendenza tal-ġenituri fil-klassijiet organizzati apposta għalihom fejn jattendu għal-lezzjonijiet ta' *fitness* li jsiru fil-kumplessi sportivi u ċentri fejn jipprattikaw it-tfal tagħhom stess.

## Faċilitajiet u Programmi

KMS Skolasport ma naqsitx ukoll li żżid in-numru ta' faċilitajiet sportivi, bil-għan li dejjem toffri servizz aħjar lill-applikanti tagħha. Illum KMS Skolasport topera fi tlettax-il ċentru fl-istess ħin. Dawn il-faċilitajiet jinkludu l-Kumplessi Sportivi tal-Kottonera, tal-Marsa u tal-Università, il-Kulleġġ ta' San Benedittu f'Ħal Kirkop u l-Kulleġġ ta' Sta Clara f'Pembroke. F'dawn iċ-ċentri jsir it–taħriġ tal-ħiliet bażiċi għat-tfal ta' taħt l-għaxar snin. Il-programm huwa maqsum f'żewġ kategoriji:

Il-Programm *Foundation* (5-7snin) fejn it-tfal jitħarrġu f'ħiliet bażiċi u ġinnastika edukattiva.

Il-Programm *Participation* (8-10snin) fejn it-tfal jitħarrġu f'diversi dixxiplini sportivi u logħob.

Fiċ-ċentri l-oħra jsir it-taħriġ tal-Programm Performance li huwa mfassal għat-tfal ta' bejn il-ħdax u sittax-il sena. Iċ-ċentri huma mifruxa madwar Malta u jinkludu l-Eden Super Bowl (Paceville), il-Vikings Sailing Club (Il-Belt), B'Bugia Sailing Club, Gymstars (Tarxien) u Tennis Club Kordin fost oħrajn. Dan il-programm iħejji tfal f'diversi dixxiplini partikolari. Fihom it-tfal jitgħallmu aktar it-teknika tal-isport li jkunu għazlu iżda f'ambjent mhux kompetittiv. Għalhekk kull tifel u tifla qegħdin jingħataw iċ-ċans juru u jiżviluppaw l-abbiltajiet tagħhom.

KMS Skolasport tħaddan għoxrin dixxiplina differenti. Meta wieħed iqis li fil-bidu tagħha din l-iskola kienet bdiet b'disa' dixxiplini biss, dan in-numru jirrifletti l-entużjażmu u l-kollaborazzjoni li jagħtu l-Assoċjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali sabiex jiffurmaw parti minn din l-istituzzjoni u joffru t-tagħlim meħtieg fid-dixxiplina rispettiva tagħhom.










L-oġġettivi ta' KMS Skolasport:

- Toffri varjetà ta' attivitajiet u logħob sportiv differenti. Il-ħsieb huwa li t-tfal jingħataw l-opportunità jduqu kull tip ta' sport u jippruvaw naqra minn kollox sabiex b'hekk iwessgħu l-orizzonti u l-esperjenzi tagħhom.
- Toffri liż-żgħażagħ opportunità jipparteċipaw u jipprattikaw l-isport favorit tagħhom u b'hekk l-isport isir parti mill-ħajja tagħhom ta' kuljum.
- Tagħti opportunità lil kull individwu jiżviluppa t-talent tiegħu u jintegra f'ambjent sportivi.
- Tagħti opportunità lil dawk li jixtiequ esperjenza pożittiva waqt li qegħdin jiżviluppaw l-abbiltajiet fiżiċi tagħhom.

## Inizjattivi

KMS Skolasport tieħu l-inizjattiva torganiżża attivitajiet barra mill-programm normali ta' kull nhar ta' Sibt bl-għan li toffri żvilupp ħolistiku lill-parteċipanti tagħha.

Jiġu organiżżati:

- Tournaments ma' Nurseries oħra ta' klabbs lokali fuq bażi ta' logħbiet ta' ħbiberija.
- Attivitajiet għall-familja kollha bl iskop li tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport.
- Attivitajiet ta' sport u kultura bħal ma' kienet ta' suċċess kbir l-attività ArtiSport.
- Laqgħat u seminars għall-ġenituri, kowċis u għalliema sabiex niżviluppaw aktar din l-organizazzjoni b'mod pożittiv.

Ser tiġi ntrodotta l-iskema ta' grading tat-tfal fid-dixxiplina ta' l-għawm. It-tfal ser jingħataw ċertifikat li jindika l-grade li laħqu.

Il-kumpanija Kellogg's hija l-isponsor ewlieni ta' KMS Skolasport li din is-sena estendiet l-isponsorship tagħha għal ħdax-il sena konsekuttiva. Il-Kunsill Malti għall-iSport huwa kburi b'dan il-partnership.

# KMS Summer on the Move...

# Programm



Il-Kunsill Malti għall-iSport għas-sitt sena konsekuttiva għalaq b'suċċess il-programm tant popolari *KMS Summer on the Move*, programm għat-tfal ta' kull età li joffri attivitajiet sportivi matul is-Sajf. Dan il-programm, jilqa' fi ħdanu tfal minn erbgħa sa għaxar snin, u żgħażagħ minn ħdax sa sittax-il sena. L-attivitajiet huma varjati u jinkludu għawm fil-Pixxina Nazzjonali, taħriġ fiżiku u sportiv ġewwa l-Kumplessi Sportivi tal-Kottonera u Tal-Qroqq, ibburdjar mal-klabbs ta' B'Bugia u l-Vikings u programm varjat ta' avventura.

*KMS Summer on the Move* huwa suċċess u dan jixhdu n-numru ta' applikanti li din is-sena laħaq ftit inqas minn sitt mitt tifel u tifla li għal tmien ġimgħat sħaħ ħlew l-enerġija tagħhom





kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# suċċess

f'attivitajiet bħal handball, football, basketball, baseball, kayaking, ibburdjar, abseiling, go-karting, treasure hunts, orienteering, flimkien ma' programm sħiħ tal-għawm fejn il-ġenituri raw progress kontinwu fit-tfal tagħhom.

Numru sabiħ ta' ftit aktar minn tmenin żagħżugħ u żagħżugħa pparteċipaw fil-programm tal-ibburdjar (sailing) fejn saqu dgħajjes mirrors u lasers. Programm ieħor ta' suċċess kien il-programm ta' avventura li din is-sena kien organizzat kemm mill-Kumpless tal-Kottonera kif ukoll mill-Kumpless Tal-Qroqq. Mitt applikant esperjenzaw attivitajiet avventurużi bħal abseiling u climbing, filwaqt li kellhom iċ-ċans iżuru l-Mużew tal-Arti ġewwa l-Belt u l-Palazz ta' Verdala fil-Buskett.

Din is-sena *KMS Summer on the Move* estenda l-programm b'disat ijiem oħra u offra programm intensiv tal-għawm fil-Pixxina Nazzjonali Tal-Qroqq. Dan il-kors laqa' madwar erbgħin tifel u tifla li komplew bit-taħriġ tagħhom fit-teknika tal-għawm.

Ta' min jgħid li dan is-suċċess huwa dovut għall-professjonalità, dedikazzjoni u attenzjoni kbira li jagħtu l-għalliema u l-kowċis fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport, li għandhom għal qalbhom il-ħtiġijiet u l-iżvilupp sħiħ tat-tfal.



# Seba' dixxiplini sportivi offruti minn KMS Active Youngsters

Għat-tieni sena konsekuttiva, matul l-istaġun tas-Sajf, il-Kunsill Malti għall-iSport offra wkoll il-programm KMS Active Youngsters għal tfal ta' bejn is-sitta u t-tmien snin. Dan beda, it-Tnejn, 20 ta' Lulju u ġie fi tmiemu l-Ġimgħa, 11 ta' Settembru.

Din is-sena, il-Kunsill Malti għall-iSport offra b'kollox taħriġ f'seba' dixxiplini sportivi differenti. Dawn ġew offruti flimkien mal-Għaqdiet nazzjonali tal-badminton, basketball, football, ġinnastika, handball, żfin u volleyball. 'Il fuq minn 275 tifel u tifla ħadu sehem f'dan il-programm matul is-Sajf li b'hekk kellhom l-opportunità li jsiru jafu mill-viċin aktar minn sport wieħed.

Ħafna mill-attivitajiet ġew organizzati fil-Kumpless Sportiv tal Kottonera, bl-eċċezzjoni tal-badminton li sar fil-Kulleġġ St Martin's, fi Swatar. Hija l-intenzjoni tal-Kunsill Malti għall-iSport li jagħmel dan il-programm aktar popolari mat-tfal Maltin fis-snin li ġejjin.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt









kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Għawdex tospita seminar internazzjonali tal-Kendo

Fi tmiem din il-ġimgħa, Għawdex qed jospita għall-ewwel darba seminar internazzjonali tal-Kendo organizzat mill-Federazzjoni Maltija tal-Kendo. Il-fuq minn 70 atleta tal-Kendo minn 18–il pajjiż differenti qed jieħdu sehem f'dan is-seminar, fosthom tliet Ġappuniżi li għandhom livell ta' 8th Dan Masters u sebgħa oħra li għandhom livell ta' 7th Dan.

Il-parteċipanti f'dan is-seminar kellhom iċ-ċans, fost l-oħrajn, li jsegwu esibizzjoni bix-xabla u anke jipparteċipaw f'numru ta' kompetizzjonijiet u josservaw esibizzjonijiet innovattivi tal-Kendo.

Is-seminar qed ikun organizzat fil-Kumpless sportiv ta' Għawdex u fetaħ uffiċjalment, il-Ħamis, 24 ta' Settembru u se jibqa' sejjer sal-Ħadd, 27 ta' Settembru. Il-Kendo huwa stil ta' arti marzjali li twieled il-Ġappun u li jinkludi anki aspetti kulturali bħal meditazzjoni spiritwali. Illum insibu 'l fuq minn miljun persuna madwar id-dinja li jipprattikaw il-Kendo u kull tliet snin tiġi organizzata t-Tazza Internazzjonali tal-Kendo.

Il-Kendo huwa stil ta' arti marzjali fost l-aktar antiki fid-dinja u kien prattikat ħafna snin ilu mis-Samurai Ġappuniżi. Illum il-Kendo huwa offrut ukoll fil-kurrikulum tal-iskejjel Ġappuniżi. Huma eluf il-kotba li nkitbu matul is-snin dwar din l-arti marzjali u saret ukoll riċerka nteressanti dwar il-Kendo minn numru ta' universitajiet internazzjonali.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ ġiet organizzata, l-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, u matul it-tmiem il-ġimgħa qed isiru l-kompetizzjonijiet tat-timijiet u anke s-sessjonijiet tal-grading. Il-Ħadd, 27 ta' Settembru, fit-3.00 p.m. se tiġi offruta sessjoni b'xejn għal dawk kollha li jixtiequ jibdew jipprattikaw din l-arti marzjali.

Dan is-seminar internazzjonali, li hu wkoll eżempju tajjeb ta' turiżmu sportiv, ma kienx ikun possibbli li jiġi organizzat mingħajr l-għajnuna diretta tal-Kunsill Malti għall-iSport, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex. Għal aktar tagħrif dwar l-isport tal-Kendo wieħed jista' jidħol fuq il-website: www.kendomalta.org






GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better
POWERADE

# Sergio Afric...
## Il-kowċ nazzjonali tal-waterpolo

Sergio Afric... il-kunjom mhux Malti u ħafna jaħsbu li hu Taljan. Fil-fatt ftit jafu li Sergio Afric, il-kowċ tat-tim nazzjonali Malti tal-waterpolo, twieled il-Kroazja. Twieled propju fil-belt ta' Rijeka, fl-1960, u kien mat-tim tal-belt tiegħu li beda jilgħab il-waterpolo. Minn din is-sena Afric, li hu miżżewweġ u missier ta' tfajla, iddeċieda li jgħix b'mod definit f'pajjiżna fejn se jkompli jagħmel dak li dejjem għamel f'ħajtu... jilgħab u jħarreġ fid-dixxiplina tal-waterpolo.

### MINN MINDU KIEN TIFEL

Minn età żgħira, Serigo kien imħajjar li jaqbad xi sport u minħabba li kien dilettant sew tal-baħar għażel li jibda jilgħab il-waterpolo. Il-klabb tal-belt tiegħu kien organizzat tajjeb u b'hekk sabha faċli sabiex jibda jiffrekwenta ċ-ċentru fi ħdan il-klabb, minn fejn beda jitħarreġ f'din id-dixxiplina sportiva. Sa meta kellu 26 sena baqa' jilgħab mal-klabb ta' Primorje, f'Rijeka, fejn magħhom rebaħ diversi kampjonati. Matul dak il-perjodu kien ukoll jilgħab mat-tim nazzjonali Kroat, fejn b'kollox lagħab 85 logħba.

Fl-1986, kien mar jilgħab l-Italja bħala plejer barrani, minn fejn imbagħad kiber aktar fil-livell u sar plejer ferm aktar magħruf f'dan l-isport. Fl-Italja lagħab ma' klabbs kemm f'Genoa, f'Ruma u kif ukoll f'Napli, sakemm imbagħad waqaf jilgħab u kompla bix-xogħol tiegħu fis-settur tekniku bħala kowċ. Dan kien, fl-1995, u l-ewwel tim li kien imexxi kien dak ta' Volturno Napoli; wara kien kowċ ukoll tat-timijiet ta' Catania u Palermo.

Ilu jiġu Malta għal dawn l-aħħar 12–il sena, proprju meta jieqaf il-kampjonat Taljan għat-tliet xhur tas-sajf, sabiex imexxi xi tim mill-ogħla diviżjoni. F'dawn is-snin kollha kien il-kowċ ta' San Ġiljan, Sirens, Neptunes u kif ukoll Sliema, il-klabb li sal-lum għadu jmexxi u li ftit ġimgħat ilu rebaħ kemm il-Kampjonat tas-Sajf lokali u kif ukoll il-kompetizzjoni Knock-Out.

B'kollox f'pajjiżna rebaħ disa' kampjonati, wieħed meta kien fit-tmun tal-klabb ta' San Ġiljan, wieħed meta kien kowċ ta' Sirens, tnejn meta mexxa lil Neptunes u ħamsa bħala kowċ ta' Sliema. Minn din is-sena, Sergio Afric, iddeċieda li jieqaf jaħdem bħala kowċ fl-Italja, biex b'hekk ikun jista' jgħix f'Malta flimkien mal-familja tiegħu u għaldaqstant ikun jista jikkonċentra aktar fuq ix-xogħol tiegħu f'pajjiżna. Fil-preżent għalkemm huwa l-kowċ tal-klabb Slimiż, huwa wkoll il-kowċ tat-tim nazzjonali Malti, proprju l-bniedem li ftit jiem ilu mexxa lit-tim nazzjonali tagħna għall-kwalifikazzjoni storika għall-Kampjonati Ewropej li se jsir fil-Kroazja fil-bidu tal-2010.

### L-ESPERJENZA F'MALTA U MAT-TIM NAZZJONALI

Sergio Afric jaf sew lil Malta. Wara dawn is-snin kollha jaħdem fil-kamp tal-waterpolo f'pajjiżna, għandu ftit esperjenza mhux ħażin u bħal ħaddieħor jista' jikkummenta dwar il-ħajja sportiva ta' pajjiżna. Kien f'dan ir-rigward li stqarr li għalkemm f'Malta hawn attività sportiva kbira, fadal ħafna xi jsir biex jintlaħaq ix-xogħol li jsir f'pajjiżi oħra. Afric qal li f'pajjiżna l-isport għadu mhux professjonali meta għall-atleta l-ewwel jiġi x-xogħol, imbagħad l-istudju, imbagħad fl-aħħar tal-ġurnata jsib ftit ħin biex jipprattika l-isport.

Afric saħaq li f'pajjiżi fejn l-investiment fl-isport huwa ħafna akbar, l-atleti u l-amministraturi jaħdmu kuljum fl-isport b'mod primarju u dan kollu jagħmel differenza kbira fil-ħajja ta' sportiv. Biex dan kollu jinbidel u jkun hawn atteġġjament aħjar lejn l-isport, il-pajjiż irid jinvesti ferm aktar fl-isport. Kulħadd jaf li fil-livell internazzjonali m'hemmx ċajt għax kulħadd ikun ippreparat u ma tistax titħarreġ biss għal sagħtejn kuljum wara x-xogħol, jekk l-avversarji jitħarrġu għal ħin aktar twil kuljum u jieħdu l-isport bħala x-xogħol ewlieni tagħhom.

L-assoċjazzjonijiet għandhom bżonn jipprogrammaw aħjar, speċjalment fil-kamp internazzjonali ma tistax ikollok l-esperjenza meħtieġa jekk ma tilgħabx b'mod kontinwu kontra avversarji ta' livell għoli.

Fir-rigward tal-Kampjonati B tal-Ewropa, fejn ipparteċipaw 12–il tim u fejn Malta spiċċat fis-sitt post u rebħet il-kwalifikazzjoni għall-Kampjonat tal-Ewropa, il-kowċ nazzjonali qal li kien fidiċjuż li t-tim Malti kien se jaqta' figura tajba. Huwa saħaq li antiċipa li il-kampjonati ta' din is-sena kienu se jkunu ferm ogħla fil-livell u timijiet bħat-Turkija, Olanda, Franza, Ingilterra, Ukrajna u Georgia, ma naqsux milli jagħtu spettaklu, f'Lugano. Madankollu u għalkemm l-avversarji kienu ppreparati sew biex jaffrontaw dawn il-kampjonati, it-tim Malti kellu prestazzjonijiet sodisfaċenti u finalment irnexxielna niksbu l-kwalifikazzjoni tant mistennija.

Il-kowċ nazzjonali kien kuntent b'dak li għamlu l-plejers fit-tim nazzjonali u kien ferm sodisfatt li l-għan prinċipali ntlaħaq. Il-konfront kontra Georgia kien l-aktar wieħed importanti għalih, fejn ikkonferma li għall-Maltin din kienet l-aktar logħba diffiċli, bir-rebbieħ ikun kważi ċert minn post fil-kwarti finali u għalhekk minn post fost l-ewwel sitt timijiet.

"Georgia ppreżentaw tim b'saħħtu u b'uċuħ ġodda wkoll, b'erba' plejers Russi jkunu naturalizzati biċ-ċittadinanza Ġorġjana u b'hekk il-livell tat-tim kien wieħed tajjeb ħafna. Huma kienu ċerti li kontrina kienu se jirbħu, jew fuq il-karta l-affarijiet hekk bdew juru, iżda aħna għamilna logħba eċċezzjonali minn kull lat u b'wirja stupenda rnexxielna nirbħulhom. B'dan ir-riżultat issorprendejna lil kulħadd, kemm lit-timijiet avversarji, kemm lill-pubbliku preżenti u kif ukoll naħseb lill-Maltin, għaliex ħadd ma kien jaħseb li stajna naslu sas-sitt post."

Wara l-ewforija murija għall-esperjenza pożittiva tat-tim Malti, f'Lugano, il-kowċ nazzjonali tkellem ukoll dwar il-preparazzjoni tat-tim.

"Wara li f'Ġunju, Lulju u Awwissu, il-plejers kienu mpenjati bil-kampjonat lokali, ma kontx qed jistenna li se nkunu fl-aħjar forma u dan minħabba l-għejja tat-tliet xhur ta' qabel. Għalhekk it-taħriġ ridt inżommu ħafif. Fil-fatt tħarriġna biss xi sitt darbiet flimkien bħala tim u lgħabna biss żewġ logħbiet bejnietna biex nippreparaw. Dan kollu ħareġ wara t-tielet l-logħba, f'Lugano, fejn kulħadd kien għajjien u ħadd ma felaħ aktar.

**Din l-intervista saret fil-Misto Cafè ġewwa Tas-Sliema**

MISTO
cafe • restaurant • venue

"Fil-fatt matul l-aħħar logħbiet stajna naraw id-differenza bejn dak li offrejna fl-ewwel parti tal-kompetizzjoni u l-aħħar logħbiet li lgħabna. L-importanti kien li nikkwalifikaw, konna fortunati li l-konfront dirett kontra Georiga wasal fil-bidu biex wara li rbaħna dik il-logħba stajna nikkalmaw aktar. It-timijiet kollha li pparteċipaw kienu tħarrġu mill-anqas tliet xhur flimkien bħala skwadra u ħadu sehem f'avvenimenti nternazzjonali varji biex jippreparaw bl-aħjar mod filwaqt li aħna l-anqas biss kellna ċ-ċans u għalhekk l-importanza ta' dan is-suċċess naħseb li hija doppja.

"Għall-futur irridu nieħdu ħsieb dan kollu, biex inkunu fuq l-istess livell tal-oħrajn u nkunu friski mentalment u b'saħħitna fiżikament mill-bidu sal-aħħar. Għalhekk għall-kampjonat li se jsir fil-Kroazja rrid li bħala tim nibdew nitħarrġu flimkien minn Jannar u dan biex nagħmlu programm ta' xogħol speċifiku flimkien, nilagħbu f'livell internazzjonali b'mod kostanti u dan biex f'Marzu nkunu fl-aħjar forma tagħna.

"Psikoloġikament irridu nkunu fil-massimu tagħna u dan għalija huwa fattur importanti ħafna biex fil-mumenti diffiċli kull plejer ikun jista' jżomm għall-pressjoni. Huma dawn iċ-ċirkostanzi li jagħmluk atleta professjonali u ta' livell mondjali. Ninsab ċert li dan huwa grupp kompatt ħafna; għandi ħafna plejers li ilhom jilagħbu din il-logħba għal żmien twil u għandi wkoll plejers oħra li joffru fantasija lit-tim. Forsi l-uniku aspett negattiv huwa dak li dawn il-plejers jitħarrġu ftit wisq meta mqabbla ma' oħrajn fil-livell barrani u li fil-passat ma kellhomx biżejjed esperjenza internazzjonali. Hawnhekk noqgħod ħafna fuq dawk il-plejers li jilagħbu jew li lagħbu barra. Dawn ikunu jafu kif għandek taġġixxi f'dawn il-livelli, u dan għalina huwa mportanti ħafna."

## IL-KAMPJONAT LOKALI

Dwar il-kampjonat lokali, Sergio Afric qal li jinsab ferm kuntent b'dak li joffru l-klabbs f'pajjiżna u dan għaliex matul is-snin ra progress f'din il-logħba.

"Aspett ieħor pożittiv huwa dak li l-logħba hija segwita sew mill-pubbliku Malti u dan jagħti fiduċja u entużjażmu lill-plejers u lil dawk kollha nvoluti. Il-livell matul l-aħħar kampjonat kien wieħed relativament tajjeb u l-barranin, ta' klassi li nġiebu, għenu biex l-isfida bejn it-timijiet tkun waħda tajba. Kull klabb kellu barranin tajbin u naħseb li l-pubbliku wkoll kien sodisfatt minn dak li ra.

"Għalkemm fil-livell tal-kbar l-affarijiet sejrin 'il quddiem, fil-livell taż-żgħar fadal ħafna xi jsir. Hawn xi klabbs li jaħdmu bil-għaqal u b'mod serju, fosthom Sliema, Neptunes u Exiles, iżda l-oħrajn iridu jinvestu aktar f'dan is-settur. F'Malta hawn talent tajjeb u mportanti li nisfruttaw lil dawn il-plejers biex isiru plejers ta' livell f'din il-logħba.

"Finalment nixtieq li l-Assoċjazzjoni ssib il-fondi neċessarji u l-entużjażmu ġust biex il-proġetti li għandna nkunu nistgħu nwettquhom u dan għall-ġid tal-logħba tal-waterpolo u biex inkomplu ngħollu isem Malta f'livell internazzjonali."



Sergio Afric


MADE FOR YOU
Call us anytime on Freephone 8007 2121
www.go.com.mt


"Caring is vital in what I do...
that's why I choose GO"
When choosing your communications provider, go for the company that puts customers first and transmits this into great everyday customer support. It's a company that powers over 469,000 communication services on the island - This is GO.
Communications and entertainment solutions made for you
GO
mobile tv phone internet

## KAMPJONAT 1952-53

# Jinkiser ir-Rekord tat-Transfers darbtejn

## IT-TIENI ĠURNATA

**18-10-1952:**
**Rabat FC** ............................ **1**
**Birkirkara FC** .................... **0** **H.T 1-0**
**Ref:** Emmanuel Spiteri.
**Skorer**: E. Chappelle (R) 12'.
**RABAT FC**: Alfred Zammit, Walter Powell, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Ron Russel, Charles 'Il-Kis' Zahra, Alfie Pearson, Ernie Chappelle, Leli Sammut, Charles Theuma, Horace Herbert.
**BIRKIRKARA FC**: Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Emanuel Xuereb, Ġużi Magro, Kenneth Valenzia, Leli 'Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**1.** L-Ingliż, Ron Russell, ta' Rabat FC qabel wasal Malta kien plejer tal-klabb amateur Romford minn Essex.

**2.** L-uniku gowl tal-partita skurjat mill-ex-plejer ta' Birkirkara Ernest Chappelle daħal fix-xibka wara devjazzjoni ma' Leli Attard 'Il-Qali'. Il-ġurnali tal-epoka però taw il-gowl lil Chappelle.

**19-10-1952:**
**St. George's FC** ................ **2**
**Floriana FC** ........................ **1** **H.T 0-0**
**Ref:** Sgt. John Azzopardi.
**Skorers**: O. Bartolo (S) 75', T. Dalli (F) 86' u O. Bartolo (S) 89'.
**ST.GEORGE'S FC**: Ġużi Mugliett, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Frans Purkiss, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Ġużi Oliva, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.
**FLORIANA FC**. Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Willie Xerri, Tony Dalli, Tony Vella, Victor Farrugia, Leli Sultana, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**1.** Floriana spiċċaw il-partita b'disa' plejers. Fil-35 minuta kien 'Il-Koku' Demanuele li kellu jħalli l-partita wara li ntlaqat f'rasu filwaqt li fil-65 minuta kien il-plejer Willie Scerri li kellu jinħareġ wara li ħabat ma' Peppi Delceppo. F'dan il-ħin ukoll 'Il-Grioss' Azzopardi ta' Floriana u Nenu Mizzi ta' St. George's FC kienu mweġġħin u minkejja li baqgħu fil-ground ftit dehru fil-partita.

**2.** Ġużi Alamango u Lolly Debattista it-tnejn ta' Floriana ġew immultati Lm2 u Lm1 rispettivament wara li ħebbew għall-plejers avversarji. Alamango ħareġ minn bejn il-lasti u ġera wara plejer avversarju qabel ma ġie miżmum u kkalmat. B'sorpriża għal kulħadd ir-referee Azzopardi ma ħadlux ismu u l-każ tiegħu deher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina minħabba li tressaq direttament minn membru tal-istess Bord li kien preżenti għal din il-partita.

**3.** Floriana tilfu lill-plejer tagħhom Benny Camilleri li ħalla Malta għal disa' xhur biex ikompli bl-istudji tiegħu, fl-Ingilterra. Camilleri aktar tard kien laħaq Avukat, sar ukoll President tal-klabb Furjaniz u anke kien membru fil-Parlament.

**4.** Il-gowl tar-rebħa skurjat minn Oscar Bartolo minuta mit-tmiem wasal wara li ħabat mad-difensur Furjaniz Leli Zammit bil-ballun jogħla u jispiċċa eżatt fix-xibka. Ftit sekondi qabel kienu Floriana li għal ftit ma skurjawx il-goal tar-rebħa meta Victor Farrugia waħdu quddiem Mugliett ixxuttja dgħajjef f'idejn il-goalkeeper.



Azzjoni mil-logħba bejn Valletta v Hamrun S. (4-1) - 29.11.1952

**01-11-1952:**
**Valletta FC** ........................ **4**
**Sliema Wdrs. FC** ............. **3** **H.T 4-3**
**Ref**: Joe M. Cassar Naudi
**Skorers**: P. Vassallo (V) 5', Joe Grech (V) 20', P. Vassallo (V) 30', G. Vassallo (S) 40', Ġ. Borg (V) 41', B. Bonavia (S) 42' u J. Cuschieri (S) 43'.
**VALLETTA FC**: Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'It-Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Salvinu Schembri, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.
**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Johnnie Alamango, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Piju Lebrun, Tony Nicholl, Ġużi Cuschieri, Bob Bonavia, Ġużi Vassallo, Maurice Walsh, Gejtu 'Gaga' Sacco, Sammy Nicholl.

**1.** Fl-74 minuta Pawlu Zammit ta' Valletta FC falla penalty meta xxuttja barra. Il-penalty kien ingħata wara li Lolly Cuschieri waqqaf b'idejh xutt ta' Leli Pace destinat għal ġewwa.

**2.** Spettatur li kien preżenti fl-Istadium għal din il-partita miet wara li sofra minn attakk tal-qalb.

**3.** Joe Grech 'It-Tichy' iddebutta ma' Valletta wara li fil-15 ta' Ottubru, 1952, dawn ħallsu somma rekord ta' Lm400 sabiex akkwistawh mingħand Floriana. Għall-ewwel in-negozjati dehru li tħassru meta t-talba ta' Floriana baqgħet ta' Lm500 filwaqt li Valletta ma setgħux joffru aktar minn Lm360. Ħafna nies mill-Belt kienu kontra li plejer mill-Furjana jilbes il-flokk ta' Valletta. Grech kien diġà ddebutta ma' Valletta, f'partita ta' ħbiberija, kontra 42 Commando RM, fis-16 ta' Ottubru, 1952.

**4.** L-istess 'Tichy' Grech weġġa' u kellu joħroġ mil-logħba għal ħames minuti bejn id-39 u l-44 minuta. F'dak il-ħin ġew skurjati erba' goals u Valletta minn vantaġġ komdu ta' 3-0 sabu ruħhom f'vantaġġ minimu ta' 4-3.

**5.** F'partita ta' ħbiberija ta' qabel il-kampjonat bejn l-istess żewġ timijiet, li saret fl-24 ta' Settembru, 1952, Sliema Wanderers għelbu lil Valletta FC 10-2. Sal-mistrieħ il-Wanderers kienu 6-0 minn fuq. L-istorja dehret li qed tirrepeti ruħha minħabba li anke fl-istaġun ta' qabel f'partita ta' ħbiberija ta' qabel il-kampjonat il-Wanderers għelbu lil Valletta 8-0 biex meta ltaqgħu fil-kampjonat kienu rebħulhom 1-0 biss.

**6.** Salvinu Schembri rritorna għall-futbol wara li rkupra mill-injury li żammitu bogħod mill-futbol għal seba' xhur. Fil-verità huwa kien diġà lagħab f'partita ta' ħbiberija ma' tax-xogħol meta fit-23 ta' Ottubru, 1952, kien ħa sehem ma' tim magħżul tar-Royal Malta Artillery (RMA)

# Birkirkara jħallsu Lm350 għal 'Likku' Saliba u Valletta Lm400 Għat-'Tichy' Grech

li għeleb tim magħżul tar-Royal Malta Commando (RMC) 4-0 b'żewġ goals ta' Horace Herbert u goal kull wieħed minn Kenneth Valenzia u Leli Pace 'Il-Pesa'.

**7.** Il-wiċċ tal-ground kien kollu tajn u żlieq minħabba x-xita qawwija li niżlet matul l-ewwel taqsima.

**02-11-1952:**
**Hibernians FC................. 3**
**Hamrun Sp. FC................ 1** **H.T 1-1**
**Ref**: Major Alfred P. Briffa (RMA)
**Skorers**: V. Portelli (Hibs) 28', J. McKeown (Ħam) 44', J. C. Coulon (Hibs) 52' u J. Cassar (Hibs) 61'.

**HIBERNIANS FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Michael Kingston, Jean Claude Coulon, Fredu Church, John Coreschi, Lorry 'Ġeġiġa' Cassar.

**HAMRUN SP. FC**: Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Piju Camilleri, Frankie Grech, Frans Damato, Ġużi Zammit, George Jones, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Johnny McKeown, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Żużu 'Qomos' Sciberras.

**1.** Din kienet l-aħħar partita ta' Piju Camilleri fil-kampjonat meta fil-partita ta' wara huwa tħalla barra mit-tim filwaqt li fil-21 ta' Novembru, 1952, huwa kien emigra lejn l-Istati Uniti abbord il-vapur Nea Hellas. Kienet l-intenzjoni ta' Camilleri li jingħaqad ma' footballers oħra Maltin fit-tim tal-Maltin fi New York - Malta United Soccer Team. Fuq nota pożittiva għall-Ispartans kienet l-aħbar tar-ritorn ta' Johnnie Borg 'Is-Sakarm' li rritorna Malta mill-Istati Uniti fejn kien emigra ftit xhur qabel.

**2.** Żużu Sciberras kien qed jirritorna għall-Ispartans wara nuqqas ta' kważi tliet snin. Huwa kien lagħab l-aħħar mal-Ispartans fil-11 ta' Diċembru, 1949, fir-rebħa ta' 3-0 fuq Valletta.

**3.** Il-plejer-coach Skocciz Johnnie McKeown tal-Ispartans iddebutta fil-kampjonat fejn anke skorja l-uniku goal Ħamruniż. Huwa kien diġà ddebutta b'goal magħhom f'partita ta' ħbiberija kontra HMS Forth fl-10 ta' Ottubru, 1952, meta skorja darbtejn fir-rebħa ta' 4-3 anke jekk fiż-żewġ




It-tim ta' Valletta 1952/53

## AĦBARIJIET

Tard fil-għaxija, fl-10 ta' Ottubru, 1952, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ħabbar li kien issospenda lill-plejer ta' Vittoriosa Stars, Leli Zahra, għal għomru minn kull attività tal-futbol wara li kien sawwat lir-referee waqt partita mill-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni kontra Melita li dawn tal-aħħar rebħu 2-1. L-inċident seħħ għaxar minuti mit-tmiem meta r-referee keċċa lid-difensur ċentrali, Zahra, wara li dan irritalja għal foul. Zahra attakka lir-referee u kellu jiġi miżmum u eskortat barra mill-ground.

F'partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni li ntlagħbet fit-12 t'Ottubru, 1952, it-tieni team ta' Floriana FC għeleb lit-tieni team ta' Hibernians FC bl-iskor ta' 12-1. Ċikku Xuereb 'In-Nagħġa' skorja erba' darbiet, iż-żagħżugħ Tony Cauchi 'Il-Majsi' skorja hat-trick, Leli Stivala skorja darbtejn filwaqt li Vella u Farrugia u autogoal ta' Coulon għaqqdu t-tużżana. Il-goal ta' Hibernians wasal minuta wara l-mistrieħ minn Farrugia.

L-MFA avżat lill-klabbs affiljati magħha li b'deċiżjoni tal-Kunsill il-klabbs ma setgħux jirranġaw logħbiet ta' ħbiberija bejniethom jew ma' timijiet tas-Servizzi, la fl-Empire Stadium u fl-ebda ground ieħor, nhar il-Ħadd 26 ta' Ottubru, 1952, minħabba li kienet se tiġi ċċelebrata l-festa ta' Kristu Re.

F'dan il-bidu tal-istaġun kien hemm diversi lmenti fil-ġurnali u kummenti ta' sfiduċja fil-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Skond l-ittri li bdew jidhru matul ix-xahar ta' Ottubru fuq il-ġurnal 'Il-Berqa', is-sitt Sinjuri li kienu jiffurmaw il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kienu tliet membri magħrufin Furjaniżi, wieħed minn Valletta FC, ieħor minn St. George's FC filwaqt li l-membru l-ieħor kien mill-klabb tal-Ispartans. Il-paraguni li saru kienu li filwaqt li l-plejer Charlie Mattocks ta' Sliema weħel żewġ partiti u ġie mmultat Lm1 għax ixxuttja l-ballun apposta fuq in-nies, il-plejer Ġużi Alamango ta' Floriana ġie mmultat Lm2 u ma weħel l-ebda partita meta ġera wara plejer ta' St. George's biex isawtu. Aktar kunflitti ta' nteressi bdew joħorġu meta xi Furjaniżi kitbu li Alamango ma ġiex irrapurtat mir-referee iżda mill-membru tal-Bord ta' Hamrun Spartans, l-ex referee George A. Kelly, li kien preżenti fl-Istadium meta l-partita li kien imisshom Floriana kienet proprju kontra l-Ispartans.

Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA, li kien tant fl-aħbarijiet f'dawn il-ġranet, kien iffurmat minn dawn is-Sinjuri. E. Camilleri bħala Chairman u L. Gulia, S. Zammit, G. Kelly, P. Cauchi u l-Perit J. Leone Ganado bħala membri.

Aktar akkużi ta' favoritiżmu mitfugħ lejn l-MFA seħħ meta bi preparazzjoni għat-Tourney tal-Milied l-MFA sejħet għadd ta' plejers biex jilagħbu f'partita ta' kontra tim magħżul mill-Army u l-RAF nhar it-3 ta' Diċembru, 1952, sabiex jintgħażlu l-plejers li ser jirrapreżentaw lill-MFA XI fit-Tourney tal-Milied. L-MFA ħabbret li fost il-plejers imsejħa ma kien hemm l-ebda plejer ta' Sliema jew Floriana minħabba li dawn kellhom jilagħbu kontra xulxin fil-kampjonat tlitt ijiem wara, is-Sibt 6 ta' Diċembru, 1952. Kien jistona l-fatt però li l-għada, il-Ħadd 7 ta'Diċembru, 1952, Hamrun Spartans ukoll kienu mpenjati fil-kampjonat kontra Rabat FC. Madankollu fl-għażla tal-MFA kien hemm erba' plejers tagħhom – Kelinu Aquilina 'Il-Boqqa', Salvu Azzopardi, George Jones u Żużu Sciberras.

F'partita tat-Tieni Diviżjoni li ntlagħbet fid-9 ta' Novembru 1952 it-tieni tim ta' Hibernians safa megħlub għal darb'oħra bi skor kbir meta tilfu 11-0 kontra Hamrun Spartans. Bartolo, Spiteri u J. Borg kollha skorjaw hat-trick filwaqt li Falzon skorja ż-żewġ goals l-oħra. Hibernians kellhom fit-team lil Cassar u Farrugia li ġurnata qabel kienu lagħbu fl-ewwel team ta' Hibernians FC fil-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.



Ġużi Alamango ta' Floriana jilqa' l-ballun fil-logħba kontra St. George's 1-2 (19.10.1952)

okkażjonijiet kien naqas milli jimpressjona.

4. Fredu Church ta' Hibernians kien ġie sospiż partita wara mġieba mhux xierqa f'din il-logħba.

5. Mike Kingston iddebutta ma' Hibernians. Huwa kien ġie akkwistat mingħand Sliema Wanderers fejn fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab regolarment fit-tieni team tagħhom fit-Tieni Diviżjoni fil-pożizzjoni ta' centre-forward.

6. Salvu Azzopardi kien nieqes għall-Ispartans wara li daħal għall-operazzjoni tat-tunsilli fl-isptar tal-Blue Sisters.

**KLASSIFIKA**: Valletta FC 4 pti.; Hamrun Sp. FC, Floriana FC, Hibernians FC, St.George's FC u Rabat FC 2 pti.; Birkirkara FC u Sliema Wdrs. FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: L. Pace (Valletta FC) 3 goals; P. Vassallo (Valletta FC) u O. Bartolo (St.George's FC) 2 goals.

## IT-TIELET ĠURNATA

**08-11-1952:**
**Hibernians FC ................. 1**
**St.George's FC................. 1 H.T 0-0**
**Ref**: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)
**Skorers**: J. C. Coulon (H) 50' u N. Mizzi (S) 55'.

**HIBERNIANS FC**: Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Michael Kingston, Jean Claude Coulon, John Coreschi, Farrugia, Lorry 'Geġiġa' Cassar.

**ST.GEORGE'S FC**: Ġużi Mugliett, Johnnie Wilson, Frans Purkiss, Ġużi 'Ta' Belsen' Caruana, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Joe 'Il-Felli' Ciantar, P. Bugeja.

1. Żużu Rizzo ta' St. George's ġie mkeċċi fit-tieni taqsima wara li xejjer daqqa ta' ponn lil John Gatt ta' Hibernians. Fil-fatt kienet sorpriża kif Żużu Rizzo ma tkeċċiex qabel meta fl-ewwel taqsima ġera wara Coreschi ta' Hibernians u kellu jiġi kkalmat mir-referee nnifsu. Żużu Rizzo ġie sospiż żewġ logħbiet filwaqt li John Gatt ukoll weħel logħba u multa ta' Lm1 minħabba li ġġieled.

2. Ġużi Caruana 'Ta' Belsen' irritorna ma' St. George's FC wara perijodu jilgħab ma' Żebbuġ Rangers fit-Tieni Diviżjoni. Huwa ħa post ħuh Salvu fil-pożizzjoni ta' right half b'dan tal-aħħar jilgħab fil-pożizzjoni insolita ta' centre forward.

3. St. George's kellhom nieqes lil Salvu Scicluna minħabba li kien qed jiskonta sospensjoni ta' xahar.

**09-11-1952:**
**Sliema Wdrs. FC ............. 1**
**Rabat FC ........................... 0 H.T 1-0**
**Ref**: John W. Naudi.
**Skorer**: T. Nicholl (S) 6'.

**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Piju Lebrun, Bob Bonavia, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

**RABAT FC**: Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charles 'Il-Kis' Zahra, Mario Merola, Ernest Chappelle, Leli Sammut, Charlie Theuma, Vince Mallia.

1. Ray Edwards iddebutta ma' Sliema Wanderers fil-kampjonat. Huwa kien sieħeb lill-klabb Slimiż mingħand il-Minors ta' Hibernians fl-istaġun ta' qabel. Edwards kien diġà lagħab ma' Sliema fit-Trophy kontra St. George's FC ġimgħatejn qabel.

**15-11-1952:**
**Hamrun Sp. FC................ 1**
**Floriana FC....................... 1 H.T 1-0**
**Ref**: Flt. Sgt. John Kidd (R.A.F)
**Skurjaw**: G. Psaila (H) 23' u S. Williams (F) 51'.

**HAMRUN SP. FC**: Kelinu 'Il-Boqqa' Aquilina, Oscar Gatt, Salvu Azzopardi, George Jones, Ġużi Zammit, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Salvu Bartolo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Johnny McKeown, Romeo Psaila.

Floriana FC: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Willie Xerri, Victor Farrugia, Caesar Xerri, Tony Vella, Charlie 'Il-Gríoss' Azzopardi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Stan Williams, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Il-goalkeeper tal-Ispartans Kelinu Aquilina weġġa', fl-64 minuta, u kellu jabbanduna l-partita. Postu bejn il-lasti ħadu l-player-coach Johnny McKeown. 'Il-Boqqa' Aquilina irritorna iktar tard fil-partita u kompla jilgħab bħala right-wing.

2. Is-centre forward mill-Afrika t'Isfel, Stanley Williams, iddebutta b'goal ma' Floriana FC. Williams, li qabel sieħeb lil Floriana kien jilgħab ma' Aberdeen u Dundee, kien skorja l-goal tar-rebħa fil-Final tat-Tazza Skoċċiza, tal-1947, għal Aberdeen fir-rebħa ta' 2-1 kontra Hibernian. Huwa kien wasal Malta fl-4 ta' Ottubru, 1952.

3. Piju Camilleri u Ġużi Buttigieg kienu nieqsa mit-tim tal-Ispartans meta nqalgħu xi differenzi bejnhom u bejn il-klabb Ħamruniż fuq it-telfa ta' 3-1 li kellhom l-Ispartans kontra Hibernians fl-aħħar ħarġa.

4. Lolly Borg irritorna għal-logħob fil-kampjonat wara li falla l-ewwel żewġ partiti. Huwa kien diġà irritorna ma' Floriana għaxart ijiem qabel fi friendly kontra HMS Forth li l-Furjaniżi kienu rebħu 3-1.

**16-11-1952:**
**Birkirkara FC .................... 1**
**Valletta FC ......................... 1 H.T 1-0**
**Ref**: Major Alfred P. Briffa (R.M.A)
**Skorers**: G. Pisani (B) 38' u L. Pace (V) 72'.

**BIRKIRKARA FC**: Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Kenneth Valenzia, Munns, Stephen Samut Tagliaferro, Clutterback, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**VALLETTA FC**: Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'It-Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Salvinu Schembri, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Ġużeppi Micallef.

1. Stephen Sammut Tagliaferro ta' Birkirkara FC kien akkwistat mingħand Melita FC ftit ġranet qabel.

2. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lill-outside left ta' Valletta Żeppi Micallef sal-aħħar ta' Jannar, 1953, wara li kien irrapurtat mir-referee għall-imġieba mhux xierqa u kliem ħażin matul din il-partita. Huwa kien anke ġie mmultat Lm1.

**KLASSIFIKA**: Valletta FC 5 pti.; Sliema Wdrs. FC, Hamrun Sp. FC, Floriana FC, Hibernians FC u St.George's FC 3 pti.; Birkirkara FC u Rabat FC 2 pti.

**L-AQWA SKORERS**: L. Pace (Valletta FC) 4 goals; G. Psaila (Hamrun Sp. FC); J. C. Coulon (Hibernians FC); O. Bartolo (St. George's FC) u P. Vassallo (Valletta FC) 2 goals.


SPEED HAS A NEW WEAPON
TODAY'S LESSON. BEING QUICK MEANS YOU CAN RUN RINGS ROUND PEOPLE. A TURN OF PACE AND YOU'RE IN ON GOAL. DONE. NOTHING BEATS FAST. EXCEPT FASTER. CHOOSE THE NIKE MERCURIAL VAPOR SUPERFLY.
MAKE THE DIFFERENCE
NIKEFOOTBALL.COM
URBAN JUNGLE
www.urbanjunglestore.com
SLIEMA X 2, ST.JULIANS (PARK TOWERS), BUGIBBA, ST.GEORGES BAY, VALLETTA X 2, UNIVERSITY, MOSTA, B'KARA, FGURA, GOZO

# Malta tieħu sehem fil-Mediterranean

Avventura oħra tal-kontinġent Malti fil-Mediterranean Frienship Games 2009, li saru fi Sqallija bejn l-10 u t-13 ta' Settembru. Kienet it-tielet edizzjoni ta' dan il-Logħob fil-format il-ġdid biċ-Ċerimonja tal-Ftuħ issir fil-pjazza prinċipali ta' Marsala, fil-preżenza ta' diversi uffiċjali għolja kemm mill-KOM, kif ukoll mir-rappreżentanti tal-lokal ta' Marsala u uffiċjali oħra mill-CONI Sicilia fosthom il-President Massimo Costa. Wara li saru diversi diskorsi tal-okkażjoni is-sindku Renzo Carini iddikjara il-Logħob miftuħ fost id-daqq tal-innijiet nazzjonali u spettaklu ieħor.

Fi kliem il-President tal-Kumitat Olimpiku Malti l-Imħallef Lino Farrugia Sacco dan il-logħob hu l-aqwa strument biex titkattar akbar il-ħbiberija bejn iż-żewġ assoċjazzjonijiet. Intant kien waqt l-ikla għall-atleti kollha qabel l-istess ċerimonja tal-ftuħ li kien tħabbar li Massimo Cremona intgħażel bħala l-atleta biex iġorr il-bandiera Maltija f'isem il-kontinġent kollu Malti.

*"Inħossni ferm kuntent u onorat"* tenna Cremona. *"Ninsab kuntent immens li ninsab hawn wara li kelli staġun pożittiv fl-Italja"*. F'dan il-Logħob li kien maqsum fuq jumejn ipparteċipaw atleti minn Sqallija, Trapani u Malta, f'xejn inqas minn 15-il dixxiplina li jinkludu fost l-oħrajn Sparar bil-Qaws, Badminton, Beach Volley, Chess, Dance Sport, Equestrian, Fencing, Karate, Pool , Shooting Indoor, Table Football, Taekwondo, Ten Pin Bowling, Triathlon u Weightlifting.

Fil-provinċja ta' Trapani, l-atleti Maltin, taħt l-għajnejn tal-uffiċjali tal-KOM, kisbu riżultati mħallta, imma bla dubju ta' xejn jispikkaw ir-rebħa tajba li kiseb t-tim Malti tat-Table Football, kif ukoll is-suċċess miksub fil-Karate, fejn Tyler Tanti rebaħ liċ-Champion Taljan William Torre.

Daqstant ieħor success fil-Pool fejn wara li s-selezzjoni Maltija għalqet l-ewwel fazi 2–4 minn taħt wettqet reazzjoni bi tliet rebħiet konsekuttivi u rebħa meritata ta' 5–4 għal Malta u t-tielet suċċess konsekuttiv f'daqstant edizzjonijiet tal-Logħob.

Minkejja kull sforz tal-atleti Maltin, l-avversarji Sqallin ħarġu rebbieħa fl-Isparar bil-Qaws, bl-Isqalli numru 4 ta' l-


Azzjoni mid-dixxiplina tal-Equestrian



Danika u Michelle, atleti tat-Triathlon


Waqt il-kompetizzjoni tal-Fencing


Il-plejers Maltin tal-Pool


Waqt logħbiet taċ-Chess


Ġurnalisti Maltin fuq xogħolhom fi Sqallija


Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ

Charles Camenzuli minn Marsala

# Friendship Games





It-tiraturi Maltin William Vella, Charlo Chircop u Lawrence Darmanin flimkien mal-uffiċjal Angelo Galea


Massimo Cremona waqt waħda mill-logħbiet tat-Tablefootball

Italja, Alberto Zagami, jispiċċa fl-ewwel post, segwit minn Antonino Lisotta. Il-Malti Luke Pellicano spiċċa fit-tielet post.

Wara l-kompetizzjonijiet individwali, saru l-kompetizzjonijiet tat-timijiet, bit-team Sqalli jerġa' joħroġ rebbieħ, fejn għal darb'oħra reġa' spikka Alberto Zagami, bl-Isqallin jirbħu 182-160.

Fil-Beach Volley li saru f'Marsala, it-tim Malti tal-irġiel tilef kontra t-timijiet minn Trapani u Sicilja, waqt li t-tim tan-nisa, magħmul minn Alison Borg u Maria Demicoli, kiseb rebħa kontra t-tim ta' Trapani: però kellu jċedi kontra t-tim ta' Sqallija.

Fl-Equestrian sport, il-parteċipanti Maltin ma setgħux juru l-aħjar abbiltà tagħhom fost għadd konsiderevoli ta' diffikultajiet filwaqt illi s-selezzjoni Maltija tal-Badminton wara li sfat megħluba minn Sqallija 1-4 kellha reazzjoni u għelbet 5–0 lil Trapani.

Fit-table football Malta kisbet rebħa tajba meta għelbet lit-tim minn Sqallija bl-iskor ta' 6-2, fejn it-trio ta' Samuel Bartolo, Massimo Cremona u Mark Gauci ftit sabu diffikultà biex għelbu lis-Selezzjoni ta' Sqallija, bil-player Malti Massimo Cremona jitlef kontra Morabito, 3-1. Però dan segwa b'żewġ rebħiet kontra Berselli u Richichi, bl-iskor ta' 2-1, waqt li Samuel Bartol kiseb żewġ rebħiet u draw. Mark Gauci ukoll segwa b'żewġ rebħiet u telfa.

Fid-dance Sport, l-Isqallin rebħu ż-żewġ kategoriji kontra l-koppji Maltin. Biss, it-tim Malti irnexxielu jikseb riżultat pożittiv fiż-żfin Latin Amerikan fejn rebaħ kontra t-team ta' Trapani.
Daqstant ieħor kien ir-riżultat sodisfaċenti fil-fencing fejn wara li t-tim Malti tilef fl-epee 41-43 ġie ddominat għal kollox fil-foil meta ħareġ tellief 20–45.

Fit-Ten-Pin Bowling Justin Caruana Scicluna spiċċa fit-tieni post fil-kompetizzjoni Individwali, fejn din il-kompetizzjoni ntrebħet mill-atleta Roberto Sottile tat-tim Sqalli. Kenneth Arpa spiċċa fil-ħames post, waqt li Mark Spiteri spiċċa fis-seba' post.

Fil-Karate , it-tim Malti kiseb riżultati sodisfaċenti, anki jekk imħallta b'fortuni differenti. Fil-kategorija Kata, Kimberly Staton tilfet iż-żewġ konfronti, waqt li Tyler Tanti rebaħ il-konfront kontra William Torre ta' Sqallija u Champion tal-Italja, 3-2 anki jekk tilef 5-0 kontra l-atleta minn Trapani.

Fil-kategorija Kumite, Roberta Abela rebħet kontra l-atleta minn Trapani, 1-0. Imma kien segwit b'telfa kontra l-atleta minn Sqallija, 1-0. Dylon Hales rebaħ 3-0 kontra l-atleta minn Trapani, imma tilef 2-1 kontra r-rappreżentant tat-tim ta' Sqallija.

Fiċ-Chess, draw fl-ewwel ġurnata f'din il-kompetizzjoni, fejn it-tim Malti u dak ta' Sqallija spiċċaw fi draw ta' 2-2. Joseph Gauci kiseb punt għat-tim Malti, waqt li segwew Duncan Adrian Vella u Mario Psaila li akkwistaw nofs punt kull wieħed. Ronald Sammut sofra telfa għal Malta bit-tieni gurnata tkun dominata għal kollox minn Sqallija.

Fit-tieni ġurnata ta' Logħob , fl-Isparar, William Vella kiseb it-tielet post b'total ta' 571. Fl-ewwel żewġ postijiet l-atleti ta' Sqallija Giovanni Matraxa u Salvatore Catalano. Iż-żewġ tiraturi Maltin l-oħra, Charlò Chircop u Lorenzo Darmanin, spiċċaw fis-sitta u s-seba' post rispettivament, b'total ta' 547 u 538 punt.

Fit-tieni ġurnata ta' Ten-Pin Bowling, l-atleti Maltin reġgħu kienu fl-azzjoni, u Kenneth Arpa kiseb punteġġ ta' 1,519, Mark Spiteri kiseb 1,380 u Justin Caruana Scicluna kiseb 1,199, biex it-total finali ntemm bit-tim Sqalli 9,284 , Malta b'9,197 u Trapani b'6,822.

Fi tmiem il-kompetizzjonijiet, fil-preżenza ta' diversi rappreżentanti mill-Provinċja ta' Trapani, Uffiċjali tal-CONI Sicilia u Uffiċjali tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM), saret iċ-ċerimonja tal-għeluq, u b'hekk intemm il-Logħob ta' Ħbiberija bejn Sqallija u Malta u xi selezzjonijiet mill-provinċja ta' Trapani.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, waqt iċ-ċerimonja tal-għeluq il-President tal-KOM Lino Farrugia Sacco tenna li kien ta' pjaċir għall-entità tiegħu li tkun preżenti f'dan il-Logħob, filwaqt li saħaq li l-appuntament issa hu għas-sena d-dieħla f'Malta.

It-tim magħmul minn atleti Sqallin ġie ppreżentat bit-Tazza rebbieħa, fost mużika tal-lokal u logħob tan-nar. F'dan il-Logħob Malta kienet impenjata fi 15-il dixxiplina, bl-aħjar riżultati jinkisbu fit-Table Football, Pool, Taekwondo, Triathlon u fit-Ten-Pin Bowling.

# L-Isla jirbħu r-



Qaddiefa, uffiċjali u partitarji Sengleani jippożaw għar-ritratt tal-okkażjoni

L-Isla żammew l-Aggregate Shield tar-Regatta Nazzjonali biex komplew ikabbru r-rekord tagħhom tar-rebħ wara li għelbu l-isfida tar-rivali Bormla u tal-Marsa f'Regatta li baqgħet eċċitanti sal-aħħar.

Kif kien mistenni t-tliet distretti tal-Isla, Bormla u l-Marsa kienu l-protagonisti fil-Kategorija Open u dan hekk kif il-punti kollha f'din il-kategorija ntrebħu minnhom.

Sal-ewwel żewġ tiġrijiet ir-Regatta dehret li kienet se tkun taqtiegħa bejn iż-żewġ distretti rivali mill-Kottonera, l-Isla.

Iżda Marsa, li għalkemm ma kienux ikkwotati daqs iż-żewġ distretti l-oħrajn, għarfu jissorprendu u wara li rebħu t-tielet tiġrija tad-Dgħajjes C tal-Pass b'Żewġ Imqadef daħlu biċ-ċans għar-rebħ tax-Shield ukoll meta Bormla kienu fuq quddiem b'36 punt, il-Marsa telgħu t-tieni b'34 punt u l-Isla kellhom 30 punt.

Dan kien ifisser li l-aħħar żewġ tiġrijiet, tal-Kajjikki u tad-Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef, kienu ferm importanti u hawnhekk qamu għall-okkażjoni l-Isla li rebħuhom it-tnejn għal total finali ta' 66 punt.

Warajhom spiċċaw il-Marsa b'54 punt filwaqt li Bormla kellhom jikkuntentaw bit-tielet post b'total ta' 52 punt.

## KATEGORIJA B

Fil-Kategorija B il-punti nfirxu fuq kważi d-distretti l-oħrajn għajr Birżebbuġa u Marsamxett li kienu l-uniċi distretti li ma rebħux punti.

Hawnhekk kienu l-Birgu li rebħu x-Shield wara li għarfu jipplejsjaw f'kull tiġrija u rebħu l-aħħar żewġ tiġrijiet.

Birgu rebħu din il-kategrija b'total ta' 64 punt, b'vantaġġ ta' 24 punt mit-tieni distrett ta' Bormla. Fit-tielet post spiċċaw il-Kalkara b'36 punt segwiti mill-Isla bi 22 punt u l-Marsa b'10 punti.

# Regatta Nazzjonali

### IR-RIŻULTATI KOLLHA

**KATEGORIJA OPEN**

**Dgħajjes A tal-Midalji**
– 1. Senglea, 2. Bormla, 3. Marsa

**Frejgatini**
– 1. Bormla, 2. Marsa, 3. Isla

**Dgħajjes C tal-Pass b'Żewġ Imqadef**
– 1. Marsa, 2. Bormla, 3. Isla

**Kajjikki**
– 1. Isla, 2. Bormla, 3. Marsa

**Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef**
– 1. Isla, 2. Marsa, 3. Bormla

**KATEGORIJA B**

**Dgħajjes C tal-Pass b'Żewġ Imqadef**
– 1. Kalkara, 2. Birgu, 3. Marsa

**Kajjikki**
– 1. Bormla, 2. Isla, 3. Birgu

**Dgħajjes A tal-Midalji**
– 1. Bormla, 2. Birgu, 3. Isla

**Frejgatini**
– 1. Birgu, 2. Isla, 3. Marsa

**Dgħajjes B tal-Pass b'Erba' Imqadef**
– 1. Birgu, 2. Kalkara, 3. Bormla



Clyde Puli jippreżenta x-Shield lil Charmaine Gerada, president tal-klabb tal-Isla



Waqt waħda mit-tiġrijiet, fl-isfond ix-xatt tal-Isla

## Klassi Super Sport



# Seagull Chaudron tirbaħ il-Kampjonat



**Aaron Ciantar, flimkien ma' Angelo Tedeschi u Viktor Shemchuk jifirħu bir-rebħ tat-titlu mondjali**

Aaron Ciantar, għat-tieni sena konsekuttiva, rebaħ il-Klassi Super Sport tal-Kampjonat P1 tal-Powerboats meta fl-aħħar GP tal-istaġun, dak li sar f'Sirakuża, ġewwa Sqallija, flimkien ma' Angelo Tedeschi u Victor Shemckuk fuq Seagull Chaudron bin-numru 43, irnexxielhom jispiċċaw 20 punt qabel l-avversarji ta' Baia Attolini fil-klassifika finali. Għal Aaron u l-kollegi tiegħu Tedeschi u Shemchuk, dan kien suċċess meritat, iżda soffert mill-bidu tal-istaġun. Fil-fatt ir-rivali ta' Baia Attolini taw sfida denja tul l-istaġun kollu u sal-ġurnata tas-Sibt tal-aħħar GP, kollox kien għadu miftuħ.

Fil-klassi Evolution kienu t-Taljani ta' SNAV OSG li rebħu l-Kampjonat, bil-Brittaniċi ta' Silverline jispiċċaw fit-tieni post, wara li għal żmien twil kienu huma li kienu fl-ewwel post ta' din il-klassi.

Għal Seagull Chaudron kien biżejjed it-tieni post fit-tiġrija tas-Sibt biex jiżguraw il-quċċata tal-klassifika. Finalment kienet id-dgħajsa Team SW1 Capital li rebħet il-GP Sqalli, iżda bil-punti li ġabru Seagull Chaudron fil-ġurnata tal-Ħadd, l-avversarji qatt ma setgħu jilħquhom. Wara t-tiġrija tas-Sibt il-punti li kienu jifirdu lil Seagull Chaudron minn Baia Attolini kienu biss 11. Għalhekk biex Seagull Chaudron ikunu ddikjarati rebbieħa ta' dan l-istaġun riedu bilfors jispiċċaw qabel Baia Attolini jew jiksbu t-tieni post f'każ li l-istess Baia Attolini kienu jirbħu t-tiġrija tal-Ħadd. Xi ħaġa li Baia Attolini ma rnexxielhomx jagħmlu u b'hekk Aaron Ciantar sar Champion tad-dinja għat-tieni darba fil-karriera tiegħu.

Wara s-suċċess miksub, Ciantar b'daħka ta' sodisfazzjon fuq wiċċu qal li dan il-kampjonat kien ferm aktar diffiċli minn dak tal-istaġun li għadda. Huwa stqarr li dan kollu kien possibli għaliex il-parteċipanti kollha għamlu titjib konsiderevoli u dan żgura li l-isfida tkun ferm aktar qalila.

Għal Angelo Tedeschi dan kien it-tielet suċċess fil-klassi Super Sport u bla dubju l-ferħ kien wieħed kbir. Tedeschi f'kumment qasir qal li dan is-suċċess wasal għaliex it-tim kien ippreparat tajjeb għall-isfida u dan għax flimkien ħadmu b'mod konsistenti u għal għan wieħed. Huwa fakkar li mill-bidu tal-istaġun Seagull Chaudron żammet ras il-klassifika u kien ikun diżappuntanti li kieku l-kampjonat intilef fl-aħħar ġurnata.

Intant fl-aħħar GP il-kummissarji tal-P1 kellhom iħabbtu wiċċhom ma' każ li ma jseħħx frekwentament, iżda li sfortunatament jista' jinqala, kif fil-fatt ġara. Meta d-dgħajsa Cigarette Smash Poker intiżnet, din kienet aktar ħafifa fil-piż mill-limiti tal-piż skont ir-regolamenti. Meta l-kummissarji vverifakaw aktar il-fatti u reġgħu wiżnu d-dgħajsa sabu li l-piż kien żdid. Għalhekk indunaw li kien hemm irregolaritajiet u l-istess dgħajsa sofriet penalizzazzjoni ta' 290 punt.



**Silverline**


**Seagull Chaudron**

# Aaron Ciantar Champion tad-dinja għat-tieni sena konsekuttiva




Id-dwell bejn Seagull Chaudron u Baia Attolini baqa' sal-aħħar



Il-podju tas-Sibt fil-Klassi Super Sport



L-inċident għad-dgħajsa Lucas Oils



Joe Sgro waqt li qed jiddewwa



MasForce



## Klassifika Finali

### Kalendarju 2009

| Data | Post | Pajjiż |
|---|---|---|
| 8-10 | Mejju | Valletta - Malta |
| 19-21 | Ġunju | Istanbul - Turkija |
| 3-5 | Lulju | San Benedetto - Italja |
| 7-9 | Awwissu | Gothenburg - Svezja |
| **11-13** | **Settembru** | **Sqallija - Italja** |

### Klassi EVOLUTION

| Poż. | Tim | Nru. | Pti. |
|---|---|---|---|
| **1** | **SNAV OSG** | **88** | **811** |
| 2 | SILVERLINE | 47 | 785 |
| 3 | FURNIBO | 33 | 560 |
| 4 | LUCAS OIL OUTERLIMITS | 77 | 491 |
| 5 | METAMARINE PIGNOLO | 53 | 365 |
| 6 | CIGARETTE SMASH POKER | 10 | 342 |
| 7 | CRANEFIELDS WINE | 66 | 205 |

### Klassi SUPERSPORT

| Poż. | Tim | Nru. | Pti. |
|---|---|---|---|
| **1** | **SEAGULL CHAUDRON** | **43** | **977** |
| 2 | BAIA ATTOLINI | 38 | 957 |
| 3 | TEAM SW1 CAPITAL | 26 | 733 |
| 4 | MAS FORCE | 17 | 646 |
| 5 | IKO CASA | 44 | 597 |
| 6 | BLUE SHAFT | 28 | 428 |
| 7 | BIG SERGIO | 22 | 346 |




L-organizzaturi tal-Kampjonat fl-iSvizzera

# Malta tispiċċa fis-sitt post u tikkwalifika

It-tim Malti tal-Waterpolo mmexxi mill-kowċis, it-Taljan, Sergio Afric u l-Malti, Peter Decesare, spiċċa fis-sitt post minn tnax–il tim, fil-Kampjonati Ewropej B li saru matul dan ix-xahar f'Lugano, fl-iSvizzera. F'Lugano il-pajjiżi parteċipanti kienu maqsuma f'żewġ gruppi ta' sitta u dan biex jilagħbu round preliminari, u skond il-pożizzjoni finali fil-grupp, imbagħad jilagħbu l-finali.

L-ewwel jiem kienu pożittivi ferm għall-Maltin, tant, li t-tim irnexxielu jirbaħ l-ewwel tliet logħbiet tal-grupp, biex it-tamiet li stajna naslu fost l-ewwel erbgħa kienu tajba. Iżda wara t-telfa kontra l-Ingilterra, l-affarijiet qabdu ritmu differenti. Bl-aħħar punt miksub mid-draw ta' 10-10 kontra l-Olanda, logħba li stajna rbaħna wara li sa ftit ħin mit-tmiem konna f'vantaġġ ta' żewġ gowls, spiċċajna t-tielet fil-grupp u b'hekk ġejna biex nilagħbu kontra t-tim tat-Turkija, li spiċċaw it-tieni f'Grupp A. It-tieni fi Grupp B spiċċaw l-Olanda, li bil-punt miksub fl-aħħar mumenti kontra Malta kienu f'pożizzjoni aħjar minna biex fil-kwarti-finali jilagħbu kontra t-tim anqas ikkwotat tas-Slovenja.

Fil-fatt fil-kwarti finali l-Maltin tilfu kontra t-Turkija, biex sfumat il-ħolma li stajna nispiċċaw mal-ewwel erba' timijiet u finalment kellna nikkuntentaw u nilagħbu għall-ħames post. Dan wara għaxart ijiem ta' attività kontinwa, xi ħaġa li matul l-aħħar jiem inħasset ħafna. Kemm fil-kwarti finali kontra t-Turkija u kif ukoll fl-aħħar logħba kontra s-Slovenja, t-tim Malti ma kienx frisk fl-enerġija hekk kif kien fl-ewwel parti tal-avveniment. Dan il-fattur seta' kien ta' detriment qawwi u b'hekk il-prestazzjonijiet kienu xi ftit anqas sodisfaċenti. Iżda kollox ma' kollox, wieħed irid jirringrazzja u jfaħħar lill-plejers u l-uffiċjali kollha tal-impenn li taw, u nawguraw li fil-futur inkunu ppreparati aħjar mil-lum biex it-tim Malti jkompli jgawdi minn pożizzjonijiet importanti f'din id-dixxiplina. Dan stqarru wkoll, Austin Sammut, il-president tal-ASA, li f'kumment li ta saħaq li għandha tingħata mportanza akbar lit-tim nazzjonali minn dawk kollha nvoluti f'dan l-isport u dan





Azzjoni waqt il-kampjonati



Il-pixxina f'Lugano fejn sar il-logħob

# LUGANO '09

## Men's european B Championships

biex fil-livell internazzjonali jitnaqqsu d-diffikultajiet li l-iskwadra Maltija tiffaċċja.

Dan ir-riżultat għandu jkun imsejjaħ bħala wieħed prestiġġjuż u għalkemm forsi stennejna xi ftit aktar fil-fażi finali, f'Lugano, xorta waħda l-għan prinċipali, dak li niksbu post fil-Kampjonati Ewropej li mistennija jsiru f'Zagreb, fil-Kroazja s-sena d-dieħla, intlaħaq. Fil-fatt l-ewwel sitt pajjiżi ikkwalifikaw b'mod awtomatiku.

Finalment kienu l-istess Torok li rebħu dan il-Kampjonat wara li fil-final għelbu lit-tim Franċiż, bl-iskor ta' 8-5. Sa nofs il-logħba l-iskor kien dak ta' 4-4, iżda fl-aħħar sessjonijiet, it-Torok ħadu vantaġġ komdu u spiċċaw rebħu b'vantaġġ ta' tliet gowls. L-Olandiżi spiċċaw fit-tielet post wara li għelbu lill-Ingilterra bl-iskor ta' 9-4.

Il-goals tat-tim Malti tul dan il-Kampjonat waslu hekk:

1. Josie Cachia
2. Alan Borg Cole
3. Jerome Gabarretta (1)
4. Steve Camilleri (13)
5. Clint Debono
6. Matthew Pisani (1)
7. Paul Privitera (4)
8. Jonathan Valletta (7)
9. Michele Stellini (1)
10. John Soler (10)
11. Mark Meli
12. John Brownrigg(4)
13. Nicky Lanzon (10)

### FAŻI TAL-GRUPPI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Grupp A | Belorussja | 17-3 | Danimarka |
| Grupp B | Polonja | 1-16 | Ġeorġja |
| Grupp A | Ukrajna | 10-12 | Slovenja |
| Grupp B | Olanda | 7-8 | Ingilterra |
| Grupp A | Turkija | 5-10 | Franza |
| Grupp B | Svizzera | 4-6 | Malta |
| Grupp A | Danimarka | 8-10 | Ukrajna |
| Grupp B | Ingilterra | 9-10 | Ġeorġja |
| Grupp A | Turkija | 18-8 | Belorussja |
| Grupp B | Malta | 8-7 | Polonja |
| Grupp A | Franza | 13-12 | Slovenja |
| Grupp B | Olanda | 22-5 | Svizzera |
| Grupp A | Slovenja | 19-3 | Danimarka |
| Grupp B | Ġeorġja | 10-12 | Malta |
| Grupp A | Ukrajna | 4-9 | Turkija |
| Grupp A | Belorussja | 7-10 | Franza |
| Grupp B | Polonja | 7-9 | Olanda |
| Grupp B | Svizzera | 10-19 | Ingilterra |
| Grupp B | Olanda | 10-6 | Ġeorġja |
| Grupp A | Franza | 21-6 | Danimarka |
| Grupp A | Belorussja | 9-7 | Ukrajna |
| Grupp B | Ingilterra | 11-6 | Malta |
| Grupp A | Turkija | 11-7 | Slovenja |
| Grupp B | Svizzera | 9-5 | Polonja |
| Grupp A | Danimarka | 6-11 | Turkija |
| Grupp A | Ukrajna | 7-18 | Franza |
| Grupp A | Slovenja | 9-8 | Belorussja |
| Grupp B | Polonja | 5-13 | Ingilterra |
| Grupp B | Malta | 10-10 | Olanda |
| Grupp B | Ġeorġja | 19-10 | Svizzera |

### GRUPP A

| | L | R | D | T | F | K | D | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FRANZA | 5 | 5 | 0 | 0 | 72 | 37 | 35 | 15 |
| TURKIJA | 5 | 4 | 0 | 1 | 54 | 35 | 19 | 12 |
| SLOVENJA | 5 | 3 | 0 | 2 | 59 | 45 | 14 | 9 |
| BELARUS | 5 | 2 | 0 | 3 | 49 | 47 | 2 | 6 |
| UKRAJNA | 5 | 1 | 0 | 4 | 38 | 56 | -18 | 3 |
| DANIMARKA | 5 | 0 | 0 | 5 | 26 | 78 | -52 | 0 |

### GRUPP B

| | L | R | D | T | F | K | D | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| INGILTERRA | 5 | 4 | 0 | 1 | 60 | 38 | 22 | 12 |
| OLANDA | 5 | 3 | 1 | 1 | 58 | 36 | 22 | 10 |
| MALTA | 5 | 3 | 1 | 1 | 42 | 42 | 0 | 10 |
| ĠEORĠJA | 5 | 3 | 0 | 2 | 61 | 44 | 17 | 9 |
| SVIZZERA | 5 | 1 | 0 | 4 | 38 | 71 | -33 | 3 |
| POLONJA | 5 | 0 | 0 | 5 | 27 | 55 | -28 | 0 |

### FAŻI FINALI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kwarti Finali | Ukrajna | 12-8 | Polonja |
| Kwarti Finali | Danimarka | 10-8 | Svizzera |
| Kwarti Finali | Turkija | 10-4 | Malta |
| Kwarti Finali | Slovenja | 7-9 | Olanda |
| 11-12 | Polonja | 13-8 | Svizzera |
| Semi Finali | Danimarka | 7-14 | Belorussja |
| Semi Finali | Ukrajna | 5-10 | Ġeorġja |
| Semi Finali | Olanda | 4-9 | Franza |
| Semi Finali | Turkija | 15-6 | Ingilterra |
| 9-10 | Danimarka | 13-7 | Ukrajna |
| 7-8 | Belorussja | 15-13 | Ġeorġja |
| 5-6 | Malta | 6-11 | Slovenja |
| 3-4 | Olanda | 9-4 | Ingilterra |
| 1-2 | Franza | 5-8 | Turkija |

### KLASSIFIKA FINALI

| | |
|---|---|
| 1 | TURKIJA |
| 2 | FRANZA |
| 3 | OLANDA |
| 4 | INGILTERRA |
| 5 | SLOVENJA |
| 6 | MALTA |
| 7 | BELORUSSJA |
| 8 | ĠEORĠJA |
| 9 | DANIMARKA |
| 10 | UKRAJNA |
| 11 | POLONJA |
| 12 | SVIZZERA |

# Il-klassifika proviżorja tal-ewwel 64 plejer tal-iSnooker f'Malta



Alex Borg fl-azzjoni

## MBSA SNOOKER

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 (1) | Alex Borg | 2650 | 33 (41) | Neville Chetchuti | 618 |
| 2 (2) | Duncan Bezzina | 1900 | 34 (47 | Brian Caruana | 618 |
| 3 (7) | Simon Camilleri | 1770 | 35 (42) | Tony Cassar | 580 |
| 4 (10) | Frans Mintoff | 1700 | 36 (32) | Roy Callus | 569 |
| 5 (3) | Simon Zammit | 1700 | 37 (59) | Emmanuel Fiott | 550 |
| 6 (5) | Arthur Cachia | 1400 | 38 (77) | Ivan Attard | 548 |
| 7 (4) | Mario Brincat | 1400 | 39 (38) | Joseph Casha | 513 |
| 8 (9) | Richard Lewis | 1300 | 40 (43) | Julian Micallef | 500 |
| 9 (5) | Clayton Castaldi | 1300 | 41 (57) | Conrad Ellul | 500 |
| 10 (8) | Saviour Brignone | 1270 | 42 (23) | Peter Tonna | 500 |
| 11 (17) | Thurston Grixti | 1238 | 43 (52) | Emmanuel Mallia | 500 |
| 12 (12) | Mark Saffrett | 1200 | 44 (49) | Melchior Galea | 480 |
| 13 (14) | Philip Ciantar | 1100 | 45 (31) | Matthias Mallia | 476 |
| 14 (11) | Duncan Pisani | 1100 | 46 (58) | Wayne Pace | 463 |
| 15 (16) | Marius Gatt | 988 | 47 (53) | Charles Vella | 455 |
| 16 (24) | Ambrose Licari | 938 | 48 (40) | Ryan Galea | 455 |
| 17 (19) | Jesmond Schembri | 920 | 49 (37) | Publius Grech | 450 |
| 18 (18) | Tony Mifsud | 900 | 50 (33) | Joseph Bezzina | 430 |
| 19 (25) | Edmond Fenech | 888 | 51 (51) | Noel Camilleri | 430 |
| 20 (28) | Peter Schembri | 838 | 52 (46) | Tony Zahra | 430 |
| 21 (18) | Ivan Rizzo | 826 | 53 (72) | Mark Abela | 425 |
| 22 (26) | Andre Pace | 808 | 54 (55) | Edward Pullicino | 418 |
| 23 (21) | Aaron Busuttil | 788 | 55 (62) | Johnathan Farrugia | 400 |
| 24 (30) | Ivan Brincat | 743 | 56 (50) | Noel Bonello | 380 |
| 25 (34) | Thomas Busuttil | 718 | 57 (51) | Carmelo Bonnici | 375 |
| 26 (29) | Conrad Catania | 706 | 58 (100) | Kevin Vella | 355 |
| 27 (20) | Peter Pace | 700 | 59 (84) | Ronald Limbied | 350 |
| 28 (61) | Marcel Micallef | 695 | 60 (67) | Rudolph Gellel | 350 |
| 29 (36) | Frans Abdilla | 670 | 61 (83) | Paul Tabone | 350 |
| 30 (15) | Manolito Grech | 650 | 62 (39) | Richard Galea | 338 |
| 31 (27) | Brian Cardona | 650 | 63 (54) | Gaetano Camilleri | 330 |
| 32 (69) | Stephen Mangion | 625 | 64 (90) | Christopher Peplow | 325 |

# Ir-raba' Invitational European U/17 Snooker Open se jsir f'Jannar

Pro Am Snooker ħabbret li r-raba' Invitational European U/17 International Snooker Open mistenni jsir bejn l-4 u l-10 ta' Jannar 2010 fl-Apple Snooker Club, f'Buġibba.

Dan l-avveniment qiegħed ikun ukoll sostnut minn Global Snooker, l-akbar sit elettroniku tal-iSnooker fid-dinja. Wieħed jista' jara l-informazzjoni kollha dwar it-tournament, flimkien ma' ritratti u dettalji oħra fl-indirizz: http://www.global-snooker.co/international-europe-malta-under17-invitational-2010.asp Ir-riżultati wara kull logħba matul l-avveniment kollu mistennija jibdew jidħlu b'mod istantanju u dirett fuq is-sit.

Il-plejers parteċipanti mistennija jkunu akkommodati fil-lukanda San Antonio Hotel & Spa ġewwa Buġibba. Għal din l-edizzjoni se jkun hemm prize money ta' €300 għar-rebbieħa, filwaqt li l-ewwel erba' plejers ikklassifikati jingħataw trofew. Dan it-tournament internazzjonali jgħin sabiex il-plejers żgħażagħ Maltin ikollhom l-opportunità li jilagħbu kontra plejers minn pajjiżi oħra Ewropej u għalhekk din l-esperjenza għandha isservi biex ikunu ppreparati aħjar għal meta jaslu biex jikkompetu f'Kampjonati Ewropej u Mondjali. Fl-istess waqt il-plejers kollha, kemm dawk Maltin u kif ukoll dawk barranin, għandhom iċ-ċans li jilagħbu f'tournament internazzjonali bl-inqas spejjeż possibbli. Dan it-tournament, li sar avveniment annwali fil-kalendarju tal-Pro Am Snooker, iservi wkoll biex ikompli jkabbar it-turiżmu sportiv f'pajjiżna.



minn Vincent Pisani





Tony Drago

# Tony Drago fit-68 post fir-Ranking Provizjonali tal-World Snooker Association

Tony Drago rnexxielu jerġa' jidħol fil-Main Tour tal-iSnooker u ingħaqad mas-96 plejer professjonali. Dan wara li ftit xhur ilu rebaħ il-Kampjonat Ewropej li kien sar fil-Belġju.

Drago beda l-istaġun b'żewġ rebħiet fis-Shangai Masters, l-ewwel ranking tournament tal-2009-10. Fl-ewwel round Drago rebaħ permezz ta' walkover kontra Li Hang taċ-Ċina, filwaqt li fit-tieni round rebaħ lill-Ingliż, David Morris, bl-iskor ta' 5-4. Il-frames kienu dawn (Drago l-ewwel): 46-77, 72-27, 0-90, 47-62, 43-71, 69-0, 86-0, 74-0 u 66-56. Fit-tielet round Tony tilef kontra l-plejer Skoċċiż, Marcus Campbell, bl-iskor ta' 4-5. Il-frames kienu dawn (Drago l-ewwel): 108-14, 38-66, 37-64, 0-68, 84-0, 49-27, 71-22, 53-63 u 17-63.

Bil-punti li ħa permezz ta' dawn iż-żewġ rebħiet, Tony Drago, issa jinsab fit-68 post fil-klassifika proviżjonali. Matul dan l-istaġun il-plejer professjonali Malti fadallu jilgħab f'sitt ranking tournaments oħra.

## KLASSIFIKA MONDJALI PROVIŻORJA 2009/2010

| Poż | Plejer | Beda | Shanghai | Total |
|---|---|---|---|---|
| 1 | John Higgins | 31000 | 980 | 31980 |
| 2 | Allister Carter | 24100 | 980 | 25080 |
| 3 | Ronnie O'Sullivan | 23875 | 980 | 24855 |
| 4 | Shaun Murphy | 23475 | 980 | 24455 |
| 5 | Neil Robertson | 22825 | 980 | 23805 |
| 6 | Stephen Maguire | 22075 | 980 | 23055 |
| 7 | Ryan Day | 21250 | 980 | 22230 |
| 8 | Marco Fu | 19275 | 980 | 20255 |
| 9 | Mark Selby | 17925 | 980 | 18905 |
| 10 | Mark Allen | 17800 | 980 | 18780 |
| 11 | Stephen Hendry | 16225 | 980 | 17205 |
| 12 | Ricky Walden | 15825 | 980 | 16805 |
| 13 | Mark King | 14625 | 1960 | 16585 |
| 14 | Michael Holt | 14275 | 1960 | 16235 |
| 15 | Barry Hawkins | 14200 | 1960 | 16160 |
| 16 | Graeme Dott | 14025 | 1960 | 15985 |
| 17 | Steve Davis | 14975 | 805 | 15780 |
| 18 | Jamie Cope | 13763 | 1960 | 15723 |
| 19 | Joe Perry | 14625 | 980 | 15605 |
| 20 | Stephen Lee | 13619 | 1960 | 15579 |
| 21 | Peter Ebdon | 14425 | 980 | 15405 |
| 22 | Mark Williams | 14219 | 980 | 15199 |
| 23 | Dave Harold | 14363 | 805 | 15168 |
| 24 | Judd Trump | 14200 | 805 | 15005 |
| 25 | Ding Junhui | 13775 | 980 | 14755 |
| 26 | Matthew Stevens | 12669 | 1960 | 14629 |
| 27 | Joe Swail | 11919 | 1960 | 13879 |
| 28 | Stuart Pettman | 11607 | 1610 | 13217 |
| 29 | Liang Wenbo | 12325 | 805 | 13130 |
| 30 | Jamie Burnett | 11250 | 1610 | 12860 |
| 31 | Stuart Bingham | 10644 | 1960 | 12604 |
| 32 | Anthony Hamilton | 10913 | 1610 | 12523 |
| 33 | Andrew Higginson | 10550 | 1960 | 12510 |
| 34 | Gerard Greene | 10513 | 1960 | 12473 |
| 35 | Martin Gould | 10232 | 1610 | 11842 |
| 36 | Mark Davis | 9875 | 1610 | 11485 |
| 37 | Nigel Bond | 9082 | 1960 | 11042 |
| 38 | Mike Dunn | 10288 | 630 | 10918 |
| 39 | Dominic Dale | 9307 | 1610 | 10917 |
| 40 | Rory McLeod | 10238 | 630 | 10868 |
| 41 | Marcus Campbell | 8663 | 1960 | 10623 |
| 42 | Alan McManus | 9863 | 630 | 10493 |
| 43 | Andy Hicks | 9932 | 455 | 10387 |
| 44 | Ken Doherty | 7794 | 1960 | 9754 |
| 45 | David Gilbert | 7975 | 1610 | 9585 |
| 46 | Adrian Gunnell | 7950 | 1610 | 9560 |
| 47 | Jimmy White | 8250 | 1260 | 9510 |
| 48 | Ian McCulloch | 8769 | 630 | 9399 |
| 49 | Rod Lawler | 7870 | 1260 | 9130 |
| 50 | Robert Milkins | 7857 | 1260 | 9117 |
| 51 | Michael Judge | 8257 | 630 | 8887 |
| 52 | Fergal O'Brien | 8082 | 805 | 8887 |
| 53 | Matthew Selt | 6825 | 1960 | 8785 |
| 54 | Tom Ford | 8313 | 455 | 8768 |
| 55 | Jimmy Michie | 8025 | 630 | 8655 |
| 56 | Joe Delaney | 7282 | 1260 | 8542 |
| 57 | Peter Lines | 7150 | 1260 | 8410 |
| 58 | Jin Long | 7888 | 455 | 8343 |
| 59 | Lee Spick | 6625 | 1610 | 8235 |
| 60 | Matthew Couch | 6750 | 1260 | 8010 |
| 61 | Paul Davies | 7438 | 455 | 7893 |
| 62 | David Morris | 7407 | 455 | 7862 |
| 63 | John Parrott | 7400 | 455 | 7855 |
| 64 | Simon Bedford | 6200 | 1610 | 7810 |
| 65 | Daniel Wells | 6600 | 910 | 7510 |
| 66 | Patrick Wallace | 5875 | 1610 | 7485 |
| 67 | Jimmy Robertson | 5850 | 1610 | 7460 |
| **68** | **Tony Drago** | **5850** | **1260** | **7110** |
| 69 | Joe Jogia | 5850 | 1260 | 7110 |
| 70 | Noppadol Sangnil | 5850 | 1260 | 7110 |
| 71 | Michael White | 5850 | 1260 | 7110 |
| 72 | Mark Joyce | 6438 | 455 | 6893 |
| 73 | Barry Pinches | 6395 | 455 | 6850 |
| 74 | Xiao Guodong | 5850 | 910 | 6760 |
| 75 | Bjorn Haneveer | 5850 | 910 | 6760 |
| 76 | Craig Steadman | 5850 | 910 | 6760 |
| 77 | Brendan O'Donoghue | 5850 | 910 | 6760 |
| 78 | Ben Woollaston | 5850 | 910 | 6760 |
| 79 | Li Hang | 6250 | 0 | 6250 |
| 80 | Atthasit Mahitthi | 5850 | 280 | 6130 |
| 81 | Lee Page | 5850 | 280 | 6130 |
| 82 | Stephen Rowlings | 5850 | 280 | 6130 |
| 83 | Chris Norbury | 5850 | 280 | 6130 |
| 84 | Thepchaiya Un Nooh | 5850 | 280 | 6130 |
| 85 | David Hogan | 5850 | 280 | 6130 |
| 86 | Sam Baird | 5850 | 280 | 6130 |
| 87 | Jordan Brown | 5850 | 280 | 6130 |
| 88 | James Wattana | 5850 | 280 | 6130 |
| 89 | Anda Zhang | 5850 | 280 | 6130 |
| 90 | Mark Boyle | 5850 | 280 | 6130 |
| 91 | Ian Preece | 5645 | 280 | 5925 |
| 92 | Andrew Norman | 5613 | 280 | 5893 |
| 93 | Mei Xiwen | 5850 | 0 | 5850 |
| 94 | David Gray | 5320 | 280 | 5600 |
| 95 | Liu Song | 4895 | 455 | 5350 |
| 96 | David Roe | 4320 | 455 | 4775 |



# INAWGURATI L-FAĊILITAJIET IL-ĠODDA fil-Ground ta' Sannat

**Ftit ġimgħat ilu ġew inawgurati il-faċilitajiet il-ġodda tal-ewwel fażi fil-Grawnd ta' Sannat li jikkonsistu fit-turf artifiċjali, dwal u faċilitajiet oħra. Dan il-proġett kien ko-finanzjat mill-MFA, l-UEFA, l-GFA, il-Fond għal Kawżi Ġusti, l-Ministeru għal Għawdex u l-istess Sannat Lions FC.**

Matul il-programm tal-inawgurazzjoni saru diversi messaġġi fosthom minn Teddy Bajada, president ta' Sannat Lions fejn semma kif il-ħolma tagħhom li jitrasformaw il-grawnd b'dan il-mod hekk impressjonanti li jixraq ferm iż-żminijiet tal-lum setgħet isseħħ. Biex Sannat Lions waslu għal dan kien jeħtieġ ħafna ħidma volontarja, fejn hawn ta elogju sħiħ lit-teżorier tal-Klabb Ġiovann Buttigieg li għal jiem sħaħ ħadem b'mod volontarju flimkien ma' oħrajn. Bajada rringrazzja wkoll lil bosta sponsors biex din l-ewwel fażi issa hija lesta. Huwa qal wkoll li t-tieni fażi mistennija li tibda dalwaqt fejn din tikkonsisti f'bini ta' *dressings rooms* ġodda, *multi purpose hall* u *parking area*, filwaqt ukoll li diġà qed tkun ippjanata t-tielet fażi li qed timmira għal *stan* b'tinda għall-ispettaturi. Finalment huwa radd ħajr lill Dr. Joe Mifsud, President tal-MFA, lil Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, lil Tonio Fenech, Ministru tal-Finanzi, lil GFA u lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex dan il-proġett seta' jkun realizzat.

Messaġġ ieħor sar minn Alvin Grech, President tal-GFA fejn feraħ lil Sannat Lions għal dan il-proġett li minnu issa ser jibbenefikaw kważi t-timijiet kollha Għawdxin. Dan għal fatt li diversi Kampjonati u Kompetizzjonijiet oħra ser jintlagħbu f'dan il-grawnd, fosthom dawk tal-U/21 u l-U/17. B'hekk issa ser tibda era ġdida għall-futbol Għawdxi li l-logħob kollu organizzat mill-GFA ser jispiċċa minn fuq artijiet tar-ramel għax ser jintlagħbu kollha kemm huma jew fuq ħaxix naturali jew fuq turf artifiċjali. Għall-president tal-GFA dan huwa punt mill-iktar pożittiv għall-futbol Għawdxi. Alvin Grech semma wkoll il-proġett li għaddejja bih il-GFA f'dak li huwa l-bini tad-*dressings rooms* ġodda u anke l-*VIP Area*. Dan kollu qed isir biex il-Gozo Stadium ikun jista' jerġa' jibda jospita logħbiet internazzjonali fih. Huwa radd ħajr lil kulll min għen biex din l-ewwel fażi tal-proġett setgħet titwettaq.

Messaġġ ieħor sar minn Dr. Joe Mifsud, President tal-MFA li bl-intervent tiegħu Sannat Lions ġew mogħtija somma sabiħa li bija kienet sostnuta l-ispiża nvoluta fit-twettiq ta' dan il-proġett. Dr. Mifsud semma kif wara li saru l-inawgurazzjoni ta' faċilitajiet oħra f'Malta, issa kien imiss anke Għawdex fejn Sannat Lions wara l-applikazzjoni li saritilhom permezz tal-GFA, qed jibbenefikaw huma wkoll mill-Programm *Hatrick* tal-UEFA, liema finanzi tal-programm kienu miżjuda b'ammont simili mill-istess MFA. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għal din il-ħidma mwettqa mill-Kumitat ta' Sannat Lions biex b'hekk issa l-futbol Għawdxi għandu faċilità oħra ta' livell ferm tajjeb u dan biex ikompli jgħin fl-iżvilupp tal-logħba Għawdxija. Dr. Mifsud temm jgħid li anke issa l-GFA ser tgawdi minn għajnuna oħra fit-titjib tal-faċilitajiet tal-Gozo Stadium u dan biex ikompli jersaq iktar lejn ir-rekwiżiti li titlob anke l-UEFA.

Messaġġ tal-għeluq sar minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex fejn semmiet kemm japplika l-aġġettiv użat minn Dr. Mifsud fir-rigward tal-Għawdxin li huma ffisssati fil-futbol. Dan kollu jikkumplimenta mad-dedikazzjoni u l-ħidma tal-uffiċjali li jaħdmu fi ħdan il-GFA u fil-klabbs kollha b'mod partikolari f'din l-okkażjoni l-kumitat ħabrieki ta' Sannat Lions. Hija wriet is-sodisfazzjon tagħha għal ħolqien ta' dan il-proġett fejn il-Ministeru għal Għawdex minkejja l-limitazzjonijiet fi ħdanu, ħareġ is-sehem tiegħu wkoll, kif fil-fatt għamel ma' klabbs u għaqdiet oħra fil-ħolqien jew fit-titjib tal-faċilitajiet sportivi tagħhom. Giovanna Debono temmet il-messaġġ tagħha billi wriet l-apprezzament għal dawk il-voluntiera li ħadmu f'dan il-proġett u appellat biex dan il-kunċett tal-volontarjat f'Għawdex jibqa jissaħħaħ dejjem iktar.

Wara sar l-iffirmar tal-Kuntratt bejn l-MFA, l-GFA u Sannat Lions. Dan kien iffirmat minn Dr. Joe Mifsud u Joseph Gauci, President u Segretarju Ġenerali tal-MFA, minn Alvin Grech, Joe Bajada u George Cini, President, Segretarju Ġenerali u Teżorier rispettivament tal-GFA u minn Teddy Bajada, Daniel Camilleri u Giovann Buttigieg, President, Segretarju u Teżorier rispettivament ta' Sannat Lions. Imbagħad Dr. Joe Mifsud ippreżenta ċ-ċekk ta' €160,000 lil Teddy Bajada, President ta' Sannat Lions. Wara sar il-kxif tal-lapida li tbierket mill-Arċipriet ta' Sannat, il-Kan. Dun Tarcisio Camilleri.



# Jintemm staġun ta' Futbol u jingħata bidu għal ieħor



Mario Azzopardi ppreżentat bit-trofew minn Alvin Grech, President GFA

**L-istaġun tal-Futboll Għawdxi 2008-09 ġie fi tmiemu bil-Premjazzjoni Annwali li torganizza l-Gozo F.A. fl-aħħar ta' kull staġun. Fl-istess serata kienu ppremjati t-timijiet kollha li kisbu xi suċċess matul dan l-istaġun li għadu kif intemm. Ippremjati wkoll kienu dawk l-individwi li rebħu d-diversi kategoriji fosthom uħud ġodda li kienu introdotti dan l-istaġun. Matul is-serata saru wkoll diversi messaġġi tal-okkażjoni. Dawn saru minn Alvin Grech, President tal-GFA, Dr. Joseph Grech, President ta' Gozo F.C., Jonathan Dalli, rappreżentant ta' Melita Cable plc f'isem l-isponsors u minn Carmelo Bartolo, Viċi President tal-MFA.**

## Unuri mirbuħa ndividwalment

Bħala l-Aqwa Plajer tas-Sena tal-GFA tal-I Diviżjoni ntgħażel Mario Azzopardi ta' Sannat Lions F.C., filwaqt li l-Aqwa Plajer Barrani tas-Sena tal-GFA I Diviżjoni ntrebaħ minn Martin Hanus ta' Victoria Hotspurs F.C. L-Aqwa Plajers ta' Kategoriji oħra kienu dawn: Joseph Cefai (Xewkija Tigers F.C. - II Div), Steve Sultana (Nadur Youngsters F.C.- U/21), Ryan Meilak (Nadur Youngsters F.C. - U/17), Andrea Debrincat (Oratory Youths F.C. - U/14), Brian Meilak (Gozo F.C.), Christian Debono (Gozo F.C. U/15), Robert Grima (Gozo F.C. U/17), Melania Bajada (Gozo F.C. Nisa), Michelle Pace (Kercem Ajax F.C. - GFA tan-Nisa) u Ann Marie Said (SK Victoria Wanderers - GFA tan-Nisa U/15).

Bħala L-Aqwa Skorers spiċċaw: Martin Hanus (Victoria Hotspurs F.C. I Div - 15 il-gowl), Christian Bugeja (Xewkija Tigers FC - II Div - 17 il-gowl), Leonard Camilleri (Kercem Ajax F.C. - U/21 - 15 il-gowl), Ian Xuereb (Nadur Youngsters F.C. - U/17 – 17 il-gowl), Brandon Said (Nadur Youngsters F.C. - U/14 – 36 gowl), Joseph Portelli (Gozo F.C. – 5 gowls), Dylan Bellotti (Gozo F.C. U/15 – 27 gowl), Kenny Hili (Gozo F.C. U/17 – 20 gowl), Emma Xuereb (SK Victoria Wanderers - GFA tan-Nisa – 24 gowl), Samatha Vella (SK Victoria Wanderers -GFA tan-Nisa U/15 – 10 gowls) u Emma Xuereb (Gozo F.C. tan-Nisa – 51 gowl).

Bħala l-Iktar Plejers Promettenti ntgħażlu: Dylan Mercieca (Kercem Ajax F.C. - I Div), Michael Bezzina (Xagħra United F.C. - II Div), Rodney Buttigieg (Xewkija Tigers F.C. - U/21), Jason Vella (Għajnsielem F.C. - U/17), Gennaro Hili (Xewkija Tigers F.C. - U/14), Oliver Farrugia (Gozo F.C.), Ian Xuereb (Gozo F.C. U/17), Josiah Buttigieg (Gozo F.C. U/15), Michelle Zuber (Gozo F.C. tan-Nisa), Victoria Attard (Xagħra United FC - GFA tan-Nisa),

Unuri oħra kienu dawn: Joe Bajada (Segretarju Ġenerali GFA - Uffiċċjal tas-Sena tal-GFA), Dr. Chris Said (ex-President GFA - l-Iktar ex-Membru li ħadem fil-GFA), Michael Camilleri (Victoria Hotspurs F.C. – l-Iktar ex-Membru li ħadem fi Klabb Għawdxi), Vincent Grech (l-Iktar ex-Membru li ħadem fil-Futbol Għawdxi) u l-Kav Koli Apap (ex-President/Segretarju GFA l-Iktar Memorja ta' Ġid għal Futbol Għawdxi.


VISIT GOZO WITH GOZO CHANNEL LINE AND ENJOY THE OPERA SEASON

Gozo Channel Company Limited

For more information contact Gozo Channel on 21561622, 21556114 or 22109000 or visit www.gozochannel.com



TEATRU TAL-OPRA AURORA

AÏDA

Giuseppe Verdi

Sat 10th October 2009

T: +356 2155 9452 +356 2156 2974

W: www.teatruaurora.com

# Malta tieħu sehem fil-Kampjonati mondjali tal-Boxing






**Din is-sena Milan ospitaw il-15-il edizzjoni ta' L-AIBA World Boxing Championships (Stil Olimpiku), Wieħed mill-iżjed sport popolari tal-lum segwit min iżjed minn 50 miljun ruħ madwar id-dinja.**

F'din il-Kompetizzjoni li kienet mifruxa fuq 12-il-ġurnata ħadu sehem iżjed min 500 atleta li uffiċjalment irrappreżentaw 130 pajjiż, 563 ġlieda u 11-il titlu mondjali (wieħed għal kul kategorija). Il boxing bouts kienu ta' tliet minuti 'l waħda b'intervall ta' minuta wara kull rawnd.

L-Italja ilha ma tospita avveniment sportiv fuq skala daqshekk kbira mil-Logħob Olimpiku tal-1960. Il-kumitat organizzativ lokali ta' MILAN (MILOC) għamel lil-Italja Kubirja b'organizzazzjoni kważi perfetta L-avveniment li sar fil-Mediolanum Forum, t'Assago, kellu rapporti televiżivi mxandra madwar id-dinja b'madwar 70 pajjiż jagħtu xandira diretta tal-avveniment (inkluż Malta) u streaming dirett fuq l-internet tal-boxing bouts kollha.

Malta ħadet sehem f'dawn il-kampjonati f'kategorija waħda biss (Taħt is 60 KG) b'Haithem Lammouz, li għalkemm tilef ma Ċiniż HU Qianxun għamel ġieħ lil Malta b'wirja tajba ta' boxing, għamel il-ħin komplut u wera lil Malta li bi preparazzjoni tajba tista' tieħu sehem u tikseb riżultati tajbin fil-boxing fuq il-livell internazjonali.

Din l-edizzjoni tal-kampjonati dinjia li huma normalment dominati min pajjiżi bħal Kuba u Russja u pajjażi tal-lvant, raw ħafna nazzjonijiet ġodda jieħdu l-midalji tad-deheb, waqt li rebbieħa tradizzjonali jikkuntentaw bil-fidda u l-bronż.

L-Italja li, ospitat dawn l-avvenimenti, uriet progress kbir waqt li l-eroj ta' dawn il-kampjonati kienu t-Taljan Lightweight Taħt is-60 KGb Domenico Valentino u s-Super Heavyweight 91 KG+ Roberto Cammarelle.

Fil-finali, quddiem folla ta' madwar 11,000 partitarju, urew superjorità fil-kategoija tagħhom.

Fis-semi finali, Cammarelle waqqaf l-avversarju tiegħu Viktar Zuyeu ta' Belarus wara 35 sekonda waqt li Valentino għeleb lil-Koba Pkhakadze minn Georgia bil-punti, 15 kontra 2.

Fil-final, Cammarelle, quddiem folla numeruża għeleb lill-avversarju Roman Kapitonenko fi ġlieda eċċitanti b'10 punti kontra 5, biex ġie ddikjarat champion ta' l-Olympic Style World Boxing Super Heavyweight. Huwa rebaħ ukoll l-unur ta' l-aqwa boxer tat-tournament. Valentino għeleb lil Jose Pedraza ta' Puerto Rico bil-punteġġ ta' 9 kontra 4 u sar ic-champion tad-dinja tal-Lightweight ta' l-AIBA.

Innovazzjoni oriġinali f'dawn il-kampjonati dinjin kienet is-sistema tal-Open Scoring fejn il-pubbliku seta' jsegwi l-għoti tal-punti li l-ħames membri tal-ġurija kienu qiegħdin jagħtu waqt il-ġlieda.

Is-suċċess u l-ħerqa għall-popolarità ta'dan l-isport Olimpiku hija dovuta lill president ta' l AIBA (International Boxing Association) Dr. Ching Kuo Wu li minn meta ħa r-riedni f'idejh, fl-2006, għamel bidla revoluzzjonarja f'dan l-isport Olimpiku u bi sħubija mal-IMG (International Media Group) ġabu popolarità dinjija lil dan l-isport Olimpiku.



# The Shaolin Monks
(Henan, China)

# &

# The Masters of Kalaripayattu
(Kalari, India)

**Competition:**
**Win two complimentary tickets for the Holy Mountain.**

**Question:** When was the first Shaolin Monastery founded?

The answer can be found by browsing www.holymountaininmalta.com.
All replies shall be sent to info@standingovations.com.mt

KALARIPAYATTU IS THE OLDEST EXISTING MARTIAL ART FORM, DATING BACK MORE THAN 2000 YEARS AND SAID TO BE THE FORERUNNER OF POPULARLY KNOWN CHINESE MARTIAL ARTS, AS THE BUDDHIST MONK BODHIDHARMA TOOK THIS KNOWLEDGE FROM INDIA TO CHINA.

Millions of years ago, before our planet demerged from the infinite energy of the universe, points of special power formed on the earth – springs of mysterious energy in which the immense power of being in spiritual mastery metamorphosed.

China – the gigantic empire in the earth´s middle – has 5 holy mountains: the Hengshan in the north, the Hunshan in the south, the Huashan in the west and the Taishan in the east.

If you connect these four mountains with an imaginary line you will find, at the point of intersection, the most holy of places – the mighty Songshan Mountain. Here, at the center of energy, unusual things happened in the course of the centuries which influenced the spiritual development of our earth with lasting effect.

This is the history of Bodhidharma, the founder of Zen Buddhism and the creator of Kung Fu, a living legend. A true story, handed down and told through the centuries. The story of the search for light and the longing for enlightenment.

The story of body and soul, of peace and energy, of knowledge and wisdom, lived in perfect harmony. This is the story of Zen and Shaolin Kung Fu.

Follow us into the mysterious world of the monasteries and temples at the foot of the holy SongShan Mountain, in the heart of China.

We show the life and work of the monks, the origin and the mysticism, the truth and beliefs. Accompany us on a trip into the depths of world religions and in the secrets of the balance between the spiritual and physical health of human beings.

Within the framework of his new Shaolin-Show „The holy mountain", show producer Herbert will present for the first time these links by bringing them on stage. Therefore he engaged five of the best Kalaripayattu - masters in India who will now compete for the very first time with the Shaolin monks

'Standing Ovations shall present

**The Holy Mountain**

live at The Mediterranean Conference Centre, Valletta ,
on 6th, 7th & 8th November 2009.

For reservations call MCC on 25595750/1 or send mail to bookings@mcc.com.mt.
MCC Box Office:
Mon to Fri; 10:00 - 13:00 & 17:00 - 19:00.
Sat; 10:00 - 13:00.
Gozo Box Office: Call 21558266 or 79815541.

For further information: either send a mail to info@standingovations.com.mt, visit www.holymountaininmalta.com or call helpline, 7955 7988.'

# Esperjenza pożittiva għal sewwieqa Maltin fi Sqallija


Dehra tal-korsa f'Sirakuża


L-istallel fejn qagħdu ż-żwiemel Maltin

Il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, se tibqa' ġurnata memorabbli għat-trott Malti. Dan wara li waqt laqgħa ta' tiġrijiet li saret tard filgħaxija fil-korsa tal-Mediterran, f'Sirakuża, tmien sewwieqa Maltin sfidaw tmien sewwieqa Sqallin. Sebgħa mis-sewwieqa Maltin saqu żwiemel tagħhom stess. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja tat-trott Malti li sewwieqa Maltin ħadu sehem f'tiġrija barra l-pajjiż u saqu żwiemel tagħhom stess. Dawn kienu akkumpanjati minn numru sabiħ ta' partitarji Maltin.

It-tiġrija nternazzjonali inkludiet premju għall-ewwel ħames pjazzamenti u kellha fond ta' €6050 fi premijiet. Malta kienet rappreżentata miż-żwiemel u s-sewwieqa segwenti – Lys de l'Oasis (Marco Tanti), Hudson Blue (James Briffa), Kendo de l'Aron (Darren Mizzi), Lazume Simoni (Alan Agius), Race Ball (Tony Demanuele), Socrates (John Briffa) u Intrus de Rioults (Carl Caruana). Ma' dawn ingħaqad ukoll Joe Muscat li originarjament kellu jsuq liż-żiemel tiegħu stess Reslovs Stranden iżda minħabba li d-dokumenti neċessarji għat-trasport taż-żiemel ma laħqux saru fil-ħin, Muscat kellu jsuq debba Taljana, Irina del Rio.

Minħabba li l-karozza tat-tluq fil-korsa ta' Siracusa tieħu biss seba' żwiemel f'kull filliera l-aħħar żewġ parteċipanti bdew it-tiġrija mit-tielet filliera. It-tiġrija żviluppat f'waħda mill-aktar veloċi u fost il-Maltin kellu bidu tajjeb fl-ewwel metri Karl Caruana permess tal-Franċiż Intrus de Rioults. Wara li l-ewwel tluq kien wieħed ħażin, hekk kif ingħata l-bidu uffiċjali, għal ħafna ħin il-grupp ta' parteċipanti kien wieħed raggruppat ferm. Iżda fl-aħħar 500m, it-tiġrija żviluppat f'waħda mill-aktar veloċi fejn wara li Giuseppe Messineo mar ftit quddiem bil-kwotat Impeto Caf, dan inqabeż wara ftit metri minn żiemel ieħor tal-istess stalel, Iovanin, li kien misjuq minn Luciano Messineo. Iovanin ħareġ rebbieħ f'medja ta'



Carl Caruana fuq Intrus des Rioults



John Briffa fuq Socrates

1.16.1". Fulviaz temm fit-tielet post filwaqt li l-ewwel Malti spiċċa John Briffa bil-Ġermaniż Socrates fir-raba' post. Warajh temmew Tony Demanuele b'Race Ball u James Briffa b'Hudson Blue.

Fi tmiem it-tiġrija spikka s-sens ta' ħbiberija bejn is-sewwieqa Maltin u Sqallin b'ħafna minnhom jistiednu lil xulxin għal attività simili fis-snin li ġejjin. Saret ukoll il-preżentazzjoni lil Messineo bħala s-sewwieq rebbieħ tat-tiġrija, preżentazzjoni li tmexxiet miċ-chairman tal-Malta Racing Club Dr Matthew Brincat u Dottor Concetto Mazzarella, is-sid tal-korsa ta' Siracusa.

Preżenti għall-attività kien hemm uffiċjali oħra fi ħdan il-kunsill tal-Malta Racing Club fosthom is-Segretarju Ġenerali Roderick Vella, id-Direttur tal-Marketing Mark Vella u d-Direttur Responsabbli mill-Proġetti Marco Millo.

**Photo Credit - Mike Orland**
**Malta Trot Racing Website**


Ir-rebbieħ, Luciano Minineo, ippreżentat minn Matthew Brincat, President tal-MRC


Iovanin, iż-żiemel rebbieħ


Is-sewwieqa kollha li ħadu sehem


Tony Demanuele fuq Race Ball


James Briffa fuq Hudson Blue

WasteServ Malta Ltd

## L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



Issa li l-faċilità ta' Sant' Antnin għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (*Material Recovery Facility*) qegħdha topera, beda jiġi pproċessat fih l-iskart riċiklabbli bħal Karta, Plastik, u Metall. L-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.

**ISSA JMISS LILEK LI TAGĦMEL IL-BIĊĊA TIEGĦEK U TIBDA TISSEPARA L-ISKART!**

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%



Il-motoċiklisti f'Għawdex

# Isir it-tieni raduno bil-muturi mill-ASM

It-tieni raduno bil-muturi Taljani f'Malta sar bejn il-5 u 7 ta' Awwissu li għadda, organizzat mill-Assoċjazzjoni Sport Muturi (ASM) u r-Ragusa Touring Moto Club, bil-kollaborazzjoni tal-Falcons Motorcycle Club Malta u l-Gozo Touring Bikers.

Il-Grupp Taljan kien kompost minn 35 persuna fuq 25 mutur, li waslu Malta bil-baħar. Dawn kienu mmexxija minn Franco Bucchieri, il-President tar-Ragusa Club u kienu milqugħa f'Malta minn Frans Deguara, il-President tal-ASM, Johann Pace, is-Segretarju tal-ASM, minn Joe Naudi, l-President tal-Falcons Motor Cycle Club Malta u xi membri oħra.

Is-sewwieqa Taljani, huma membri tal-Federazzjoni Motoċiklistika Taljana (FMI) u kif ukoll membri tal-Unjoni Ewropeja tal-Muturi (UEM). F'Malta hija l-ASM li tirrappreżenta l muturi fost fil familja kbira ta' 47 pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea tal-Muturi.

Waqt din iż-żjara ta' tlitt ijiem f'Malta, il-grupp tal-muturi Taljani kienu akkumpanjati minn Frans Deguara, James Green u sewwieqa oħra biex żaru ħafna postijiet storiċi u turistiċi f'Malta, filwaqt li f'Għawdex ingħaqdu magħhom grupp mill-Gozo Touring Bikers, immexxija minn Michael Saliba.

F'Għawdex is-sewwieqa Taljani kellhom laqgħa ta' merħba mis-Sur Tony Borg, Segretarju mill-Ministeru għall-Għawdex u kienu wkoll mistiedna sabiex iżuru żewġ wirjiet tal-Arti, waħda fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex u l-oħra fiċ-Ċittadella tal-Katidral.

Il-grupp kellu wkoll ftit ħin liberu fil-gżira Għawdxija u dawn ħadu l-opportunità biex żaru kemm il-Katidral ta' San Ġorġ, iċ-Cittadella u s-swar tal-madwar. Ma naqsitx ukoll żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, mawra sa Marsalforn, il-Qbajjar u t-Tieqa tad-Dwejra. Il-ġirja f'Għawdex kienet kompluta b'ikla tradizzjonali ta' ikel tipiku Għawdxi.

F'waħda mill-ġirjiet f'Malta il-grupp Taljan zar il-Villagg tas-Snajja f'Ta Qali u l-Muzew tal-Avjazzjoni, bil-grupp ikun sodisfatt b'dawn il-ħarġiet kulturali. Wara żjara fl-Imdina u fil-katakombi ta' Santa Agata fir-Rabat. Bliet oħra li żaru l-motoċiklisti Taljani kienu Buġibba, l-Mosta u l-Belt Valletta.

Wara ż-żjara fil-belt kapitali, il-grupp ta' sewwieqa niżlu lejn il-port biex jitilqu għal lura għal Ragusa, fejn kellhom jingħaqdu ma aktar sewwieqa bil-muturi li matul l-istess tmiem tal-ġimgħa kelhom iżur Ragusa bil-muturi tagħhom.

Intant wara din iż-żjara s-sewwieqa Maltin huma mistiedna sabiex f'Awwissu tas-sena d-dieħla, jkunu huma li jingħaqdu mas-sewwieqa tal-muturi Taljani, din id-darba f'Ragusa.

L-Assoċjazzjoni Sport Muturi tirringrazzja lil Frans Deguara (President ASM), lill-Falcons Motor Cycle Club Malta, lill-Gozo Touring Bikers u lil kull min ħadem biex dan ir-raduno Sqallija – Malta seta' jkun suċċess.

Għal kuntatt mal-ASM ikteb lil Frans Deguara fl-indirizz: fdeg1@yahoo.co.uk jew ċempel fuq 99452117.



Il-grupp ta' motociklisti Taljani li ġew Malta



Il-muturi tat-Taljani wieqfa fil-Belt Valletta



Uħud mill-parteċipanti waqt iż-żjara fil-Mużew tal-Avjazzjoni f'Ta' Qali

# Grand Prix tal-Belġju

30 ta' Awwissu 2009



Kimi Raikkonen rebbieħ tal-Grand Prix tal-Belġju






Kimi Raikkonen fl-azzjoni waqt il-Grand Prix tal-Belġju


Inċident ikrah li fih kin involut Lewis Hamilton

**Riżultati tal-GP tal-Belġju**

1. Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari ........................ 1:23.50.995
2. Giancarlo Fisichella (Italja) Force India................ +00:00.939
3. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull...................... 00:03.875
4. Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber ..................... 00:09.966
5. Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber .................. 00:11.276
6. Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren................... 00:32.763
7. Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP .................... 00:35.461
8. Nico Rosberg (Ġermanja) Williams.......................... 00:36.208
9. Mark Webber (Awstralja) Red Bull ........................... 00:36.959
10. Timo Glock (Ġermanja) Toyota ................................ 00:41.490
11. Adrian Sutil (Ġermanja) Force India......................... 00:42.636
12. Sebastien Buemi (Svizzeru) Toro Rosso .................. 00:46.106
13. Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams......................... 00:54.241
14. Luca Badoer (Italja) Ferrari .................................... 01:42.177

**Irtiraw**

Fernando Alonso (Spanja) Renault ................................ 18 laps
Jarno Trulli (Italja) Toyota ............................................ 23 laps
Jenson Button (Britannja) Brawn GP............................. 44 laps
Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso......................... 44 laps
Romain Grosjean (Svizzera) Renault.............................. 44 laps
Lewis Hamilton (Britannja) McLaren .............................. 44 laps



# Grand Prix tal-Italja

13 ta' Settembru 2009




Jenson Button, Rubens Barrichello u Kimi Raikkonen




Rubens Barrichello jirbaħ il-Grand Prix tal-Italja



Rubens Barrichello rebbieħ tal-Grand Prix tal-Italja

**Riżultati tal-GP tal-Italja**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP | 1:16:21.706 |
| 2. | Jenson Button (Britannja) Brawn GP | +00:02.866 |
| 3. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari | 00:30.664 |
| 4. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 00:31.131 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 00:59.182 |
| 6. | Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 01:00.693 |
| 7. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 01:22.412 |
| 8. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 01:25.407 |
| 9. | Giancarlo Fisichella (Italja) Ferrari | 01:26.856 |
| 10. | Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams | 02:42.163 |
| 11. | Timo Glock (Ġermanja) Toyota | 02:43.925 |

**Irtiraw**

| | | |
|---|---|---|
| 12. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1 lap |
| 13. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 1 lap |
| 14. | Jarno Trulli (Italja) Toyota | 1 lap |
| 15. | Romain Grosjean (Svizzera) Renault | 1 lap |
| 16. | Nico Rosberg (Ġermanja) Williams | 2 laps |
| | Vitantonio Liuzzi (Italja) Force India | 31 laps |
| | Jaime Alguersuari (Spanja) Toro Rosso | 34 laps |
| | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | 37 laps |
| | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 53 laps |

**Klassifika Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jenson Button (Britannja) Brawn GP | 80 |
| 2. | Rubens Barrichello (Brażil) Brawn GP | 66 |
| 3. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 54 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 51.5 |
| 5. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari | 40 |
| 6. | Nico Rosberg (Ġermanja) Williams | 30.5 |
| 7. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 27 |
| 8. | Jarno Trulli (Italja) Toyota | 22.5 |
| 9. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 22 |
| 10. | Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 20 |
| 11. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 20 |
| 12. | Timo Glock (Ġermanja) Toyota | 16 |
| 13. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 12 |
| 14. | Giancarlo Fisichella (Italja) Force India | 8 |
| 15. | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | 8 |
| 16. | Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 5 |
| 17. | Sebastien Buemi (Svizzera) Toro Rosso | 3 |
| 18. | Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso | 2 |

**Klassifika Kostrutturi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Brawn-Mercedes | 146 |
| 2. | RedBull-Renault | 105.5 |
| 3. | Ferrari | 62 |
| 4. | McLaren-Mercedes | 47 |
| 5. | Toyota | 38.5 |
| 6. | Williams-Toyota | 30.5 |
| 7. | BMW Sauber | 20 |
| 8. | Renault | 20 |
| 9. | Force India Mercedes | 13 |
| 10. | Toro Rosso-Ferrari | 5 |












# Sensational Sundays
## at the Terrace Restaurant

Join this feast every Sunday for just €28.95
per person, including wine and coffee,
and half price for accompanying children.
Free parking is also offered to all patrons.
A pianist will be in attendance.

**To book your table or for further information please call 2138 1000 or email: westin.dragonara@westin.com**

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

by Dr. Kirill Micallef Stafrace



The term 'overtraining' is often heard in sporting circles. It is more common among endurance athletes, but in reality overtraining can occur in any sporting discipline and in fact up to 20% of all athletes can suffer from it sometime during their sporting career. So what is exactly overtraining? According to Wikipedia, overtraining is a 'physical, behavioral and emotional condition that occurs when the volume and intensity of an individual's exercise exceeds their recovery capacity. They cease making progress, and can even begin to lose strength and fitness'. Hence, overtraining occurs when we do not allow enough time for our body to recover from repeated bouts of physical activity. An important factor which must be stressed at this point is that overtraining is often not caused by too much training, but rather from the lack of adequate rest and therefore recovery. It can occur even if you are not undertaking a large exercise load but at a particular time when there are other 'stressors' in your life that are affecting your recovery potential. Stressors could include a new job that might involve more physical activity or longer hours, relationship problems, health problems, exams, a new diet, an injury, hormonal imbalance etc. etc.



So how do you know you are suffering from overtraining? Not an easy question to answer. Unfortunately there are no specific and definite diagnostic tests that will tell you and so we usually arrive at the diagnosis by a process of elimination. The symptoms and signs are often vague and non specific. Thus, you might be suffering from fatigue that is not resolved with rest, insomnia, frequent colds, muscle soreness, poor performance, elevated resting heart rate, mood changes and irritability and many more. Hence, the clinician managing the athlete has to be firstly aware that the condition exists; secondly a thorough medical, social and training history is required. A number of tests can then be required to exclude medical problems that can give a similar clinical picture such as anaemia (low blood haemoglobin), depression and a post-viral syndrome.

The best form of treatment for overtraining is prevention. In general, athletes should alternate training sessions between high intensity training and lower intensity training. Additionally, scheduled rest days should be incorporated into the training program, to allow for appropriate rest and recovery. No training programme is fixed in stone, but should be adaptable to the environment. By environment I mean not only the aforementioned stressors but also the physical environment such as jet lag, training at altitude, persistent wind, and hot weather. Here the role of appropriate and experienced coaching is fundamental. When an athlete's performance declines, the usual reaction to this is not that they believe they are overtrained but rather undertrained and in fact they tend to increase the intensity of their training sessions with the obvious consequence that the problem is aggravated. Sometimes all it takes is a few days of proper rest, but if the signs and symptoms are ignored then the resulting damage can take months to overturn. Return to exercise must be gradual, with increments depending on the return or not of symptoms.

In conclusion, overtraining is not an easy problem to diagnose and an even harder one to treat. Awareness of the condition among coaches and athletes is a must to reduce the incidence.

kmicallefstafrace@gmail.com





NEW

# WILKINSON SWORD




## The
# WORLDS ONLY 4 BLADED
## Disposable Razor for Men and Women

**Available in ALL leading Supermarkets and Pharmacies.**

# Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# Ir-Regatta wara l-gwerra (1960-1969) ....it-Tielet Parti (tkompli)

Jingħad li l-fattur ewlieni li din il-korsa bdiet tiġbed l-ammirazzjoni ta' l-ispettaturi aktarx kien dovut minħabba l-pika li kienet nibtet bejn l-Isla u l-Birgu fil-korsi tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa u wara bdiet tidher ukoll fil-Frejgatini. Tant hu hekk, li xi korrispondenti sportivi mhux bdew jinkludu wkoll din il-korsa fir-rapporti tagħhom iżda saħansitra jiddeskrivu wkoll l-andament tagħha fit-tiġrija. Xi wħud jaħsbu wkoll, li l-korsa tal-Frejgatini ġibdet l-attenzjoni tad-dilettanti għax il-qaddiefa li kienu jġerru fihom kienu qaddiefa ta' ċertu kalibru, u r-rebbieħ ta' kull edizzjoni kien jibqa' nċert sa l-aħħar qadfa.

Sintendi kien hemm diversi fehmiet differenti dwar x'kien il-fattur ewlieni li kebbes il-popolarità ta' din il-korsa fosthom l-introduzzjoni tax-Shield, Qaddief Senglean ma jaqblix ma' din it-teżi ! Huwa jsostni, li apparti x-Shield, kien hemm fattur aktar importanti li ġibed l-ammirazzjoni tal-kotra:

«... jien naħseb li l-korsa tal-Frejgatini minn dejjem kienet popolari man-nies tal-port anki fl-ewwel edizzjonijiet tagħha ta' qabel il-gwerra ... iżda wara l-gwerra din il-korsa saret aktar popolari għax fil-Frejgatini tal-Isla kien hemm Wenzu Zarb (il-Bożin) bħala tmunier ... meta n-nies kienet tosserva lil dan l-anzjan, li ta' kuljum, filgħodu u filgħaxija, kien jinżel iħarreġ lill-qaddiefa tiegħu fil-Frejgatina bdiet tammirah u tapprezza s-sagrifiċċju u d-dedika tiegħu ... jien niftakar fl-appoġġ tremend li kienu jagħtuh l-ispettaturi waqt it-tiġrija, u l-entużjażmu kbir li kienu jilqgħuh is-Sengleani hekk kif jasal il-Ponta bil-palju f'idu ... min hu dilettant bħali jaf, li Wenzu l-Bożin, matul il-karriera tiegħu bħala tmunier tal-Frejgatini ta' l-Isla ħarreġ bosta qaddiefa u magħhom kiseb bosta suċċessi... minkejja l-età tiegħu ta' 70 sena u forsi aktar ukoll, ta' kuljum, huwa kien iħarreġ lill-qaddiefa tiegħu filgħodu kmieni mill-Break Water sal-Marsa u filgħaxija wkoll ... naċċertak li kienet il-ħidma ta' dan is-Senglean li l-korsa tal-Frejgatini daħlet fi qlub id-dilettanti u baqgħet popolari sal-lum ... ħaġa oħra, id-distretti tal-Birgu, il-Marsa u l-Kalkara kienu jarmaw tajjeb din il-korsa mhux biex jirbħu l-Aggregate Shield iżda biex jirbħu lill-Bożin ta' l-Isla ...»

Fl-1960, dan il-palju ntrebaħ mill-Kalkara aktarx bl-ekwipaġġ ifformat minn



Dwell aħrax bejn l-ekwipaġġi ta' Bormla u tal-Birgu fl-aħħar ftit metri fil-korsa tal-Midalji fl-1969

**Ġeraldu Spiteri** *(il-Ġidi)* u **Ġanni Attard** *(il-Kiss)* biex l-1961/62 għadda għand l-Isla permezz tal-qaddiefa **Toni Farrugia** *(Xkata)* u **Willie Formosa** *(is-Suss)* bil-Frejgatina ***La Sengle.*** Fl-1963, mill-ġdid reġa' ntrebaħ mill-Kalkara b'**Bertu Magri** u **Joseph Calleja** *(ta' Fonza)* u tmunier **Mario Grima** *( ix-Xlukkajr)*. Mill-1964 sa l-1967 bdiet is-supremazija ta' l-Isla f'din il-korsa b'erba' rebħiet infila. F'dik l-epoka l-Isla kellha diversi qaddiefa li pparteċipaw f'din il-korsa, tant hu hekk, li fl-1964 insibu li dan il-palju kien intrebaħ minn **Charlie Ghiller** *(it-Torta)* u **Willie Formosa** *(is-Suss)* bit tmunier ***Lorry Mizzi*** *(Gananu)* biex mill-1965 sa l-1967 dan il-palju baqa' l-Isla bil-ħila ta' l-aħwa **Joseph** u **Tancred Boldarini** b'**Wenzu Zarb** bħala tmunier bil-Frejgatina ***La Sengle.***

Fl-1968/69 il-qaddiefa Kalkarizi **Ċikku Azzopardi** *(is-Sufu)* u **Joseph Calleja** (ta' Fonza) **b'Mario Grima** *(ix-Xlukkajr)* bil-Frejgatina li kienet magħrufa bħala l-**Antika** waqfu r-rankatura tas-Sengleani b'żewġ rebħiet sbieħ wara sfidi ħarxa mal-Frejgatini ta' l-Isla. Rapport Sportiv jiddiskrivi din il-korsa hekk : «... din it-tiġrija kienet sabiħa wisq! Mal-ħruġ il-Frejgatina tal-Kalkara ħarġet fuq quddiem, u għalkemm kellha sfida kbira mill-Frejgatini ta' l-Isla u tal-Marsa li t-tnejn kienu msemmijin bħala l-favoriti li jirbħu dan il-palju, baqgħet dejjem fuq quddiem sa tmiem il-korsa. Sadanittant bdiet taqtiegħa ħarxa bejn il-Frejgatini ta' l-Isla u l-Marsa għat-tieni post li daħlu flimkien ras imb'ras ... f'din il-korsa l-Frejgatina tal-Birgu ġiet skwalifikata ...»

**Il-korsa ta' Bi Tnejn :**

Kif jaf kulħadd din il-korsa minn dejjem kienet korsa mill-aktar eċċitanti f'kull Regatta u kull distrett jagħmel minn kollox biex jirbaħha. Forsi l-aktar fattur importanti li din il-korsa tiġbed daqshekk interess f'kull Regatta hu, li tradizzjonalment fiha jieħdu sehem l-aqwa żewġ qaddiefa ta' kull distrett. Jekk fis-snin 50 dan il-palju kien iddominat mid-distrett tar-Raħal il-Ġdid bl-aqwa avversarju tiegħu jkun dak tal-Isla, fis-snin 60, l-istorja kienet kompletament differenti għaliex id-distretti kollha kienu organizzati tajjeb u l-kompettività f'din il-korsa kienet fl-aqwa tagħha. Insibu li matul dan il-perijodu ta' snin dan il-palju ntrebaħ minn erba' distretti, b'ħames darbiet minnhom mill-Kalkara.

Fl-1960 dan il-palju kif kien mistenni ntrebaħ mill-Kalkara aktarx bil-koppja **Lorry Busuttil** *(il-Bomber)* u Joe Xuereb wara tiġrija missielta mad-dgħajsa tal-Marsa. Fl-1961 u fl-1962 dan il-palju għadda għand l-Isla bil-koppja Sengleana **Freddie Fiteni** *(Sapuna)* u **Toni Farrugia** *(iż-Żbiba)* bid-dgħajsa ***Marija Vittorja.*** Fl-1963/64/65 kienu s-snin ta' suċċessi kbar tal-Kalkara, fejn insibu li l-koppja **Lorry Busuttil** *(il-Bomber)* u **Toni Ellul** *(il-Koj)* kienu l-eroj tal-kanal u taw tliet rebħiet infila lil dan id-distrett li kien

għaddej mill-isbaħ żmien fl-istorja tiegħu. Fl-1966, dan il-palju ntrebaħ għall-aħħar darba mir-Raħal il-Ġdid bil-koppja **Freddie Ellul** u misseru **Toni Ellul** *(il-Koj)* bid-dgħajsa ***Lady of Lourdes.*** Fl-1967, **Toni Ellul** u ibnu *Freddie* ssieħbu mal-Marsa u fiż-żewġ edizzjonijiet 1967/68 rebħu dan il-palju f'isem il-klabb Marsi dejjem bl-istess dgħajsa.

Kif jaf kulħadd, l-1969, kienet l-aqwa sena tal-Kalkara fejn, dan il-palju mhux biss intrebaħ mill-ġdid minn dan id-distrett bil-koppja **Lorry Busuttil** (*il-Bomber*) u **Indri d'Amato** (*Sapuna*) iżda din il-koppja rnexxielha wkoll tirreġistra l-inqas ħin f'din il-korsa mill-1951. Ironikament, din ir-rebħa Kalkariża waqfet il-mixja tal-qaddief **Toni Ellul** (*il-Koj*) li sa sena qabel kien rebaħ dan il-palju għal sitt snin infila.

F'silta meħuda minn rapport sportiv li deher f'waħda mill-gazzetti l-għada tar-Regatta (1969), l-awtur tal-artiklu aċċenna dwar il-kompettività kbira li dehret fil-korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt inqadef :

«...id-dgħajsa tal-Kalkara mill-ewwel dehret li se tisfida għall-unuri, għaliex fil-provi kienet qed iġġib ħin tajjeb. Sfortunatament fit-tluq ma tantx kellhom ħruġ tajjeb, u sa nofs il-korsa u forsi ftit aktar id-dgħajsa ta' Bormla kienet qed tgawdi vantaġġ ta' tul ta' dgħajsa fuq d-dgħajsa tal-Kalkara, bil-Marsa warajha. Iżda f'ħin minnhom id-dgħajsa ta' Bormla dehret tnaqqas mill-mixi, b'konsegwenza li d-dgħajjes tal-Kalkara u tal-Marsa komplew javvanzaw, laħquha u għaddewha, u bejniethom beda dwell min minnhom se jidħol fl-ewwel post. Hawnhekk iż-żewġ dgħajjes daħlu flimkien, iżda l-ġurija tat il-palju lill-Kalkara li għamlet it-triq f'ħin rekord ta' 5 minuti u 17-il sekonda ...»

# Ir-Regatta wara l-gwerra (1960-1969) ...ir-Raba' Parti

Jingħad li l-fattur ewlieni li din il-korsa bdiet tiġbed l-ammirazzjoni tal-ispettaturi aktarx kien dovut minħabba l-pika li kienet nibtet bejn l-Isla u l-Birgu fil-korsi tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa u wara bdiet tidher ukoll fil-Frejgatini. Tant hu hekk, li xi korrispondenti sportivi mhux bdew jinkludu wkoll din il-korsa fir-rapporti tagħhom iżda saħansitra jiddeskrivu wkoll l-andament tagħha fit-tiġrija. Xi wħud jaħsbu wkoll, li l-korsa tal-Frejgatini ġibdet l-attenzjoni tad-dilettanti għax il-qaddiefa li kienu jġerru fihom kienu qaddiefa ta' ċertu kalibru u r-rebbieħ ta' kull edizzjoni kien jibqa' nċert sa l-aħħar qadfa.

S'intendi kien hemm diversi fehmiet differenti dwar x'kien il-fattur ewlieni li kebbes il-popolarità ta' din il-korsa fosthom l-introduzzjoni tax-Shield. Qaddief Senglean ma jaqblix ma' din it-teżi ! Huwa jsostni, li apparti x-Shield, kien hemm fattur aktar importanti li ġibed l-ammirazzjoni tal-kotra:

"... jien naħseb li l-korsa tal-Frejgatini minn dejjem kienet popolari man-nies tal-port anke fl-ewwel edizzjonijiet tagħha ta' qabel il-gwerra ... iżda wara l-gwerra din il-korsa saret aktar popolari għax fil-Frejgatini ta' l-Isla kien hemm Wenzu Zarb (il-Bożin) bħala tmunier ... meta n-nies kienet tosserva lil dan l-anzjan, li ta' kuljum, filgħodu u filgħaxija, kien jinżel iħarreġ lill-qaddiefa tiegħu fil-Frejgatina bdiet tammirah u tapprezza s-sagrifiċċju u d-dedikazzjoni tiegħu ... jien niftakar fl-appoġġ tremend li kienu jagħtuh l-ispettaturi waqt it-tiġrija, u l-entużjażmu kbir li kienu jilqgħuh is-Sengleani hekk kif jasal il-Ponta bil-palju f'idu ... min hu dilettant bħali jaf, li Wenzu l-Bożin, matul il-karriera tiegħu bħala tmunier tal-Frejgatini ta' l-Isla ħarreġ bosta qaddiefa u magħhom kiseb bosta suċċessi ... minkejja l-età tiegħu ta' 70 sena u forsi aktar ukoll, ta' kuljum, huwa kien iħarreġ lill-qaddiefa tiegħu filgħodu kmieni mill-Break Water sal-Marsa u filgħaxija wkoll ... naċċertak li kienet il-ħidma ta' dan is-Senglean li l-korsa tal-Frejgatini daħlet fi qlub id-dilettanti u baqgħet popolari sal-lum ... ħaġa oħra, id-distretti tal-Birgu, il-Marsa u l-Kalkara kienu jarmaw tajjeb din il-korsa mhux biex jirbħu l-Aggregate Shield iżda biex jirbħu lill-Bożin ta' l-Isla..."

Fl-1960 dan il-palju ntrebaħ mill-Kalkara aktarx bl-ekwipaġġ iffurmat minn Ġeraldu Spiteri (il-Gidi) u Ġanni Attard (il-Kiss) biex l-1961/62 għadda




L-ekwipaġġ Kalkariż f'taqtiegħa ħarxa ma' dak Bormliż għar-rebħ tal-palju ta' bl-Erbgħa fl-1962

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA



L-ekwipaġġ Bormliż jippoża għar-ritratt wara r-rebħa konvinċenti tiegħu fil-korsa ta' bl-Erbgħa fl-1968

għand l-Isla permezz tal-qaddiefa Toni Farrugia (Xkata ) u Willie Formosa (is-Suss) bil-Frejgatina La Sengle. Fl-1963, mill-ġdid reġa' ntrebaħ mill-Kalkara b'Bertu Magri u Joseph Calleja (ta' Fonza) u tmunier Mario Grima ( ix-Xlukkajr). Mill-1964 sa l-1967 bdiet is-supremazija ta' l-Isla f'din il-korsa b'erba' rebħiet infila. F'dik l-epoka l-Isla kellha diversi qaddiefa li pparteċipaw f'din il-korsa, tant hu hekk, li fl-1964, insibu li dan il-palju kien intrebaħ minn Charlie Ghiller (it-Torta) u Willie Formosa ( is-Suss) bit-tmunier Lorry Mizzi (Gananu) biex mill-1965 sa l-1967 dan il-palju baqa' l-Isla bil-ħila ta' l-aħwa Joseph u Tancred Boldarini b'Wenzu Zarb bħala tmunier bil-Frejgatina La Sengle.

Fl-1968/69, il-qaddiefa Kalkarizi Ċikku Azzopardi (is-Sufu ) u Joseph Calleja (ta' Fonza) b'Mario Grima (ix-Xlukkajr ) bil-Frejgatina li kienet magħrufa bħala l-Antika waqfu rrankatura tas-Sengleani b'żewġ rebħiet sbieħ wara taqtigħat ħarxa mal-Frejgatini ta' l-Isla. Rapport Sportiv jiddiskrivi din il-korsa hekk :

"... din it-tiġrija kienet sabiħa wisq! Mal-ħruġ, il-Frejgatina tal-Kalkara ħarġet fuq quddiem, u għalkemm kellha sfida kbira mill-Frejgatini tal-Isla u tal-Marsa li t-tnejn kienu msemmijin bħala l-favoriti li jirbħu dan il palju, baqgħet dejjem fuq quddiem sa tmiem il-korsa. Sadanittant bdiet taqtiegħa ħarxa bejn il-Frejgatini ta' l-Isla u l-Marsa għat-tieni post li daħlu flimkien ras imb'ras ... f'din il-korsa l-Frejgatina tal-Birgu ġiet skwalifikata ..."

**IL-KORSA TA' BI TNEJN:**

Kif jaf kulħadd din il-korsa minn dejjem kienet korsa mill-aktar eċċitanti f'kull Regatta u kull distrett jagħmel minn kollox biex jirbaħha. Forsi l-aktar fattur importanti li din il-korsa tiġbed daqshekk interess f'kull Regatta hu, li tradizzjonalment fiha jieħdu sehem l-aqwa żewġ qaddiefa ta' kull distrett. Jekk fis-snin 50 dan il-palju kien iddominat mid-distrett ta' Raħal il-Ġdid bl-aqwa avversarju tiegħu jkun dak ta' l-Isla, fis-snin 60, l-istorja kienet kompletament differenti għaliex id-distretti kollha kienu organizzati tajjeb u l-kompettività f'din il-korsa kienet fl-aqwa tagħha. Insibu li matul dan il-perijodu ta' snin dan il-palju ntrebaħ minn erba' distretti, b'ħames darbiet minnhom mill-Kalkara.

Fl-1960, dan il-palju kif kien mistenni ntrebaħ mill-Kalkara aktarx bil-koppja Lorry Busuttil (il-Bomber ) u Joe Xuereb wara tiġrija missielta mad-dgħajsa tal-Marsa. Fl-1961 u fl-1962 dan il-palju għadda għand l-Isla bil-koppja Sengleana Freddie Fiteni (Sapuna) u Toni Farrugia ( iż Żbiba) bid dgħajsa Marija Vittorja. Fl 1963/64/65 kienu s-snin ta' suċċessi kbar tal-Kalkara, fejn insibu li l-koppja Lorry Busuttil (il-Bomber ) u Toni Ellul (il-Koj) kienu l-eroj tal-kanal u taw tliet rebħiet infila lil dan id-distrett li kien għaddej mill-isbaħ żmien fl-istorja tiegħu. Fl-1966, dan il-palju ntrebaħ għall-aħħar darba mir-Raħal il-Ġdid bil-koppja Freddie Ellul u misseru Toni Ellul (il-Koj) bid-dgħajsa Lady of Lourdes. Fl-1967, Toni Ellul u ibnu Freddie ssieħbu mal-Marsa u fiż-żewġ edizzjonijiet 1967/68 rebħu dan il-palju f'isem il-klabb Marsi dejjem bl-istess dgħajsa.

Kif jaf kulħadd, l-1969, kienet l-aqwa sena tal-Kalkara fejn, dan il-palju mhux biss intrebaħ mill-ġdid minn dan id-distrett bil-koppja Lorry Busuttil (il-Bomber) u Indri d'Amato (Sapuna) iżda din il-koppja rnexxielha wkoll tirreġistra l-inqas ħin f'din il-korsa mill-1951. Ironikament, din ir-rebħa Kalkariża waqfet il-mixja tal-qaddief Toni Ellul (il-Koj) li sa sena qabel kien rebaħ dan il-palju għal sitt snin in fila.

F'silta meħuda minn rapport sportiv li deher f'waħda mill-gazzetti l-għada tar-Regatta (1969), l-awtur ta' l-artiklu aċċenna dwar il-kompettività kbira li dehret fil-korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt inqadef :

"... id-dgħajsa tal-Kalkara mill-ewwel dehret li se tisfida għall-unuri, għaliex fil-provi kienet qed iġġib ħin tajjeb. Sfortunatament fit-tluq ma tantx kellhom ħruġ tajjeb u sa nofs il-korsa, u forsi ftit aktar, id-dgħajsa ta' Bormla kienet qed tgawdi vantaġġ ta' tul ta' dgħajsa fuq d dgħajsa tal Kalkara bil Marsa warajha. Iżda f'ħin minnhom id-dgħajsa ta' Bormla dehret tnaqqas mill-mixi, b'konsegwenza li d-dgħajjes tal-Kalkara u tal-Marsa komplew javvanzaw, laħquha u għaddewha, u bejniethom beda dwell min minnhom se jidħol fl-ewwel post. Hawnhekk iż-żewġ dgħajjes daħlu flimkien, iżda l-ġurija tat il-palju lill-Kalkara li għamlet it-triq f'ħin rekord ta' 5 minuti u 17-il sekonda ..."

*...tkompli f'ħarġa oħra*

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the ball u irbaħ

## Kit ta' Floriana F.C.



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ottubru 2009.

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Kit ta' Floriana F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 29

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 29 huwa: Ryan Cardona - Żejtun





# SPORTIV Kriss-Kross

## IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN
DRAGONARA RESORT
Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-20 ta' Ottubru 2009: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi.**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

***Bi żball naqset li tidher soluzzjoni numru 21 Weqfin u għalhekk kemm it-tweġiba numru 21 Weqfin u kif ukoll dik numru 32 Mimdudin ma kienux ikkunsidrati**

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 29



Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 29 ta' Awwissu 2009 hija: Melissa Mamo - Qormi

**MIMDUDIN**

1) Sailing Club Malti magħruf ħafna (7)
4) Captain ta' Espanyol FC li miet riċentament (6)
6) Rasmus, lagħab ma' Svezja kontra Malta (3)
8) De Brehan, żiemel Franċiż fil-Marsa (7)
9) Tim, footballer u skwadra tal-Moto GP Ġappuniżi (5)
11) Grand ...., l-aktar tournament importanti f'ċertu sports (4)
12) Dusan, ex-kowċ nazzjonali Malti tal-Futbol (6)
13) Goal......, l-għassies tal-lasti fil-Futbol (6)
16) Dinara, tennista Russa naqra 'SAbiħa' u 'FINA' (6)
18) Anders, ex-footballer internazzjonali Svediż (6)
19) B'plejer inqas fil-Waterpolo jew "...-.." (3,2)
20) Clayton Failla, "Footballer of the ...." tal-MFA 08/09 (4)
22) L-atleti kollha f'kull sport għal dawn jikkompetu (5)
23) Davis, ex-champion mondjali tal-iSnooker (5)
25) Ibrahimovic, ma mpressjonax kontra Malta (6)
28) Sergio, kowċ nazzjonali Malti tal-Waterpolo (5)
30) Middlesborough fil-qosor (4)
31) Haruna, akkwist ġdid ta' Dingli Swallows FC (4)
32) Borg tal-Yachting, Bajada tal-futbol Għawdxi (5)

**WEQFIN**

1) Armin, kowċ ta' Wolfsburg FC tal-Ġermanja (3)
2) International Association of Athletics Federations (1,1,1,1)
3) Ayrton, il-mibki sewwieq tal-Formula Wieħed (5)
4) Missier Jordi ta' Valletta FC (5)
5) Fir-Regatta jew bil-qiegħda jew bil-wieqfa xogħlu (7)
7) Ex difensur ta' Man Utd li ma twelidx f'Mejju! (3)
10) L-ispot tiegħu hi 11-il metru bogħod mill-linja tal-lasta (7)
11) Difensur u 'kennies' fil-futbol (7)
14) James, żagħżugħ Malti li jilgħab ma' Man City FC (5)
15) Bobby, il-mibki kowċ tal-futbol ta' fama mondjali (6)
16) Chaudron, għal darb'oħra Champion tad-Dinja (7)
17) RN ......., it-tim tal-waterpolo ta' Matthew Zammit (7)
21) Fleri Soler, atleta u maratonista Maltija (6)
24) Samuel, akkwist ta' klassi għal Inter FC (3'1)
25) Kif kien magħruf Joe Cassar Naudi ex referee Malti (5)
26) Mhux Galopp! (5)
27) Anton, 25 sena president ta' Melita FC (5)
29) World Anti-Doping Agency (1,1,1,1)



25% discount
for Students, Children & Senior Citizens.
LIMITED OFFER
A NEW SHOW
by the Shaolin Monks
together on stage for the first time with
The Masters of Kalaripayattu from India in
THE HOLY MOUNTAIN
LIVE AT
THE MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE (MCC)
VALLETTA
6TH, 7TH & 8TH NOVEMBER 2009
TICKET PRICES FROM €29 (Lm12.45)
On-Line Bookings & Reservations: MCC on 25595750/1 or bookings@mcc.com.mt
MCC Box office: Mon to Fri - 10.00 - 13.00 & 17.00 - 19.00 • Sat 10.00 - 13.00 - www.mcc.com.mt
Gozo Booking Office: 21558266 / 79815541
For more details: info@standingovations.com.mt .com or 79557988
www.holymountaininmalta.com
www.standingovations.com.mt




## Better value for the same price.
## Starting from €13,990

**Standard features include:** Power steering, Air conditioning Climatic, Remote central locking, Electric windows, Electric heated mirrors, Driver and passenger front and front side airbags, Radio CD MP3 with four front speakers, ABS, 15" Alloy wheels, 3 Spoke leather steering wheel, Leather gear lever and handbrake lever, On-board computer, Flat tyre indicator and Front centre armrest.

## New Polo. Remarkable.

Das Auto.

Continental Cars Ltd. Princess Margaret Street, Msida MSD1330, Malta Tel: 2347 6315/6/7 Mobile: 9943 3330 Email: info@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom. Ghajnsielem Road, Mgarr GSM9016, Gozo Tel: 2155 6942 Mobile: 9945 5699 Email: joecurmi@mizzimotors.com.mt

member of the: MIZZI ORGANISATION